2023/2878

18.12.2023

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2023/2878

tat-18 ta' Diċembru 2023

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/2874 tat-18 ta' Diċembru 2023 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna ([1]).

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 833/2014 ([2]) dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 jagħti effett lil ċerti miżuri previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK ([3]).

(3) Fit-18 ta' Diċembru 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2874, li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK.

(4) Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/2874 iżżid 29 entità ġdida mal-lista ta' persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness IV tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK, jiġifieri l-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li jappoġġaw direttament il-kumpless militari u industrijali tar-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, li fuqhom huma imposti restrizzjonijiet aktar stretti fuq l-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju, kif ukoll oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib teknoloġiku tas-settur tad-difiża u għas-sigurtà tar-Russja. Barra minn hekk, fid-dawl tar-rwol abilitanti ewlieni tal-komponenti elettroniċi għall-użu mill-kumpless militari u industrijali tar-Russja bħala appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, id-Deċiżjoni (PESK) 2023/2874 tinkludi wkoll fuq dik il-lista ċerti entitajiet f'pajjiżi terzi apparti r-Russja involuti fiċ-ċirkomvenzjoni tar-restrizzjonijiet kummerċjali, kif ukoll ċerti entitajiet Russi involuti fl-iżvilupp, il-produzzjoni u l-provvista ta' komponenti elettroniċi għall-kumpless militari u industrijali tar-Russja.

(5) Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/2874 tespandi l-lista ta' oġġetti li jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tar-Russja jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u s-sigurtà tagħha billi żżid oġġetti li ntużaw mir-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna u oġġetti li jikkontribwixxu għall-iżvilupp jew il-produzzjoni tas-sistemi militari tagħha, inklużi sustanzi kimiċi, batteriji tal-litju, termostati, muturi DC u servo għal vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ, makkinarju għodda u parts tal-makkinarju.

(6) Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/2874 introduċiet elenku ta' pajjiżi sħab li japplikaw sett ta' miżuri restrittivi fuq importazzjonijiet tal-ħadid u l-azzar u sett ta' miżuri ta' kontroll fuq l-importazzjoni li huma sostanzjalment ekwivalenti għal dawk fir-Regolament (UE) Nru 833/2014. Testendi wkoll ċerti perjodi ta' stralċ għall-importazzjoni ta' prodotti speċifiċi tal-azzar.

([1]) ĠU L, 2023/2874, 18.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2874/oj.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13).

(7) Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/2874 timponi restrizzjonijiet ulterjuri fuq l-esportazzjonijiet ta' oġġetti li jistgħu jikkontribwixxu b'mod partikolari għat-titjib tal-kapaċitajiet industrijali Russi. Barra minn hekk, biex jiġi minimizzat ir-riskju ta' ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi, id-Deċiżjoni (PESK) 2023/2874 tipprojbixxi t-tranżitu mit-territorju tar-Russja ta' ċerti oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu b'mod partikolari għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet industrijali Russi, esportati mill-Unjoni.

(8) Addizzjonalment, id-Deċiżjoni (PESK) 2023/2874 tintroduċi aktar restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet ta' oġġetti li jiġġeneraw dħul sinifikanti għar-Russja, li b'hekk jippermettui l-kontinwazzjoni tal-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, bħall-gass propan likwifikat, il-ħadid fondut grezz u l-ispiegeleisen, il-wajers tar-ram, il-wajers tal-aluminju, il-fojl, it-tubi u l-pajpijiet. Huma previsti ċerti eċċezzjonijiet u perjodi ta' tranżizzjoni.

(9) Barra minn hekk, id-Deċiżjoni (PESK) 2023/...[+] tippermetti lill-Istati Membri jawtorizzaw id-dħul fl-Unjoni ta' oġġetti personali li ma jippreżentawx tħassib sinifikanti ta' ċirkomvenzjoni, bħall-oġġetti ta' iġjene personali, jew l-ilbies li l-vjaġġaturi jkunu lebsin jew li jkun fil-bagalji tagħhom, u li jkun ċar li jkunu maħsuba strettament għall-użu personali tagħhom jew tal-membri tal-familja tagħhom. Hija tipprevedi wkoll eżenzjoni għall-karozzi li jkollhom pjanċa ta' reġistrazzjoni ta' vettura diplomatika li jidħlu fl-Unjoni, u, sabiex jiġi ffaċilitat id-dħul fl-Unjoni ta' ċittadini tal-Unjoni li jgħixu fir-Russja, tippermetti lill-Istati Membri jawtorizzaw, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, id-dħul ta' karozzi ta' ċittadini tal-Unjoni jew tal-membri tal-familja immedjata tagħhom li huma residenti fir-Russja u li qed jivvjaġġaw lejn l-Unjoni, dment li l-karozzi ma jkunux għall-bejgħ u jkunu misjuqa għall-użu strettament personali. Is-sitwazzjoni tal-karozzi mir-Russja li diġà jinsabu fit-territorju tal-Unjoni tista' tiġi regolarizzata mill-Istati Membri.

(10) Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/... [+] tintroduċi deroga li tippermetti l-għoti ta' self jew krediti lil entitajiet li joperaw fis-settur tal-enerġija Russu li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq it-tranżazzjonijiet prevista fir-Regolament (UE) Nru 833/2014, taħt il-kondizzjonijiet previsti fih.

(11) Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/2874 timponi projbizzjoni fuq l-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasferiment diretti jew indiretti ta' djamanti mir-Russja. Dik il-projbizzjoni tapplika għal djamanti ta' oriġini Russa, djamanti esportati mir-Russja, djamanti li jgħaddu mir-Russja u djamanti Russi meta jkunu pproċessati f'pajjiżi terzi apparti r-Russja.

(12) Il-projbizzjoni tapplika għal djamanti mhux industrijali u sisntetiċi u wkoll għal ġojjellerija tad-djamanti, mill-1 ta' Jannar 2024, u tinkludi introduzzjoni gradwali progressiva mill-1 ta' Marzu 2024 sal-1 ta' Settembru 2024, ta' projbizzjoni indiretta fuq l-importazzjoni tad-djamanti Russi meta jkunu proċessati f'pajjiżi terz apparti r-Russja, inkluża ġojjellerija li tinkorpora djamanti li joriġinaw mir-Russja. L-introduzzjoni gradwali tal-importazzjonijiet indiretti tikkunsidra l-bżonn li jkun implimentat l-mekkaniżmu xieraq għat-traċċabilità li jippermetti l-infurzar effettiv u jimminimizza t-tfixkil għall-atturi fis-suq.

(13) Il-projbizzjoni fuq id-djamanti Russi hija parti mill-isforz tal-G7 biex jiżviluppa projbizzjoni internazzjonali koordinata tad-djamanti li għandha l-għan li ċċaħħad lir-Russja minn tali sors importanti ta' dħul. Biex il-projbizzjoni effettivament iċċaħħad lir-Russja mid-dħul mill-estrazzjoni tad-djamanti, jeħtieġ li tittieħed azzjoni flimkien ma' azzjoni simultanja fi swieq kbar oħra tad-djamanti, inkluż ir-restrizzjoni ta' importazzjonijiet ta' djamanti Russi li ġew proċessati f'pajjiżi terzi apparti r-Russja.

(14) Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/2874 testendi b'sena addizzjonali derogi speċifiċi mill-projbizzjoni fuq l-importazzjonijiet mir-Russja ta' żejt grezz u prodotti tal-petroleum sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista ta' ċerti Stati Membri.

(15) Il-mekkaniżmu tal-limitu massimu tal-prezzijiet jiddependi fuq proċess ta' attestazzjoni li jippermetti lill-operaturi fil-katina tal-provvista taż-żejt Russu li jinġarr bil-baħar juru li nxtara bil-limitu massimu tal-prezz jew taħtu maqbul mill-Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet. Sabiex l-implimentazzjoni ta' dak il-mekkaniżmu, u l-konformità għalih, jiġu appoġġati aktar, filwaqt li jiżdiedu l-ostakli għall-falsifikazzjoni tal-attestazzjonijiet, id-Deċiżjoni (PESK) 2023/2874 tintroduċi rekwiżit biex l-informazzjoni diżaggregata dwar il-prezz għall-kostijiet anċillari, bħall-assigurazzjoni u n-noll, tiġi kondiviża fuq talba tul il-katina tal-provvista tal-kummerċ fiż-żejt Russu. F'konformità mas-sistema ta' livelli tal-Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet għall-attestazzjonijiet li

timmodula l-obbligi ta' konformità tal-atturi abbażi tal-aċċess tagħhom għall-prezz tax-xiri taż-żejt grezz jew ta' prodotti tal-petroleum Russi, l-informazzjoni diżaggregata tal-prezz għandha tiġi kondiviża minn dawk l-atturi b'aċċess għal dik l-informazzjoni, bħan-negozjanti jew in-noliġġaturi. Jenħtieġ li l-atturi fi tmiem il-katina tal-provvista, bħas-sidien tal-vapuri jew l-assiguraturi, ikunu jistgħu jiġbru bħala parti mill-proċeduri tad-diliġenza dovuta tagħhom, u jikkondividu, l-informazzjoni diżaggregata dwar il-kost ipprovduta mill-atturi li jkunu qrib l-oriġini ta' informazzjoni bħal din. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu fi kwalunkwe waqt jitolbu dik l-informazzjoni minn kwalunkwe attur, irrispettivament minn fejn jinsabu fil-katina tal-provvista, sabiex jivverifikaw il-konformità mal-mekkaniżmu tal-limitu massimu tal-prezzijiet. Huwa previst perjodu tranżizzjonali xieraq.

(16) Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/2874 tipprevedi wkoll li l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-mekkaniżmu tal-limitu massimu tal-prezzijiet jenħtieġ li jkunu ulterjorment appoġġati mill-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, u l-Istati Membri biex jidentifikaw bastimenti u entitajiet li jwettqu prattika qarrieqa waħda jew aktar, bħat-trasferimenti minn vapur għal vapur użati biex jaħbu l-oriġini jew id-destinazzjoni tal-merkanzija u manipulazzjonijiet tas-sistema ta' identifikazzjoni awtomatika, filwaqt li jittrasportaw żejt grezz jew prodotti tal-petroleum Russi. Tali informazzjoni tista' tappoġġa azzjonijiet ta' infurzar mill-Istati Membri.

(17) Sabiex tiġi introdotta t-trasparenza fil-bejgħ ta' tankers, b'mod partikolari trasportaturi użati, li jistgħu jintużaw biex tiġi evitata l-projbizzjoni fuq l-importazzjoni ta' prodotti tal-grezz jew tal-petroleum Russu u l-limitu massimu tal-prezz miftiehem mill-Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet, id-Deċiżjoni (PESK) 2023/2874 tipprevedi għal obbligu ta' notifika għall-bejgħ ta' tankers lejn kwalunkwe pajjiż terz u deroga mill-projbizzjoni fuq il-bejgħ ta' tankers lejn persuni u entitajiet Russi, jew għall-użu fir-Russja. Dan l-obbligu japplika għas-sid ta' tanker li huwa ċittadin ta' Stat Membru, għal persuna fiżika residenti fi Stat Membru, u għal persuna ġuridika, entità jew korp li huma stabbiliti fl-Unjoni. Jenħtieġ li s-sid, jew kull min jaġixxi f'ismu, jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti bi kwalunkwe bejgħ bħal dan konklużi mill-5 ta' Diċembru 2022 'l hawn u jipprovdi d-dettalji neċessarji kollha.

(18) Il-mekkaniżmu tal-limitu massimu tal-prezzijiet jipprevedi li proġetti speċifiċi li huma essenzjali għas-sigurtà tal-enerġija ta' ċerti pajjiżi terzi jistgħu jiġu eżentati mil-limitu massimu tal-prezz maqbul mill-Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet. Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/2874 testendi l-eżenzjoni prevista fir-rigward tal-Proġett Sakhalin-2 (Сахалин-2), li jinsab fir-Russja, sat-28 ta' Ġunju 2024 biex jiġu żgurati l-ħtiġijiet tas-sigurtà tal-enerġija tal-Ġappun.

(19) Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/2874 tfittex ukoll li tillimita ċ-ċirkomvenzjoni tal-projbizzjoni fuq il-forniment ta' servizzi ta' kartiera tal-kriptoassi, ta' kontijiet jew ta' kustodja lil persuni u lil residenti Russi billi tinkludi projbizzjoni fuq ċittadini Russi jew persuni fiżiċi li jirrisjedu fir-Russja milli jippossjedu jew jikkontrollaw jew ikollhom kariga fuq il-korpi governattivi tal-persuni ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi li jipprovdu tali servizzi.

(20) Addizzjonalment, id-Deċiżjoni (PESK) 2023/2874 testendi l-projbizzjoni eżistenti fuq il-forniment ta' servizzi biex tinkludi wkoll il-forniment ta' software għall-ġestjoni ta' intrapriżi u software għad-disinn u l-manifattura industrijali, soġġetta għall-eżenzjonijiet u d-derogi xierqa.

(21) Minħabba l-importanza tal-proġett Paks II għall-interessi tal-Ungerija fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, id-Deċiżjoni (PESK) 2023/2874 tiċċara wkoll li l-eżenzjonijiet u d-derogi f'dan ir-Regolament li jikkonċernaw proġetti nukleari ċivili huma applikabbli bis-sħiħ għall-oġġetti u s-servizzi kollha meħtieġa għal dak il-proġett.

(22) Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/2874 timponi wkoll ċerti rekwiżiti ta' rapportar għat-trasferimenti ta' fondi 'l barra mill-Unjoni magħmula minn entitajiet stabbiliti fl-Unjoni, inkluż Entitajiet bi Skop Speċjali, li d-drittijiet proprjetarji tagħhom ikunu ta' entitajiet stabbiliti fir-Russja, minn ċittadini Russi jew minn persuni fiżiċi li jirrisjedu fir-Russja.

(23) Barra minn hekk, id-Deċiżjoni (PESK) 2023/2874 tirrikjedi li l-esportaturi jipprojbixxu kuntrattwalment ir-riesportazzjoni lejn ir-Russja u r-riesportazzjoni għall-użu fir-Russja ta' oġġetti u teknoloġija sensittiva kif elenkat fl-Annessi XI, XX u XXXV tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, oġġetti komuni ta' prijorità għolja, jew armi tan-nar u munizzjon kif elenkat fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 258/2012.

(24) Fl-aħħar nett, id-Deċiżjoni (PESK) 2023/2874 tagħmel ċerti emendi tekniċi, inkluż billi tissostitwixxi l-eżenzjonijiet minn ċerti projbizzjonijiet b'derogi, billi jinżdiedu eżenzjonijiet għall-użu personali, billi tipprovdi għal obbligi ta' notifika, billi żżid referenzi li huma neqsin f'xi Artikoli iżda li ġew inklużi f'artikoli analogi, u billi tħassar ir-referenzi għall-perjodi tranżizzjonali li skadew u referenzi oħra li mhumiex neċessarji għall-konformità mal-iskop ta' dispożizzjoni partikolari. It-tħassir tar-referenzi għall-perjodi ta tranżizzjoni li diġà skadew mhix intenzjonata biex ikollha effetti legali fuq kuntratti mgħoddija jew li għaddejjin bħalissa jew fuq l-applikabbilità ta' dawk il-perjodi ta' tranżizzjoni.

(25) Dawn il-miżuri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għalhekk, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom fl-Istati Membri kollha, hija neċessarja azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni.

(26) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 833/2014 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt (u), il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"(u) "settur tal-enerġija" tfisser settur li jkopri l-attivitajiet li ġejjin bl-eċċezzjoni ta' attivitajiet ċivili relatati mal-qasam nukleari, bħall-proġett Paks II:";

(b) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(zc) "pajjiż sieħeb għall-importazzjoni tal-ħadid u l-azzar" tfisser pajjiż li japplika sett ta' miżuri restrittivi fuq l-importazzjonijiet tal-ħadidu l-azzar sostanzjalment ekwivalenti għal dawk stipulati fl-Artikolu 3g, u sett ta' miżuri ta' kontroll fuq l-importazzjoni sostanzjalment ekwivalenti għal dawk stipulati f'dak l-Artikolu, kif identifikati fl-Anness XXXVI;

(zd) "fondi" tfisser assi finanzjarji u benefiċċji ta' kull tip, inkluż, iżda mhux limitati għal:

(i) flus, ċekkijiet, pretensjonijiet fuq flus, kambjali, money orders u strumenti oħra ta' pagament;

(ii) depożiti ma' istituzzjonijiet finanzjarji jew entitajiet oħra, bilanċi fuq kontijiet, djun u obbligi ta' dejn;

(iii) titoli u strumenti ta' dejn innegozjati pubblikament u privatament, inkluż stokks u ishma, ċertifikati li jirrappreżentaw titoli, bonds, noti, warrants, obbligazzjonijiet u kuntratti ta' derivattivi;

(iv) imgħax, dividendi jew introjtu ieħor minn assi jew il-valur provenjenti jew iġġenerat minnhom;

(v) kreditu, dritt ta' tpaċija, garanziji, garanziji ta' eżekuzzjoni jew impenji finanzjarji oħrajn;

(vi) ittri ta' kreditu, poloz ta' kargu, poloz ta' bejgħ; u

(vii) dokumenti li jagħtu prova ta' xi interess f'fondi jew f'riżorsi finanzjarji.";

(2) fl-Artikolu 2(4), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) maħsuba għall-operat, il-manutenzjoni, it-trattament mill-ġdid tal-fjuwil u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, bħall-proġett Paks II, kif ukoll il-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp;";

(3) fl-Artikolu 2a(4), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) maħsuba għall-operat, il-manutenzjoni, it-trattament mill-ġdid tal-fjuwil u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, bħall-proġett Paks II, kif ukoll il-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp;";

(4) fl-Artikolu 3, il-paragrafi 4 u 5 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"4. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 2 ma għandhomx japplikaw sal-20 ta' Ġunju 2024 għall-forniment ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni lil kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti skont id-dritt ta' Stat Membru fir-rigward tal-attivitajiet tiegħu barra mis-settur tal-enerġija fir-Russja.

5. B'deroga mill-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, skont dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, il-forniment ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni wara l-20 ta' Ġunju 2024 lil kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru fir-rigward tal-attivitajiet tiegħu barra mis-settur tal-enerġija fir-Russja.";

(5) fl-Artikolu 3a, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. B'deroga mill-punt (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, kwalunkwe attività msemmija fih wara li jkunu ddeterminaw li, f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 5aa(3), tali attività hija neċessarja biex tiżgura l-operat ta' proġett tal-gass offshore tal-baħar fond fil-Baħar Mediterran li fih persuna ġuridika, entità jew korp elenkat fl-Anness XIX kien azzjonist minoritarju qabel il-31 ta' Ottubru 2017 u għadu hekk, dment li l-proġett ikun ikkontrollat jew operat unikament jew konġuntament minn persuna ġuridika inkorporata jew kostitwita skont il-liġi ta' Stat Membru.";

(6) fl-Artikolu 3c, jitħassru l-paragrafi 5, 5a, 5b u 5c;

(7) fl-Artikolu 3ea(5), il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) it-trasport ta' fjuwil nukleari u oġġetti oħra strettament meħtieġa għall-funzjonament tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, bħall-proġett Paks II.";

(8) l-Artikolu 3g huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) mit-30 ta' Settembru 2023, l-importazzjoni jew ix-xiri, direttament jew indirettament, ta' prodotti tal-ħadid u tal-azzar kif elenkati fl-Anness XVII meta jiġu pproċessati f'pajjiż terz li jinkorpora prodotti tal-ħadid u tal-azzar li joriġinaw mir-Russja kif elenkati fl-Anness XVII; fir-rigward tal-prodotti elenkati fl-Anness XVII ipproċessati f'pajjiż terz li jinkorpora prodotti tal-azzar li joriġinaw mir-Russja tal-kodiċijiet NM 7207 11, 7207 12 10 jew 7224 90, din il-projbizzjoni għandha tapplika mill-1 ta' April 2024 għall-kodiċi NM 7207 11 u mill-1 ta' Ottubru 2028 għall-kodiċijiet NM 7207 12 10 u 7224 90;

Għall-iskop tal-applikazzjoni ta' dan il-punt, fil-waqt tal-importazzjoni, l-importaturi għandhom jipprovdu evidenza dwar il-pajjiż tal-oriġini tal-inputs tal-ħadid u l-azzar użati fl-ipproċessar tal-prodott f'pajjiż terz sakemm il-prodott ma jkunx importat minn pajjiż sieħeb għall-importazzjoni tal-ħadid u l-azzar kif elenkat fl-Anness XXXVI;";

(b) fil-paragrafu 4, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(c) 3 185 719 tunnellata metrika bejn l-1 ta' Ottubru 2024 u t-30 ta' Settembru 2025;

(d) 2 998 324 tunnellata metrika bejn l-1 ta' Ottubru 2025 u t-30 ta' Settembru 2026;

(e) 2 623 534 tunnellata metrika bejn l-1 ta' Ottubru 2026 u t-30 ta' Settembru 2027;

(f) 2 061 348 tunnellata metrika bejn l-1 ta' Ottubru 2027 u t-30 ta' Settembru 2028.";

(c) fil-paragrafu 5a, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(c) 124 956 tunnellati metriċi bejn l-1 ta' Ottubru 2024 u t-30 ta' Settembru 2025;

(d) 117 606 tunnellati metriċi bejn l-1 ta' Ottubru 2025 u t-30 ta' Settembru 2026;

(e) 102 905 tunnellati metriċi bejn l-1 ta' Ottubru 2026 u t-30 ta' Settembru 2027;

(f) 80 854 tunnellata metrika bejn l-1 ta' Ottubru 2027 u t-30 ta' Settembru 2028.";

(d) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment tal-oġġetti elenkati fl-Anness XVII, b'dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dan ikun neċessarju għall-istabbiliment, l-operat, il-manutenzjoni, il-forniment u t-trattament mill-ġdid tal-fjuwil u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, il-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar meħtieġa għat-tlestija tal-faċilitajiet nukleari ċivili, bħall-proġett Paks II, il-forniment ta' materjal prekursur għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, jew teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll il-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp.";

(9) fl-Artikolu 3h, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, direttament jew indirettament, ta' oġġetti ta' lussu, kemm jekk joriġinaw mill-Unjoni jew le, kif elenkat fl-Anness XVIII, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.";

(10) l-Artikolu 3i huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"3aa. L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jippermettu l-importazzjoni ta' oġġetti li huma maħsuba għall-użu strettament personali ta' persuni fiżiċi li jivvjaġġaw lejn l-Unjoni jew ta' membri tal-familja immedjata tagħhom, u limitati għal oġġetti personali proprjetà ta' dawk l-individwi u li huma manifestament mhux maħsuba għall-bejgħ.

3ab. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, id-dħul fl-Unjoni ta' vettura li taqa' taħt il-kodiċi NM 8703 mhux maħsuba għall-bejgħ u li tkun proprjetà ta' ċittadin ta' Stat Membru jew ta' membru tal-familja immedjata li jkun residenti fir-Russja u li jkun qed isuq il-vettura fl-Unjoni għall-użu strettament personali.

3ac. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għad-dħul fl-Unjoni ta' vetturi bil-mutur li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 8703 dment li jkollhom pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' vettura diplomatika u jkunu meħtieġa għall-funzjonament ta' rappreżentanzi diplomatiċi u konsulari, inkluż delegazzjonijiet, ambaxxati u missjonijiet, jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li jgawdu minn immunitajiet f'konformità mad-dritt internazzjonali, jew għall-użu personali tal-persunal tagħhom u tal-membri tal-familja immedjata tagħhom.

3ad. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tipprevjeni vetturi li jkunu diġà jinsabu fit-territorju tal-Unjoni fid-19 ta' Diċembru 2023 milli jiġu rreġistrati fi Stat Membru.

3ca. Fir-rigward tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7205, 7408, 7604, 7605, 7607 u 7608, il-projbiz zjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sal-20 ta' Marzu 2024 ta' kuntratti konklużi qabel id-19 ta' Diċembru 2023, jew ta' kuntratti anċillari neċessarji għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

3cb. Fir-rigward tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 2711 12, 2711 13, 2711 14, 2711 19 u 7202, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sal-20 ta' Diċembru 2024 tal-kuntratti konklużi qabel d-19 ta' Diċembru 2023, jew ta' kuntratti anċillari neċessarji għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

3cc. Fir-rigward tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 7201, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasport, jew l-assistenza teknika jew finanzjarja relatata tal-kwantitajiet ta' oġġetti li ġejjin:

(a) 1 140 000 tunnellata metrika bejn id-19 ta' Diċembru 2023 u l-31 ta' Diċembru 2024;

(b) 700 000 tunnellata metrika bejn l-1 ta' Jannar 2025 u l-31 ta' Diċembru 2025.

3cd. Fir-rigward tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 7203, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasport, jew l-assistenza teknika jew finanzjarja relatata tal-kwantitajiet ta' oġġetti li ġejjin:

(a) 1 140 836 tunnellata metrika bejn id-19 ta' Diċembru 2023 u l-31 ta' Diċembru 2024;

(b) 651 906 tunnellata metrika bejn l-1 ta' Jannar 2025 u l-31 ta' Diċembru 2025.";

(b) il-paragrafu 3c jinbidel b'dan li ġej:

"3c. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment tal-oġġetti elenkati fl-Anness XXI, jew il-provvista ta' assistenza teknika u finanzjarja relatata, b'dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dan ikun neċessarju għall-istabbiliment, l-operat, il-manutenzjoni, il-forniment u t-trattament mill-ġdid tal-fjuwil u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, il-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar meħtieġa għat-tlestija tal-faċilitajiet nukleari ċivili, bħall-proġett Paks II, il-forniment ta' materjal prekursur għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, jew teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll il-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp.";

(c) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-kwoti ta' volum tal-importazzjoni stipulati fil-paragrafi 3cc, 3cd, 3da u 4 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu ġestiti mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri f'konformità mas-sistema ta' ġestjoni għall-kwoti tariffarji prevista fl-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447.";

(d) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'kull awtorizzazzjoni li jagħti skont il-paragrafi 3c u 3e fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.";

(11) l-Artikolu 3k huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, direttament jew indirettament, ta' oġġetti li jistgħu jikkontribwixxu b'mod partikolari għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet industrijali tar-Russja, kemm jekk joriġinaw mill-Unjoni jew le, kif elenkat fl-Anness XXIII, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. It-tranżitu mit-territorju tar-Russja tal-oġġetti u t-teknoloġija kif elenkat fl-Anness XXXVII, esportati mill-Unjoni, għandu jkun ipprojbit."

(c) jitħassru l-paragrafi 3, 3a u 3b;

(d) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"3aa. Fir-rigward tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM elenkati fl-Anness XXIIIa, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sal-20 ta' Marzu 2024 tal-kuntratti konklużi qabel id-19 ta' Diċembru 2023, jew ta' kuntratti anċillari neċessarji għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.";

3ab. Fir-rigward tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM elenkati fl-Anness XXIIIB, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sal-20 ta' Ġunju 2024 ta' kuntratti konklużi qabel id-19 ta' Diċembru 2023, jew ta' kuntratti anċillari neċessarji għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.";

(e) fil-paragrafu 5, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) l-istabbiliment, l-operat, il-manutenzjoni, il-forniment u t-trattament mill-ġdid tal-fjuwil u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, tal-kostruzzjoni u l-kummissjonar meħtieġa għat-tlestija ta' faċilitajiet nukleari ċivili, bħall-proġett Paks II, kif ukoll il-forniment ta' materjal prekursur għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, jew teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll il-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp;"

(f) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"5c. B'deroga mill-paragrafu 1a, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw it-tranżitu mit-territorju tar-Russja ta' oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu b'mod partikolari għat-titjib tal-kapaċitajiet industrijali Russi kif elenkati fl-Anness XXXVII, wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti jew teknoloġija huma maħsuba għall-finijiet stabbiliti fil-paragrafi 5 u 5b ta' dan l-Artikolu.";

(g) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni li jagħti skont il-paragrafi 5, 5a, 5b u 5c fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.";

(12) l-Artikolu 3 l huwa emendat kif ġej:

(a) jitħassru l-paragrafi 3 u 3a:

(b) fil-paragrafu 4, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) sakemm ma jkunx ipprojbit b'xi mod ieħor, ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport fl-Unjoni ta' gass naturali u żejt, inklużi prodotti tal-petroleum raffinat, kif ukoll titanju, aluminju, ram, nikil, palladju u mineral tal-ħadid;";

(13) l-Artikolu 3m huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 6, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"6. Mill-5 ta' Frar 2023, u b'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Kroazja jistgħu jawtorizzaw sal-31 ta' Diċembru 2024 ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment ta' żejt tal-gass f'vakwu li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2710 19 71 li joriġina fir-Russja jew li jiġi esportat mir-Russja, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:";

(b) fil-paragrafu 8, ir-raba' subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"B'deroga temporanja, il-projbizzjonijiet imsemmija fit-tielet subparagrafu għandhom japplikaw mill-5 ta' Diċembru 2024 għall-importazzjoni u t-trasferiment fiċ-Ċekja, u għall-bejgħ lix-xerrejja fiċ-Ċekja, ta' prodotti tal-petroleum miksuba minn żejt grezz li jkun ġie kkonsenjat permezz ta' pipeline fi Stat Membru ieħor kif imsemmi fil-paragrafu 3(d). Jekk provvisti alternattivi għal tali prodotti tal-petroleum isiru disponibbli għaċ-Ċekja qabel dik id-data, il-Kunsill għandu jtemm dik id-deroga temporanja. Matul il-perjodu sal-5 ta' Diċembru 2024, il-volumi ta' tali prodotti tal-petroleum importati fiċ-Ċekja minn Stati Membri oħra ma għandhomx jaqbżu l-volumi medji importati fiċ-Ċekja minn dawk l-Istati Membri l-oħra matul l-istess perjodu matul il-ħames snin preċedenti.";

(14) l-Artikolu 3n huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"6a. B'applikazzjoni tal-paragrafi 4 u 6, il-punt (a), għaż-żejt grezz jew prodotti tal-petroleum Russi elenkati fl-Anness XXV, mgħobbija mill-20 ta' Frar 2024, il-fornituri tas-servizz li ma għandhomx aċċess għall-prezz tax-xiri għal kull barmil stabbilit fl-Anness XXVIII għal tali prodotti għandhom jiġbru informazzjoni diżaggregata tal-prezz għall-kostijiet anċillari kif mogħtija mill-operaturi qrib il-bidu tal-katina tal-provvista tal-kummerċ fiż-żejt grezz jew fil-prodotti tal-petroleum Russi. Tali informazzjoni diżaggregata dwar il-prezzijiet għandha tiġi pprovduta lill-kontropartijiet u lill-awtoritajiet kompetenti, fuq talba tagħhom, għall-fini ta' verifika tal-konformità ma' dan l-Artikolu.";

(b) jitħassar il-paragrafu 8;

(15) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 3na*

Biex jiġu ffaċilitati l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-Artikoli 3m u 3n, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom perjodikament jikkondividu informazzjoni ma' xulxin bil-ħsieb li jidentifikaw ulterjorment il-bastimenti u l-entitajiet ta' tħassib li jwettqu prattika qarrieqa waħda jew aktar waqt it-trasport taż-żejt grezz u tal-prodotti tal-petroleum Russi.

Informazzjoni riċevuta f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tkun użata biss għall-għan li għalih tkun intalbet.

Artikolu 3p

1. Mill-1 ta' Jannar 2024, għandu jkun ipprojbit ix-xiri, l-importazzjoni, jew it-trasferiment, dirett jew indirett, ta' djamanti u prodotti li fihom id-djamanti, kif elenkati fil-Partijiet A, B u C tal-Anness XXXVIIIA, jekk joriġinaw mir-Russja jew ikunu ġew esportati mir-Russja lejn l-Unjoni jew lejn xi pajjiż terz.

2. Mill-1 ta' Jannar 2024, għandu jkun ipprojbit ix-xiri, l-importazzjoni, jew it-trasferiment, direttjew indirett, ta' djamanti u prodotti li fihom id-djamanti, kif elenkati fil-Partijiet A, B u C tal-Anness XXXVIIIA, ta' kwalunkwe oriġini, jekk ikunu għaddew mit-territorju tar-Russja.

3. Mill-1 ta' Marzu 2024, għandu jkun ipprojbit ix-xiri, l-importazzjoni, jew it-trasferiment, direttjew indirett, ta' prodotti elenkati fil-Parti Atal-Anness XXXVIIIA, meta pproċessati f'pajjiż terz, li jikkonsistu minn djamanti li joriġinaw mir-Russja jew esportati mir-Russja b'piż ta' 1,0 karat jew aktar għal kull djamant.

4. Mill-1 ta' Settembru 2024, għandu jkun ipprojbit ix-xiri, l-importazzjoni, jew it-trasferiment, direttjew indirett, ta' prodotti elenkati fil-Partijiet A, B u C tal-Anness XXXVIIIA, meta pproċessati f'pajjiż terz, li jikkonsisti minn jew li jinkorporaw djamanti li joriġinaw mir-Russja jew esportati mir-Russja, b'piż ta' 0,5 karat jew aktar jew 0,1 gramma għal kull djamant.

5. Għandu jkun ipprojbit:

(a) l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmijin fil-paragrafi 1 sa 4, u l-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawn l-oġġetti, direttament jew indirettament fir-rigward tal-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 sa 4;

(b) l-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafi 1 sa 4 għal kull xiri, importazzjoni jew trasferiment ta' dawn l-oġġetti, jew għall-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati, direttament jew indirettament fir-rigward tal-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 sa 4.

6. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 sa 4 ma għandhomx japplikaw għal oġġetti kif elenkati fil-Parti C tal-Anness XXXVIIIA għall-użu personali ta' persuni fiżiċi li jivvjaġġaw lejn l-Unjoni jew membri tal-familji immedjati tagħhom li jivvjaġġaw magħhom, proprjetà ta' dawk l-individwi u mhux maħsuba għall-bejgħ.

7. B'deroga mill-pragrafi 1 sa 4, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw it-trasferiment jew l-importazzjoni ta' proprjetà kulturali li tkun b'self fil-kuntest ta' kooperazzjoni kulturali formali mar-Russja.

8. Għall-finijiet tal-paragrafi 3 u 4, l-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7102 31 00 u 7102 10 00 li jiġu importati fl-Unjoni għandhom jiġu sottomessi għall-verifika mingħajr dewmien, flimkien ma' dokumentazzjoni li tiċċertifika l-oriġini tagħhom, lill-awtorità speċifikata fl-Anness XXXVIIIB. L-Istat Membru fejn dawk l-oġġetti jiddaħħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni għandu jiżgura s-sottomissjoni tagħhom lill-awtorità speċifikata fl-Anness XXXVIIIB. Jistgħu jingħataw tranżitu doganali għal dak il-għan. Jekk jingħata tali tranżitu doganali, il-verifika prevista f'dan il-paragrafu għandha tiġi sospiża sal-wasla ta' dawk l-oġġetti fl-awtorità speċifikata fl-Anness XXXVIIIB. L-importatur għandu jkun responsabbli għall-moviment kif suppost ta' dawk id-djamanti u tal-kostijiet ta' tali moviment.

9. Il-verifiki kollha meħtieġa skont il-paragrafu 8 għandhom jitwettqu skont ir-regoli u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2368/2002 (*), li għandhom japplikaw mutatis mutandis.

10. Għall-finijiet tal-paragrafi 3 u 4, fil-mument tal-importazzjoni, l-importaturi għandhom jipprovdu evidenza tal-pajjiż tal-oriġini tad-djamanti jew prodotti li jinkorporaw djamanti użati bħala input għall-ipproċessar tal-prodott f'pajjiż terz.

Mill-1 ta' Settembru 2024, l-evidenza bbażata fuq it-traċċabbiltà għandha tinkludi ċertifikat korrispondenti li jiċċertifika li d-djamanti mhumiex estratti, ipproċessati jew prodotti fir-Russja.

Artikolu 3q

1. Għandu jiġi pprojbit għal kwalunkwe ċittadin ta' Stat Membru, persuna fiżika residenti fi Stat Membru, u persuna ġuridika, entità jew korp li huma stabbiliti fl-Unjoni, li jbigħu jew inkella jittrasferixxu s-sjieda, direttament jew indirettament, ta'tankers għat-trasport ta' żejt grezz jew prodotti tal-petroleum elenkati fl-Anness XXV, li jaqgħu taħt il-kodiċi SA ex 8901 20, kemm jekk joriġinaw fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, skont kundizzjonijiet li jikkunsidraw xierqa, il-bejgħ jew it-trasferiment ieħor tas-sjieda ta' tankers għat-trasport taż-żejt grezz jew prodotti tal-petroleum elenkati fl-Anness XXV, li jaqgħu tat il-kodiċi HS 8901 20.

3. Meta jiddeċiedu dwar talbiet għall-awtorizzazzjoni msemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu,, l-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jagħtu awtorizzazzjoni għal bejgħ jew trasferiment ieħor tas-sjieda, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja, jekk ikollhom raġunijiet validi biex jemmnu li t-tanker ser jintuża għat-trasport ta', jew jiġi riesportat biex jittrasporta, żejt grezz jew prodotti tal-petroleum, elenkati fl-Anness XXV, li joriġinaw mir-Russja jew jiġu esportati mir-Russja għall-importazzjoni fl-Unjoni bi ksur tal-Artikolu 3m jew għat-trasport lejn pajjiżi terzi bi prezz tax-xiri għal kull barmil li jaqbeż il-prezz stabbilit fl-Anness XXVIII.

4. Kwalunkwe bejgħ jew arranġament ieħor li jinvolvi t-trasferiment tas-sjieda minn ċittadin ta' Stat Membru, persuna fiżika residenti fi Stat Membru, u persuna ġuridika, entità jew korp li huma stabbiliti fl-Unjoni lil kwalunkwe pajjiż terz ta' tankers għat-trasport ta' żejt grezz jew prodotti tal-petroleum elenkati fl-Anness XXV, li jaqgħu taħt il-kodiċi HS ex 8901 20, bl-eċċezzjoni ta' bejgħ jew trasferiment ieħor ta' sjieda pprojbiti taħt il-paragrafu 1, għandhom jiġu nnotifikati minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn is-sid tat-tanker huwa ċittadin, residenti jew stabbilit.

In-notifika tal-awtorità kompetenti għandha tinkludi mill-anqas, l-informazzjoni li ġejja: l-identitajiet tal-bejjiegħ u tax-xerrej, u fejn applikabbli d-dokumenti tal-inkorporazzjoni tal-bejjiegħ u tax-xerrej inkluż l-ishma u t-tmexxija; in-numru tal-identifikazzjoni tal-IMO tat-tanker; u s-Sinjal tas-Sejħa tat-tanker.

5. Kwalunkwe bejgħ jew trasferiment ieħor tas-sjieda ta' tankers kif imsemmi fil-paragrafi minn 1 u 4 wara l-5 ta' Diċembru 2022 u qabel id-19 ta' Diċembru 2023 u nnotifikati lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri qabel il-20 ta' Frar 2024.

6. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'kull awtorizzazzjoni li jagħti skont il-paragrafu 2, u ta' kwalunkwe notifika skont il-paragrafi 4 u 5, fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni jew notifika.

_____

(*) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2368/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 li jimplimenta l-iskema ta' ċertifikazzjoni tal-Kimberley Process fil-kummerċ internazzjonali ta' djamanti mhux maħduma (ĠU L 358, 31.12.2002, p. 28).';

(16) fl-Artikolu 5, il-paragrafi 6 u 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Għandu jkun ipprojbit li direttament jew indirettament isir xi arranġament jew tkun parti minn arranġament biex isir:

(i) self jew kreditu ġdid b'maturità li taqbeż it-30 jum lil xi persuna ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-paragrafu 1 jew 3, wara t-12 ta' Settembru 2014 sas-26 ta' Frar 2022; jew

(ii) kull self jew kreditu ġdid lil xi persuna ġuridika, entità jew korp imsemmiija fil-paragrafu 1, 2, 3 jew 4 wara s-26 ta' Frar 2022.

Il-projbizzjoni ma għandhiex tapplika għal:

(a) self jew kreditu li għandhom objettiv speċifiku u dokumentat li jipprovdu finanzjament għal importazzjonijiet jew esportazzjonijiet mhux ipprojbiti ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji bejn l-Unjoni u kwalunkwe Stat terz, inkluża n-nefqa għal prodotti u servizzi minn Stat terz ieħor li hija neċessarja għall-eżekuzzjoni tal-kuntratti ta' esportazzjoni jew importazzjoni, dment li l-awtorità nazzjonali kompetenti tkun ġiet innotifikata fi żmien 3 xhur mid-data tas-self jew tal-kreditu; jew

(b) self li jkollu objettiv speċifiku u dokumentat li jipprovdi finanzjament ta' emerġenza biex jissodisfa kriterji ta' solvenza u likwidità għal persuni ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni, li aktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom ikunu ta' xi entità msemmija fl-Anness III, dment li l-awtorità nazzjonali kompetenti tkun ġiet innotifikata fi żmien 3 xhur mid-data tas-self jew tal-kreditu.

7. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 6 ma għandhiex tapplika għal prelevament jew żborżi magħmula taħt kuntratt konkluż qabel is-26 ta' Frar 2022, sakemm jiġu ssodisfati l- kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) it-termini u l-kundizzjonijiet kollha ta' dan il-prelevament jew ta' dawn l-iżborżi:

(i) ġew miftiehma qabel is-26 ta' Frar 2022; u

(ii) ma ġewx emendati f'dik id-data jew warajha;

(b) qabel is-26 ta' Frar 2022 tkun ġiet iffissata data ta' skadenza kuntrattwali għar-rimborż sħiħ tal-fondi kollha li kienu saru disponibbli u għall-kanċellament tal-impenji, id-drittijiet u l-obbligi kollha taħt il-kuntratt;

(c) fiż-żmien meta ġie konkluż il-kuntratt ma kienx jikser il-projbizzjonijiet f'dan ir-Regolament fis-seħħ f'dak iż-żmien; u

(d) l-awtorità nazzjonali kompetenti tkun ġiet innotifikata fi żmien tliet xhur mid-data tal-prelevament jew l-iżborżi.

Il-patti u l-kundizzjonijiet tal-prelevamenti u l-iżborżi msemmija fil-punt (a) jinkludu dispożizzjonijiet dwar it-tul tal-perjodu ta' ħlas lura għal kull prelevament jew żborż, ir-rata tal-imgħax applikata jew il-metodu ta' kalkolu tar-rata tal-imgħax, u l-ammont massimu.";

(17) fl-Artikolu 5a, il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. Għandu jkun ipprojbit li direttament jew indirettament isir jew ikun parti minn kwalunkwe arranġament li jsir xi self jew kreditu ġdid lil xi persuna ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-paragrafu 1 wara t-23 ta' Frar 2022.

Il-projbizzjoni ma għandhiex tapplika għal self jew kreditu li għandu objettiv speċifiku u dokumentat li jipprovdi finanzjament għal importazzjonijiet jew esportazzjonijiet mhux ipprojbiti ta' prodotti u servizzi mhux finanzjarji bejn l-Unjoni u xi Stat terz, inkluża n-nefqa għal oġġetti u servizzi minn Stat terz ieħor li hija neċessarja għall-eżekuzzjoni tal-kuntratti ta' esportazzjoni jew importazzjoni, dment li l-awtorità nazzjonali kompetenti tkun ġiet innotifikata fi żmien 3 xhur mid-data tas-self jew tal-kreditu.

3. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 2 ma għandhiex tapplika għall-prelevament jew żborżi magħmula b'kuntratt konkluż qabel it-23 ta' Frar 2022 dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) it-termini u l-kundizzjonijiet kollha ta' dan il-prelevament jew ta' dawn l-iżborżi:

(i) ġew miftiehma qabel it-23 ta' Frar 2022; u

(ii) ma ġewx modifikati f'dik id-data jew warajha;

(b) qabel it-23 ta' Frar 2022 ġiet iffissata data tal-maturità kuntrattwali għall-ħlas lura sħiħ tal-fondi kollha disponibbli u għall-kanċellazzjoni tal-impenji, drittijiet u obbligi kollha skont il-kuntratt; u

(c) l-awtorità nazzjonali kompetenti tkun ġiet innotifikata fi żmien tliet xhur mid-data tal-prelevament jew l-iżborżi.

Il-patti u l-kundizzjonijiet tal-prelevamenti u l-iżborżi msemmija fil-punt (a) jinkludu dispożizzjonijiet dwar it-tul tal-perjodu ta' ħlas lura għal kull prelevament jew żborż, ir-rata tal-imgħax applikata jew il-metodu ta' kalkolu tar-rata tal-imgħax, u l-ammont massimu.";

(18) L-Artikolu 5aa huwa emendat kif ġej:

(a) jitħassru l-paragrafi 2, 2b u 2d;

(b) fil-paragrafu 3, l-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Sakemm ma jkunx ipprojbit b'xi mod ieħor, il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal:";

(c) fil-paragrafu 3, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) tranżazzjonijiet, inkluż ix-xiri, li huma strettament neċessarji għall-istralċ, sal-31 ta' Diċembru 2024, ta' impriża konġunta jew arranġament legali simili li jkun ġie konkluż qabel is-16 ta' Marzu 2022, li jinvolvi persuna ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-paragrafu 1;";

(d) fil-paragrafu 3, jitħassar il-punt (h);

(e) il-paragrafu 3a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3a. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, b'tali kundizzjonijiet li jqisu xierqa, tranżazzjonijiet li huma strettament neċessarji għall-iżvestiment u l-irtirar sal-31 ta' Diċembru 2024, mill-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 jew tas-sussidjarji tagħhom fl-Unjoni minn persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fl-Unjoni.";

(19) l-Artikolu 5b huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. Għandu jkun ipprojbit mit-18 ta' Jannar 2024 li nazzjonali Russi jew persuni fiżiċi li jirrisjedu fir-Russja direttament jew indirettament jippossedu jew jikkontrollaw kwalunkwe kariga fil-korp ta' tmexxija ta' persuna ġuridika, entità jew korp li huwa inkorporat jew kostitwit skont id-dritt ta' Stat Membru u li jkun qed jipprovdi servizzi msemmija fil-paragrafu 2.";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-paragrafi 1, 2 u 2a ma għandhomx japplikaw għal ċittadini ta' Stat Membru, ta' pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew tal-Iżvizzera, jew għal persuni fiżiċi li għandhom permess ta' residenza temporanju jew permanenti fi Stat Membru, f'pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew fl-Iżvizzera.";

(20) fl-Artikolu 5k(2), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-operat, il-manutenzjoni, id-dekummissjonar u l-ġestjoni tal-iskart radjuattiv, il-forniment u t-trattament mill-ġdid tal-fjuwil u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, tal-kostruzzjoni u l-kummissjonar meħtieġa għat-tlestija ta' faċilitajiet nukleari ċivili, bħall-proġett Paks II, kif ukoll il-forniment ta' materjal prekursur għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll il-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp;";

(21) fl-Artikolu 5l(2), il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) l-operat, il-manutenzjoni, id-dekummissjonar u l-ġestjoni tal-iskart radjuattiv, il-forniment u t-trattament mill-ġdid tal-fjuwil u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, tal-kostruzzjoni u l-kummissjonar meħtieġa għat-tlestija ta' faċilitajiet nukleari ċivili, bħall-proġett Paks II, kif ukoll il-forniment ta' materjal prekursur għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll il-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp;";

(22) l-Artikolu 5n huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2a, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"2a. Għandu jkun ipprojbit li jiġu pprovduti, direttament jew indirettament, servizzi ta' riċerka tas-suq u ta' stħarriġ tal-opinjoni pubblika, servizzi ta' ttestjar u analiżi tekniċi u servizzi ta' reklamar lil:";

(b) jiddaħħal il-paragrafu i ġej:

"2b. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment, l-esportazzjoni jew l-għoti, direttament jew indirettament, ta' software għall-ġestjoni ta' intrapriżi u software għad-disinn u l-manifattura industrijali kif elenkat fl-Anness XXXIX lil:

(a) il-Gvern tar-Russja; jew

(b) persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja.";

(c) jitħassru l-paragrafi 3, 4 u 4a;

(d) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. Għandu jkun ipprojbit:

(a) l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati mal-oġġetti u s-servizzi msemmija fil-paragrafi 1, 2, 2a u 2b għall-forniment tagħhom, direttament jew indirettament, lill-Gvern tar-Russja jew lil persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja;

(b) l-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti u s-servizzi msemmija fil-paragrafi 1, 2, 2a u 2b għall-forniment tagħhom, jew għall-għoti ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, direttament jew indirettament, lill-Gvern tar-Russja jew lil persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja.";

(e) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"4b. Il-paragrafu 2b ma għandux japplika għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-għoti ta' software li huwa strettament neċessarju għat-terminazzjoni sal-20 ta' Marzu 2024 ta' kuntratti li mhumiex konformi ma' dan l-Artikolu konklużi qabel id-19 ta' Diċembru 2023, jew ta' kuntratti anċillari neċessarji għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.";

(f) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. Il-paragrafi 1, 2, 2a u 2b ma għandhomx japplikaw sal-20 ta' Ġunju 2024 għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment, l-esportazzjoni jew l-għoti ta' servizzi maħsuba għall-użu esklużiv ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja li huma proprjetà ta', jew ikkontrollati kompletament jew b'mod konġunt minn, persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru, pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea, l-Iżvizzera jew pajjiż sieħeb kif elenkat fl-Anness VIII.";

(g) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. Il-paragrafi 2, 2a u 2b ma għandhomx japplikaw għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment, jew l-għoti ta' servizzi neċessarji għal emerġenzi tas-saħħa pubblika, il-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew tal-ambjent, jew bħala rispons għal diżastri naturali.";

(h) jitħassar il-paragrafu 9;

(i) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"9b. B'deroga mill-paragrafu 2b, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-forniment ta' servizzi msemmijin fih, taħt il-kundizzjonijiet li jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dawk is-servizzi huma meħtieġa għall-kontribuzzjoni taċ-ċittadini Russi għal proġetti internazzjonali b'sors miftuħ.";

(j) il-paragrafu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) il-formulazzjoni introduttorja hija emendata kif ġej:

"10. B'deroga mill-paragrafi 1, 2, 2a, 2b u 3a, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment, l-esportazzjoni, jew għoti ta' servizzi msemmijin fihom, b'tali kundizzjonijiet li jidhrilhom xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dawn huma neċessarji għal:";

(b) il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(f) l-istabbiliment, l-operat, il-manutenzjoni, il-forniment tal-fjuwil u t-trattament mill-ġdid u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, tal-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar meħtieġa għat-tlestija ta' faċilitajiet nukleari ċivili, bħall-proġett Paks II, il-forniment ta' materjal prekursur għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, jew it-teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll għall-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp;";

(c) jiżdied il-punt li ġej:

"(h) l-użu esklużiv ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja li huma proprjetà ta', jew ikkontrollati kompletament jew b'mod konġunt minn, persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru, pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea, l-Iżvizzera jew pajjiż sieħeb kif elenkat fl-Anness VIII.";

(k) il-paragrafu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"11. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'kull awtorizzazzjoni li jagħti skont il-paragrafi 9a, 9b u 10 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.";

(23) fl-Artikolu 5p, jitħassar il-paragrafu 2;

(24) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 5r*

1. Il-persuni ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi stabbiliti fl-Unjoni li aktar minn 40 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom ikunu direttament jew indirettament proprjetà ta':

(a) persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fir-Russja;

(b) ċittadin Russu; jew

(c) persuna fiżika li tirrisjedi fir-Russja,

għandhom, mill-1 ta' Mejju 2024, jirrapportaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti, fi żmien ġimagħtejn mit-tmiem ta' kull trimestru, kwalunkwe trasferiment ta' fondi li jaqbżu l-EUR 100 000 'l barra mill-Unjoni li jkunu għamlu matul dak it-trimestru, direttament jew indirettament, f'operazzjoni waħda jew aktar.

2. Minkejja r-regoli applikabbli dwar ir-rapportar, il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom, mill-1 ta' Lulju 2024, jirrapportaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikunu jinsabu, fi żmien ġimagħtejn mit-tmiem ta' kull semestru, informazzjoni dwar it-trasferimenti kollha ta' fondi 'l barra mill-Unjoni ta' ammont kumulattiv, matul dak is-semestru, li jaqbeż 100 000 EUR li jkunu bdew, direttament jew indirettament, lill-persuni ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi msemmija fil-paragrafu 1.

3. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw l-informazzjoni li jirċievu f'konformità mal-paragrafi 1 u 2 biex jidentifikaw it-tranżazzjonijiet, l-entitajiet u s-setturi tan-negozju li jindikaw riskju serju ta' ksur, ċirkomvenzjoni jew l-użu ta' fondi għal finijiet inkompatibbli ma' dan ir-Regolament jew ir-Regolamenti tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014, (UE) Nru 692/2014 (*) jew (UE) 2022/263 (**), jew id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2014/145/PESK (***), 2014/386/PESK (****), 2014/512/PESK jew (PESK) 2022/266 (*****), u għandhom jinformaw lil xulxin u lill-Kummissjoni regolarment bis-sejbiet tagħhom.

4. Abbażi tal-informazzjoni li tirċievi mill-Istati Membri skont il-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-funzjonament tal-miżuri previsti f'dan l-Artikolu mhux aktar tard mill-20 ta' Diċembru 2024.";

(*) Ir-Regolament tal-Kunsill (PESK) 692/2014 tat-23 ta' Ġunju 2014 dwar miżuri restrittivi minħabba l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol (ĠU L 183, 24.6.2014, p. 9).

(**) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/263 tat-23 ta' Frar 2022 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għar-rikonoxximent, l-okkupazzjoni jew l-annessjoni illegali mill-Federazzjoni Russa ta' ċerti żoni tal-Ukrajna mhux ikkontrollati mill-gvern (ĠU L 42I, 23.2.2022, p. 77).

(***) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16).

(****) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/386/PESK tat-23 ta' Ġunju 2014 dwar miżuri restrittivi minħabba l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol (ĠU L 183, 24.6.2014, p. 70).

(*****) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/266 tat-23 ta' Frar 2022 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għar-rikonoxximent, l-okkupazzjoni jew l-annessjoni illegali mill-Federazzjoni Russa ta' ċerti żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-Ukrajna (ĠU L 42 I, 23.2.2022, p. 109).";

(25) l-Artikolu 6b huwa emendat kif ġej

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-konfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet bejn l-avukati u l-klijenti tagħhom għandha tinkludi l-konfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet relatati mal-parir legali pprovdut minn professjonisti ċċertifikati oħra li huma awtorizzati skont il-liġi nazzjonali biex jirrappreżentaw lill-klijenti tagħhom fi proċedimenti ġudizzjarji, sa fejn tali parir legali jingħata b'rabta ma' proċedimenti ġudizzjarji pendenti jew prospettivi.";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Kull informazzjoni pprovduta lil jew riċevuta f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tintuża biss għall-finijiet li għalihom tkun ingħatat jew ġiet riċevuta.";

(26) l-Artikolu 12b huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"1. B'deroga mill-Artikoli 2, 2a, 3, 3b, 3c, 3f, 3h u 3k, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment jew it-trasferiment ta' oġġetti u teknoloġiji elenkati fl-Annessi II, VII, X, XI, XVI, XVIII, XX u XXIII ta dan ir-Regolament u fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821, kif ukoll il-bejgħ, il-liċenzjar jew it-trasferiment bi kwalunkwe mod ieħor ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali jew sigrieti kummerċjali, kif ukoll l-għoti ta' drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetta permezz ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali jew li jikkostitwixxu sigrieti kummerċjali, relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija hawn fuq sat-30 ta' Ġunju 2024, fejn tali bejgħ, forniment jew trasferiment, liċenzjar, għoti ta' drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ikun strettament neċessarju għad-diżinvestiment mir-Russja jew għall-istralċ ta' attivitajiet kummerċjali fir-Russja, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:"

(b) il-paragrafu 1a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1a. B'deroga mill-Artikolu 3, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment jew it-trasferiment ta' oġġetti u teknoloġiji elenkati fl-Anness II sat-30 ta' Settembru 2024, fejn tali bejgħ, forniment jew trasferiment huwa strettament neċessarju għad-diżinvestiment minn impriża konġunta inkorporata jew kostitwita skont il-liġi ta' Stat Membru qabel l-24 ta' Frar 2022, li tinvolvi persuna ġuridika, entità jew korp Russu, u li topera infrastruttura ta' pipeline tal-gass bejn ir-Russja u pajjiżi terzi.";

(c) fil-paragrafu 2, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"2. B'deroga mill-Artikoli 3g u 3i, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni jew it-trasferiment ta' oġġetti elenkati fl-Annessi XVII u XXI sat-30 ta' Ġunju 2024, fejn tali importazzjoni jew trasferiment ikun strettament neċessarju għad-diżinvestiment mir-Russja jew l-istralċ ta' attivitajiet kummerċjali fir-Russja, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:";

(d) fil-paragrafu 2a, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"2a. B'deroga mill-Artikolu 5n, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-kontinwazzjoni tal-għoti ta' servizzi elenkati fih sal-31 ta' Lulju 2024 meta tali għoti ta' servizzi jkun strettament neċesssarji għall-iżvestiment mir-Russja jew l-istralċ ta' attivitajiet kummerċjali fir-Russja, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:";

(27) l-Artikolu 12d huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*L-Artikolu 12d*

Il-projbizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament ma għandhomx japplikaw għall-forniment ta' servizzi ta' bdoti meħtieġa għal raġunijiet ta' sikurezza marittima.";

(28) jiżdied l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 12g*

1. Meta jbigħu, ifornu, jittrasferixxu jew jesportaw lejn pajjiż terz, bl-eċċezzjoni ta' pajjiżi sħab elenkati fl-Anness VIII għal dan ir-Regolament, oġġetti jew teknoloġija kif elenkat fl-Annessi XI, XX u XXXV ta' dan ir-Regolament, oġġetti komuni ta' prijorità għolja kif elenkat fl-Anness XL ta' dan ir-Regolament, jew armi tan-nar u munizzjon kif elenkat fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 258/2012, l-esportaturi għandhom, mill-20 ta' Marzu 2024, jipprojbixxu kuntrattwalment ir-riesportazzjoni lejn ir-Russja u r-riesportazzjoni għall-użu fir-Russja.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel id-19 ta' Diċembru 2023 sal-20 ta' Diċembru 2024 jew sad-data ta' skadenza tagħhom, skont liema tiġi l-ewwel.

3. B'applikazzjoni tal-paragrafu 1, l-esportaturi għandhom jiżguraw li l-ftehim mal-kontroparti tal-pajjiż terz ikun fih rimedji adegwati f'każ ta' ksur ta' obbligu kuntrattwali konklużż f'konformità mal-paragrafu 1.

4. Meta l-kontroparti tal-pajjiż terz tikser xi obbligu kuntrattwali konklużż f'konformità mal-paragrafu 1, l-esportaturi għandhom jinfurmaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikunu residenti jew stabbiliti malli jsiru jafu bil-ksur.

5. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lil xulxin u lill-Kummissjoni dwar każijiet identifikati ta' ksur jew ċirkomvenzjoni ta' obbligu kuntrattwali konklużż f'konformità mal-paragrafu 1.";

(29) l-Anness IV huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(30) l-Anness VII huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(31) l-Anness XXI huwa emendat f'konformità mal-Anness III ta' dan ir-Regolament;

(32) l-Anness XXIII huwa emendat f'konformità mal-Anness IV ta' dan ir-Regolament;

(33) l-Anness XXIX huwa emendat f'konformità mal-Anness V ta' dan ir-Regolament;

(34) L-Annessi XXIIIA u XXIIIB jiddaħħlu f'konformità mal-Anness VI ta' dan ir-Regolament;

(35) L-Anness XXXVI jiżdied f'konformità mal-Anness VII ta' dan ir-Regolament;

(36) L-Anness XXXVII jiżdied f'konformità mal-Anness VIII ta' dan ir-Regolament;

(37) L-Annessi XXXVIIIA u XXXVIIIB jiżdiedu f'konformità mal-Anness IX ta' dan ir-Regolament;

(38) L-Anness XXXIX jiżdied f'konformità mal-Anness X ta' dan ir-Regolament;

(39) L-Anness XL jiżdied f'konformità mal-Anness XI ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
P. NAVARRO RÍOS

ANNESS I

L-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS IV

Dan l-Anness jelenka persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li huma utenti finali militari, jiffurmaw parti mill-kumpless militari u industrijali tar-Russja jew li għandhom rabtiet kummerċjali jew rabtiet oħra mas-settur tad-difiża u s-sigurtà tar-Russja jew li b'xi mod ieħor jappoġġawh. Dawn il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi jikkontribwixxu għat-tisħiħ militari u teknoloġiku tar-Russja jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u tas-sigurtà tar-Russja. Dawn jinkludu persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi f'pajjiżi terzi għajr ir-Russja. L-inklużjoni tagħhom f'dan l-Anness ma tinvolvi l-ebda attribuzzjoni ta' responsabbiltà għall-azzjonijiet tagħhom lill-ġuriżdizzjoni li jkunu qed joperaw fiha.

Lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi, imsemmija fl-Artikoli 2(7), 2a(7) u 2b(1)

1. JSC Sirius (ir-Russja)

2. OJSC Stankoinstrument (ir-Russja)

3. OAO JSC Chemcomposite (ir-Russja)

4. JSC Kalashnikov (ir-Russja)

5. JSC Tula Arms Plant (ir-Russja)

6. NPK Technologii Maschinostrojenija (ir-Russja)

7. OAO Wysokototschnye Kompleksi (ir-Russja)

8. OAO Almaz Antey (ir-Russja)

9. OAO NPO Bazalt (ir-Russja)

10. Admiralty Shipyard JSC (ir-Russja)

11. Aleksandrov Scientific Research Technological Institute NITI (L-Istitut Tekonoloġiku tar-Riċerka Xjentifika Aleksandrov NITI) (ir-Russja)

12. Argut OOO (ir-Russja)

13. Ċentru tal-komunikazzjoni tal-Ministeru għad-Difiża (ir-Russja)

14. Federal Research Center Boreskov Institute of Catalysis (l-Istitut tal-Kataliżi taċ-Ċentru ta' Riċerka Federali Boreskov) (ir-Russja)

15. L-Intrapriża Baġitarja tal-Istat Federali tal-Amministrazzjoni tal-President tar-Russja (ir-Russja)

16. L-Intrapriża Baġitarja tal-Istat Federali tal-Unità tat-Titjir Speċjali Rossiya tal-Amministrazzjoni tal-President tar-Russja (ir-Russja)

17. L-Istitut tar-Riċerka Awtomatika ta' Dukhov tal-Intrapriża Unitarja tal-Istat Federali (VNIIA) (ir-Russja)

18. Servizz tal-Intelligence Barranija (SVR) (ir-Russja)

19. Ċentru Forensiku tar-Reġjun Nizhniy Novgorod tad-Direttorat Ewlieni tal-Ministeru għall-Intern (ir-Russja)

20. Ċentru Internazzjonali għall-Quantum Optics u t-Teknoloġiji Quantum (iċ-Ċentru Quantum Russu) (ir-Russja)

21. Irkut Corporation (ir-Russja)

22. Irkut Research and Production Corporation, Kumpanija Pubblika b'Ishma Konġunti (ir-Russja)

23. Kumpanija b'Ishma Konġunti Scientific Research Institute of Computing Machinery (ir-Russja)

24. JSC Central Research Institute of Machine Building (JSC TsNIIMash) (ir-Russja)

25. JSC Kazan Helicopter Plant Repair Service (ir-Russja)

26. JSC Shipyard Zaliv (it-tarzna tal-bini tal-bastimenti ta' Zaliv) (ir-Repubblika Awtonoma tal Krimea, annessa illegalment mir-Russja)

27. JSC Rocket and Space Centre - Progress (ir-Russja)

28. Kamensk-Uralsky Metallurgical Works J.S. Co. (ir-Russja)

29. Kazan Helicopter Plant PJSC (ir-Russja)

30. Komsomolsk-na-Amur Aviation Production Organization (KNAAPO) (ir-Russja)

31. Il-Ministeru tad-Difiża RF (ir-Russja)

32. Moscow Institute of Physics and Technology (l-Istitut ta' Moska tal-Fiżika u tat-Teknoloġija) (ir-Russja)

33. NPO High Precision Systems JSC (ir-Russja)

34. NPO Splav JSC (ir-Russja)

35. OPK Oboronprom (ir-Russja)

36. PJSC Beriev Aircraft Company (ir-Russja)

37. PJSC Irkut Corporation (ir-Russja)

38. PJSC Kazan Helicopters (ir-Russja)

39. POLYUS Research Institute of M.F. Stelmakh Kumpanija b'Ishma Konġunti (ir-Russja)

40. Promtech-Dubna, JSC (ir-Russja)

41. Kumpanija Pubblika b'Ishma Konġunti United Aircraft Corporation (ir-Russja)

42. Radiotechnical and Information Systems (RTI) Concern (ir-Russja)

43. Rapart Services LLC (ir-Russja)

44. Rosoboronexport OJSC (ROE) (ir-Russja)

45. Rostec (Russian Technologies State Corporation) (ir-Russja)

46. Rostekh - Azimuth (ir-Russja)

47. Il-Korporazzjoni Russa tal-Inġenji tal-Ajru MiG (Russian Aircraft Corporation MiG) (ir-Russja)

48. Russian Helicopters JSC (ir-Russja)

49. SP KVANT (Sovmestnoe Predpriyatie Kvantovye Tekhnologii) (ir-Russja)

50. Sukhoi Aviation JSC (ir-Russja)

51. Sukhoi Civil Aircraft (ir-Russja)

52. Tactical Missiles Corporation JSC (ir-Russja)

53. Tupolev JSC (ir-Russja)

54. UEC-Saturn (ir-Russja)

55. United Aircraft Corporation (ir-Russja)

56. JSC AeroKompozit (ir-Russja)

57. United Engine Corporation (ir-Russja)

58. UEC-Aviadvigatel JSC (ir-Russja)

59. United Instrument Manufacturing Corporation (ir-Russja)

60. United Shipbuilding Corporation (ir-Russja)

61. JSC PO Sevmash (ir-Russja)

62. Krasnoye Sormovo Shipyard (ir-Russja)

63. Severnaya Shipyard (ir-Russja)

64. Shipyard Yantar (ir-Russja)

65. UralVagonZavod (ir-Russja)

66. Baikal Electronics (ir-Russja)

67. Center for Technological Competencies in Radiophtonics (ir-Russja)

68. Central Research and Development Institute Tsiklon (ir-Russja)

69. Crocus Nano Electronics (ir-Russja)

70. Dalzavod Ship-Repair Center (ir-Russja)

71. Elara (ir-Russja)

72. Electronic Computing and Information Systems (ir-Russja)

73. ELPROM (ir-Russja)

74. Engineering Center Ltd (ir-Russja)

75. Forss Technology Ltd (ir-Russja)

76. Integral SPB (ir-Russja)

77. JSC Element (ir-Russja)

78. JSC Pella-Mash (ir-Russja)

79. JSC Shipyard Vympel (ir-Russja)

80. Kranark LLC (ir-Russja)

81. Lev Anatolyevich Yershov (Ershov) (ir-Russja)

82. LLC Center (ir-Russja)

83. MCST Lebedev (ir-Russja)

84. Miass Machine-Building Factory (ir-Russja)

85. Microelectronic Research and Development Center Novosibirsk (ir-Russja)

86. MPI VOLNA (ir-Russja)

87. N.A. Dollezhal Order of Lenin Research and Design Institute of Power Engineering (ir-Russja)

88. Nerpa Shipyard (ir-Russja)

89. NM-Tekh (ir-Russja)

90. Novorossiysk Shipyard JSC (ir-Russja)

91. NPO Electronic Systems (ir-Russja)

92. NPP Istok (ir-Russja)

93. NTC Metrotek (ir-Russja)

94. OAO GosNIIkhimanalit (ir-Russja)

95. OAO Svetlovskoye Predpriyatiye Era (ir-Russja)

96. OJSC TSRY (ir-Russja)

97. OOO Elkomtekh (Elkomtex) (ir-Russja)

98. OOO Planar (ir-Russja)

99. OOO Sertal (ir-Russja)

100. Photon Pro LLC (ir-Russja)

101. PJSC Zvezda (ir-Russja)

102. Amur Shipbuilding Factory PJSC (ir-Russja)

103. AO Center of Shipbuilding and Ship Repairing JSC (ir-Russja)

104. AO Kronshtadt (ir-Russja)

105. Avant Space LLC (ir-Russja)

106. Production Association Strela (ir-Russja)

107. Radioavtomatika (ir-Russja)

108. Research Center Module (ir-Russja)

109. Robin Trade Limited (ir-Russja)

110. R.Ye. Alekseyev Central Design Bureau for Hydrofoil Ships (ir-Russja)

111. Rubin Sever Design Bureau (ir-Russja)

112. Russian Space Systems (ir-Russja)

113. Rybinsk Shipyard Engineering (ir-Russja)

114. Scientific Research Institute of Applied Chemistry (ir-Russja)

115. Scientific-Research Institute of Electronics (ir-Russja)

116. Scientific Research Institute of Hypersonic Systems (ir-Russja)

117. Scientific Research Institute NII Submikro (ir-Russja)

118. Sergey IONOV (ir-Russja)

119. Serniya Engineering (ir-Russja)

120. Severnaya Verf Shipbuilding Factory (ir-Russja)

121. Ship Maintenance Center Zvezdochka (ir-Russja)

122. State Governmental Scientific Testing Area of Aircraft Systems (GkNIPAS) (ir-Russja)

123. State Machine Building Design Bureau Raduga Bereznya (ir-Russja)

124. State Scientific Center AO GNTs RF—FEI A.I. Leypunskiy Physico-Energy Institute (ir-Russja)

125. State Scientific Research Institute of Machine Building Bakhirev (GosNIImash) (ir-Russja)

126. Tomsk Microwave and Photonic Integrated Circuits and Modules Collective Design Center (ir-Russja)

127. UAB Pella-Fjord (ir-Russja)

128. United Shipbuilding Corporation JSC “35th Shipyard” (ir-Russja)

129. United Shipbuilding Corporation JSC “Astrakhan Shipyard” (ir-Russja)

130. United Shipbuilding Corporation JSC “Aysberg Central Design Bureau” (ir-Russja)

131. United Shipbuilding Corporation JSC “Baltic Shipbuilding Factory” (ir-Russja)

132. United Shipbuilding Corporation JSC “Krasnoye Sormovo Plant OJSC” (ir-Russja)

133. United Shipbuilding Corporation JSC SC “Zvyozdochka” (ir-Russja)

134. United Shipbuilding Corporation “Pribaltic Shipbuilding Factory Yantar” (ir-Russja)

135. United Shipbuilding Corporation “Scientific Research Design Technological Bureau Onega” (ir-Russja)

136. United Shipbuilding Corporation “Sredne-Nevsky Shipyard” (ir-Russja)

137. Ural Scientific Research Institute for Composite Materials (ir-Russja)

138. Urals Project Design Bureau Detal (ir-Russja)

139. Vega Pilot Plant (ir-Russja)

140. Vertikal LLC (ir-Russja)

141. Vladislav Vladimirovich Fedorenko (ir-Russja)

142. VTK Ltd (ir-Russja)

143. Yaroslavl Shipbuilding Factory (ir-Russja)

144. ZAO Elmiks-VS (ir-Russja)

145. ZAO Sparta (ir-Russja)

146. ZAO Svyaz Inzhiniring (ir-Russja)

147. 46th TSNII Central Scientific Research Institute (ir-Russja)

148. Alagir Resistor Factory (ir-Russja)

149. All-Russian Research Institute of Optical and Physical Measurements (ir-Russja)

150. All-Russian Scientific-Research Institute Etalon JSC (ir-Russja)

151. Almaz JSC (ir-Russja)

152. Arzam Scientific Production Enterprise Temp Avia (ir-Russja)

153. Automated Procurement System for State Defense Orders, LLC (ir-Russja)

154. Dolgoprudniy Design Bureau of Automatics (DDBA JSC) (ir-Russja)

155. Electronic Computing Technology Scientific-Research Center JSC (ir-Russja)

156. Electrosignal JSC (ir-Russja)

157. Energiya JSC (ir-Russja)

158. Engineering Center Moselectronproekt (ir-Russja)

159. Etalon Scientific and Production Association (ir-Russja)

160. Evgeny Krayushin (ir-Russja)

161. Foreign Trade Association Mashpriborintorg (ir-Russja)

162. Ineko LLC (ir-Russja)

163. Informakustika JSC (ir-Russja)

164. Institute of High Energy Physics (ir-Russja)

165. Institute of Theoretical and Experimental Physics (ir-Russja)

166. Inteltech PJSC (ir-Russja)

167. ISE SO RAN Institute of High-Current Electronics (ir-Russja)

168. Kaluga Scientific-Research Institute of Telemechanical Devices JSC (ir-Russja)

169. Kulon Scientific-Research Institute JSC (ir-Russja)

170. Lutch Design Office JSC (ir-Russja)

171. Meteor Plant JSC (ir-Russja)

172. Moscow Communications Research Institute JSC (ir-Russja)

173. Moscow Order of the Red Banner of Labor Research Radio Engineering Institute JSC (ir-Russja)

174. NPO Elektromechaniki JSC (ir-Russja)

175. Omsk Production Union Irtysh JSC (ir-Russja)

176. Omsk Scientific-Research Institute of Instrument Engineering JSC (ir-Russja)

177. Optron, JSC (ir-Russja)

178. Pella Shipyard OJSC (ir-Russja)

179. Polyot Chelyabinsk Radio Plant JSC (ir-Russja)

180. Pskov Distance Communications Equipment Plant (ir-Russja)

181. Radiozavod JSC (ir-Russja)

182. Razryad JSC (ir-Russja)

183. Research Production Association Mars (ir-Russja)

184. Ryazan Radio-Plant (ir-Russja)

185. Scientific Production Center Vigstar JSC (ir-Russja)

186. Scientific Production Enterprise “Radiosviaz” (ir-Russja)

187. Scientific Research Institute Ferrite-Domen (ir-Russja)

188. Scientific Research Institute of Communication Management Systems (ir-Russja)

189. Scientific-Production Association and Scientific-Research Institute of Radio- Components (ir-Russja)

190. Scientific-Production Enterprise “Kant” (ir-Russja)

191. Scientific-Production Enterprise “Svyaz” (ir-Russja)

192. Scientific-Production Enterprise Almaz JSC (ir-Russja)

193. Scientific-Production Enterprise Salyut JSC (ir-Russja)

194. Scientific-Production Enterprise Volna (ir-Russja)

195. Scientific-Production Enterprise Vostok JSC (ir-Russja)

196. Scientific-Research Institute “Argon” (ir-Russja)

197. Scientific-Research Institute and Factory Platan (ir-Russja)

198. Scientific-Research Institute of Automated Systems and Communications Complexes Neptune JSC (ir-Russja)

199. Special Design and Technical Bureau for Relay Technology (ir-Russja)

200. Special Design Bureau Salute JSC (ir-Russja)

201. Tactical Missile Company, Kumpanija b’Ishma Konġunti “Salute’ (ir-Russja)

202. Tactical Missile Company, Kumpanija b’Ishma Konġunti “State Machine Building Design Bureau “Vympel” Bl-Isem I.I.Toropov” (ir-Russja)

203. Tactical Missile Company, Kumpanija b'Ishma Konġunti "URALELEMENT" (ir-Russja)

204. Tactical Missile Company, Kumpanija b'Ishma Konġunti "Plant Dagdiesel" (ir-Russja)

205. Tactical Missile Company, Kumpanija b'Ishma Konġunti "Scientific Research Institute of Marine Heat Engineering" (ir-Russja)

206. Tactical Missile Company, Kumpanija b'Ishma Konġunti PA Strela (ir-Russja)

207. Tactical Missile Company, Kumpanija b'Ishma Konġunti Plant Kulakov (ir-Russja)

208. Tactical Missile Company, Kumpanija b'Ishma Konġunti Ravenstvo (ir-Russja)

209. Tactical Missile Company, Kumpanija b'Ishma Konġunti Ravenstvo-service (ir-Russja)

210. Tactical Missile Company, Kumpanija b'Ishma Konġunti Saratov Radio Instrument Plant (ir-Russja)

211. Tactical Missile Company, Kumpanija b'Ishma Konġunti Severny Press (ir-Russja)

212. Tactical Missile Company, Kumpanija b'Ishma Konġunti "Research Center for Automated Design" (ir-Russja)

213. Tactical Missile Company, KB Mashinostroeniya (ir-Russja)

214. Tactical Missile Company, NPO Electromechanics (ir-Russja)

215. Tactical Missile Company, NPO Lightning (ir-Russja)

216. Tactical Missile Company, Petrovsky Electromechanical Plant "Molot" (ir-Russja)

217. Tactical Missile Company, PJSC "MBDB 'ISKRA'" (ir-Russja)

218. Tactical Missile Company, PJSC ANPP Temp Avia (ir-Russja)

219. Tactical Missile Company, Raduga Design Bureau (ir-Russja)

220. Tactical Missile Corporation, “Central Design Bureau of Automation” (ir-Russja)

221. Tactical Missile Corporation, 711 Aircraft Repair Plant (ir-Russja)

222. Tactical Missile Corporation, AO GNPP “Region” (ir-Russja)

223. Tactical Missile Corporation, AO TMKB “Soyuz” (ir-Russja)

224. Tactical Missile Corporation, Azov Optical and Mechanical Plant (ir-Russja)

225. Tactical Missile Corporation, Concern “MPO – Gidropribor” (ir-Russja)

226. Tactical Missile Corporation, Kumpanija b’Ishma Konġunti “KRASNY GIDROPRESS” (ir-Russja)

227. Tactical Missile Corporation, Kumpanija b’Ishma Konġunti Avangard (ir-Russja)

228. Tactical Missile Corporation, Kumpanija b’Ishma Konġunti Concern Granit-Electron (ir-Russja)

229. Tactical Missile Corporation, Kumpanija b’Ishma Konġunti Elektrotyaga (ir-Russja)

230. Tactical Missile Corporation, Kumpanija b’Ishma Konġunti GosNIIMash (ir-Russja)

231. Tactical Missile Corporation, RKB Globus (ir-Russja)

232. Tactical Missile Corporation, Smolensk Aviation Plant (ir-Russja)

233. Tactical Missile Corporation, TRV Engineering (ir-Russja)

234. Tactical Missile Corporation, Ural Design Bureau “Detal” (ir-Russja)

235. Tactical Missile Corporation, Zvezda-Strela Limited Liability Company (ir-Russja)

236. Tambov Plant (TZ) “October” (ir-Russja)

237. United Shipbuilding Corporation “Production Association Northern Machine Building Enterprise” (ir-Russja)

238. United Shipbuilding Corporation “5th Shipyard” (ir-Russja)

239. Federal Center for Dual-Use Technology (FTsDT) Soyuz (ir-Russja)

240. Turayev Machine Building Design Bureau Soyuz (ir-Russja)

241. Zhukovskiy Central Aerohydrodynamics Institute (TsAGI) (ir-Russja)

242. Rosatomflot (ir-Russja)

243. Lyulki Experimental-Design Bureau (ir-Russja)

244. Lyulki Science and Technology Center (ir-Russja)

245. AO Aviaagregat (ir-Russja)

246. Central Aerohydrodynamic Institute (TsAGI) (ir-Russja)

247. Kumpanija b’Ishma Konġunti Magħluqa Turborus (Turborus) (ir-Russja)

248. Federal Autonomous Institution Central Institute of Engine-Building N.A. P.I. Baranov; Central Institute of Aviation Motors (CIAM) (ir-Russja)

249. Federal State Budgetary Institution National Research Center Institute N.A. N.E. hukovsky (Zhukovsky National Research Institute) (ir-Russja)

250. Federal State Unitary Enterprise “State Scientific-Research Institute for Aviation Systems” (GosNIIAS) (ir-Russja)

251. Kumpanija b'Ishma Konġunti 123 Aviation Repair Plant (123 ARZ) (ir-Russja)

252. Kumpanija b'Ishma Konġunti 218 Aviation Repair Plant (218 ARZ) (ir-Russja)

253. Kumpanija b'Ishma Konġunti 360 Aviation Repair Plant (360 ARZ) (ir-Russja)

254. Kumpanija b'Ishma Konġunti 514 Aviation Repair Plant (514 ARZ) (ir-Russja)

255. Kumpanija b'Ishma Konġunti 766 UPTK (ir-Russja)

256. Kumpanija b'Ishma Konġunti Aramil Aviation Repair Plant (AARZ) (ir-Russja)

257. Kumpanija b'Ishma Konġunti Aviaremont (Aviaremont) (ir-Russja)

258. Kumpanija b'Ishma Konġunti Flight Research Institute N.A. M.M. Gromov (FRI Gromov) (ir-Russja)

259. Kumpanija b'Ishma Konġunti Metallist Samara (Metallist Samara) (ir-Russja)

260. Kumpanija b'Ishma Konġunti Moscow Machine-Building Enterprise Msemmija Għal V. V. Chernyshev (MMP V.V. Chernyshev) (ir-Russja)

261. JSC NII Steel (ir-Russja)

262. Kumpanija b'Ishma Konġunti Remdizel (ir-Russja)

263. Kumpanija b'Ishma Konġunti Special Industrial and Technical Base Zvezdochka (SPTB Zvezdochka) (ir-Russja)

264. Kumpanija b'Ishma Konġunti STAR (ir-Russja)

265. Kumpanija b'Ishma Konġunti Votkinsk Machine Building Plant (ir-Russja)

266. Kumpanija b'Ishma Konġunti Yaroslav Radio Factory (ir-Russja)

267. Kumpanija b'Ishma Konġunti Zlatoustovsky Machine Building Plant (JSC Zlatmash) (ir-Russja)

268. Limited Liability Company Center for Specialized Production OSK Propulsion (OSK Propulsion) (ir-Russja)

269. Lytkarino Machine-Building Plant (ir-Russja)

270. Moscow Aviation Institute (ir-Russja)

271. Moscow Institute of Thermal Technology (ir-Russja)

272. Omsk Motor-Manufacturing Design Bureau (ir-Russja)

273. Kumpanija b'Ishma Konġunti Miftuħa 170 Flight Support Equipment Repair Plant (170 RZ SOP) (ir-Russja)

274. Kumpanija b'Ishma Konġunti Miftuħa 20 Aviation Repair Plant (20 ARZ) (ir-Russja)

275. Kumpanija b'Ishma Konġunti Miftuħa 275 Aviation Repair Plant (275 ARZ) (ir-Russja)

276. Kumpanija b'Ishma Konġunti Miftuħa 308 Aviation Repair Plant (308 ARZ) (ir-Russja)

277. Kumpanija b'Ishma Konġunti Miftuħa 32 Repair Plant of Flight Support Equipment (32 RZ SOP) (ir-Russja)

278. Kumpanija b'Ishma Konġunti Miftuħa 322 Aviation Repair Plant (322 ARZ) (ir-Russja)

279. Kumpanija b'Ishma Konġunti Miftuħa 325 Aviation Repair Plant (325 ARZ) (ir-Russja)

280. Kumpanija b'Ishma Konġunti Miftuħa 680 Aircraft Repair Plant (680 ARZ) (ir-Russja)

281. Kumpanija b'Ishma Konġunti Miftuħa 720 Special Flight Support Equipment Repair Plant (720 RZ SOP) (ir-Russja)

282. Kumpanija b'Ishma Konġunti Miftuħa Volgograd Radio-Technical Equipment Plant (VZ RTO) (ir-Russja)

283. Kumpanija Pubblika b'Ishma Konġunti Agregat (PJSC Agregat) (ir-Russja)

284. Salute Gas Turbine Research and Production Center (ir-Russja)

285. Scientific-Production Association Vint of Zvezdochka Shipyard (SPU Vint) (ir-Russja)

286. Scientific Research Institute of Applied Acoustics (NIIPA) (ir-Russja)

287. Siberian Scientific-Research Institute of Aviation N.A. S.A. Chaplygin (SibNIA) (ir-Russja)

288. Software Research Institute (ir-Russja)

289. Subsidiary Sevastopol Naval Plant of Zvezdochka Shipyard (Sevastopol Naval Plant) (il-Belt ta' Sevastopol, annessa illegalment mir-Russja)

290. Tula Arms Plant (ir-Russja)

291. Russian Institute of Radio Navigation and Time (ir-Russja)

292. Federal Technical Regulation and Metrology Agency (Rosstandart) (ir-Russja)

293. Federal State Budgetary Institution of Science P.I. K.A. Valiev RAS tal-Ministeru tax-Xjenza u l-Edukazzjoni Għla tar-Russja (FTIAN) (ir-Russja)

294. Federal State Unitary Enterprise All-Russian Research Institute of Physical, Technical and Radio Engineering Measurements (VNIIFTRI) (ir-Russja)

295. Institute of Physics Imsemmi Għal P.N. Lebedev of the Russian Academy of Sciences (LPI) (ir-Russja)

296. The Institute of Solid-State Physics of the Russian Academy of Sciences (ISSP) (ir-Russja)

297. Rzhanov Institute of Semiconductor Physics, Siberian Branch of Russian Academy of Sciences (IPP SB RAS) (ir-Russja)

298. UEC-Perm Engines, JSC (ir-Russja)

299. Ural Works of Civil Aviation, JSC (ir-Russja)

300. Central Design Bureau for Marine Engineering “Rubin”, JSC (ir-Russja)

301. “Aeropribor-Voskhod”, JSC (ir-Russja)

302. Aerospace Equipment Corporation, JSC (ir-Russja)

303. Central Research Institute of Automation and Hydraulics (CNIIAG), JSC (ir-Russja)

304. Aerospace Systems Design Bureau, JSC (ir-Russja)

305. Afanasyev Technomac, JSC (ir-Russja)

306. Ak Bars Shipbuilding Corporation, CJSC (ir-Russja)

307. AGAT, Gavrilov-Yaminskiy Machine-Building Plant, JSC (ir-Russja)

308. Almaz Central Marine Design Bureau, JSC (ir-Russja)

309. Kumpanija b’Ishma Konġunti Eleron (ir-Russja)

310. AO Rubin (ir-Russja)

311. Branch of AO Company Sukhoi Yuri Gagarin Komsomolsk-on-Amur Aircraft Plant (ir-Russja)

312. Branch of PAO II – Aviastar (ir-Russja)

313. Branch of RSK MiG Nizhny Novgorod Aircraft-Construction Plant Sokol (ir-Russja)

314. Chkalov Novosibirsk Aviation Plant (ir-Russja)

315. Kumpanija b'Ishma Konġunti All-Russian Scientific-Research Institute Gradient (ir-Russja)

316. Kumpanija b'Ishma Konġunti Almatyevsk Radiopribor Plant (JSC AZRP) (ir-Russja)

317. Kumpanija b'Ishma Konġunti Experimental-Design Bureau Elektroavtomatika f'isem P.A. Efimov (ir-Russja)

318. Kumpanija b'Ishma Konġunti Industrial Controls Design Bureau (ir-Russja)

319. Kumpanija b'Ishma Konġunti Kazan Instrument-Engineering and Design Bureau (ir-Russja)

320. Joint Stock Company Microtechnology (ir-Russja)

321. Phasotron Scientific-Research Institute of Radio-Engineering (ir-Russja)

322. Kumpanija b'Ishma Konġunti Radiopribor (ir-Russja)

323. Kumpanija b'Ishma Konġunti Ramensk Instrument-Engineering Bureau (ir-Russja)

324. Kumpanija b'Ishma Konġunti Research and Production Center SAPSAN (ir-Russja)

325. Kumpanija b'Ishma Konġunti Rychag (ir-Russja)

326. Kumpanija b'Ishma Konġunti Scientific Production Enterprise Izmeritel (ir-Russja)

327. Kumpanija b'Ishma Konġunti Scientific-Production Union for Radioelectronics Imsemmija Għal V.I. Shimko (ir-Russja)

328. Kumpanija b'Ishma Konġunti Taganrog Communications Scientific-Research Institute (ir-Russja)

329. Kumpanija b'Ishma Konġunti Urals Instrument-Engineering Plant (ir-Russja)

330. Kumpanija b'Ishma Konġunti Vzlet Engineering Testing Support (ir-Russja)

331. Kumpanija b'Ishma Konġunti Zhiguli Radio Plant (ir-Russja)

332. Kumpanija b'Ishma Konġunti Bryansk Electromechanical Plant (ir-Russja)

333. Kumpanija Pubblika b'Ishma Konġunti Moscow Institute of Electro-Mechanics and Automation (ir-Russja)

334. Kumpanija Pubblika b'Ishma Konġunti Stavropol Radio Plant Signal (ir-Russja)

335. Kumpanija Pubblika b'Ishma Konġunti Techpribor (ir-Russja)

336. Kumpanija b'Ishma Konġunti Ramensky Instrument-Engineering Plant (ir-Russja)

337. V.V. Tarasov Avia Avtomatika (ir-Russja)

338. Design Bureau of Chemical Machine Building KBKhM (ir-Russja)

339. Far Eastern Shipbuilding and Ship Repair Center (ir-Russja)

340. Ilyushin Aviation Complex Branch: Myasishcheva Experimental Mechanical Engineering Plant (ir-Russja)

341. Institute of Marine Technology Problems Far East Branch Russian Academy of Sciences (ir-Russja)

342. Irkutsk Aviation Plant (ir-Russja)

343. Kumpanija b'Ishma Konġunti Aerocomposit Ulyanovsk Plant (ir-Russja)

344. Kumpanija b'Ishma Konġunti Experimental Design Bureau Msemmi Għal A.S. Yakovlev (ir-Russja)

345. Kumpanija b'Ishma Konġunti Federal Research and Production Center Altai (ir-Russja)

346. Kumpanija b'Ishma Konġunti Head Special Design Bureau Prozhektor (ir-Russja)

347. Kumpanija b'Ishma Konġunti Ilyushin Aviation Complex (ir-Russja)

348. Kumpanija b'Ishma Konġunti Lazurit Central Design Bureau (ir-Russja)

349. Kumpanija b'Ishma Konġunti Research and Development Enterprise Protek (ir-Russja)

350. Kumpanija b'Ishma Konġunti SPMDB Malachite (ir-Russja)

351. Kumpanija b'Ishma Konġunti Votkinsky Zavod (ir-Russja)

352. Kalyazinsky Machine Building Factory – Branch of RSK MiG (ir-Russja)

353. Main Directorate of Deep-Sea Research tal-Ministeru tad-Difiża tal-Federazzjoni Russa (ir-Russja)

354. NPP Start (ir-Russja)

355. OAO Radiofizika (ir-Russja)

356. P.A. Voronin Lukhovitsk Aviation Plant, fergħa ta' RSK MiG (ir-Russja)

357. Kumpanija Pubblika b'Ishma Konġunti Bryansk Special Design Bureau (ir-Russja)

358. Kumpanija Pubblika b'Ishma Konġunti Voronezh Joint Stock Aircraft Company (ir-Russja)

359. Radio Technical Institute Msemmi Għal A. L. Mints (ir-Russja)

360. Russian Federal Nuclear Center – All-Russian Research Institute of Experimental Physics (ir-Russja)

361. Shvabe JSC (ir-Russja)

362. Special Technological Center LLC (ir-Russja)

363. St. Petersburg Marine Bureau of Machine Building Malakhit (ir-Russja)

364. St. Petersburg Naval Design Bureau Almaz (ir-Russja)

365. St. Petersburg Shipbuilding Institution Krylov 45 (ir-Russja)

366. Strategic Control Posts Corporation (ir-Russja)

367. V.A. Trapeznikov Institute of Control Sciences of Russian Academy of Sciences (ir-Russja)

368. Vladimir Design Bureau for Radio Communications OJSC (ir-Russja)

369. Voentelecom JSC (ir-Russja)

370. A.A. Kharkevich Institute for Information Transmission Problems (IITP), Russian Academy of Sciences (RAS) (ir-Russja)

371. Ak Bars Holding (ir-Russja)

372. Special Research Bureau for Automation of Marine Researches Far East Branch Russian Academy of Sciences (ir-Russja)

373. Systems of Biological Synthesis LLC (ir-Russja)

374. Borisfen, JSC (ir-Russja)

375. Barnaul cartridge plant, JSC (ir-Russja)

376. Concern Avrora Scientific and Production Association, JSC (ir-Russja)

377. Bryansk Automobile Plant, JSC (ir-Russja)

378. Burevestnik Central Research Institute, JSC (ir-Russja)

379. Research Institute of Space Instrumentation, JSC (ir-Russja)

380. Arsenal Machine-building plant, OJSC (ir-Russja)

381. Central Design Bureau of Automatics, JSC (ir-Russja)

382. Zelenodolsk Design Bureau, JSC (ir-Russja)

383. Zavod Elecon, JSC (ir-Russja)

384. VMP "Avitec", JSC (ir-Russja)

385. JSC V. Tikhomirov Scientific Research Institute of Instrument Design (ir-Russja)

386. Tulatochmash, JSC (ir-Russja)

387. PJSC “I.S. Brook” INEUM (ir-Russja)

388. SPE “Krasnoznamenets”, JSC (ir-Russja)

389. SPA Pribor Imsemmi Għal S.S. Golembiovsky, SC (ir-Russja)

390. SPA “Impuls”, JSC (ir-Russja)

391. RusBITech (ir-Russja)

392. ROTOR 43 (ir-Russja)

393. L-impjant optiku u mekkaniku ta’ Rostov, PJSC (ir-Russja)

394. RATEP, JSC (ir-Russja)

395. PLAZ (ir-Russja)

396. OKB “Technika” (ir-Russja)

397. Ocean Chips (ir-Russja)

398. Nudelman Precision Engineering Design Bureau (ir-Russja)

399. Angstrem JSC (ir-Russja)

400. NPCAP (ir-Russja)

401. Novosibirsk Plant of Artificial Fibre (ir-Russja)

402. Novosibirsk Cartridge Plant, JSC (SIBFIRE) (ir-Russja)

403. Novator DB (ir-Russja)

404. NIMI Msemmija Għal V.V. BAHIREV, JSC (ir-Russja)

405. NII Stali JSC (ir-Russja)

406. Nevskoe Design Bureau, JSC (ir-Russja)

407. Neva Electronica JSC (ir-Russja)

408. ENICS (ir-Russja)

409. The JSC Makeyev Design Bureau (ir-Russja)

410. KURGANPRIBOR, JSC (ir-Russja)

411. Ural Optical-Mechanical Plant E.S. Yalamova, JSC (ir-Russja)

412. Ramenskoye Engineering Design Office, JSC (ir-Russja)

413. Vologda Optical and Mechanical Plant, JSC (ir-Russja)

414. Videoglaz Project (ir-Russja)

415. Innovative Underwater Technologies, LLC (ir-Russja)

416. Ulyanovsk Mechanical Plant (ir-Russja)

417. All-Russian Research Institute of Radio Engineering (ir-Russja)

418. PJSC “Scientific and Production Association “Almaz” Imsemmija Għall-akkademiku A.A. Raspletin” (ir-Russja)

419. Concern OJSC – KIZLYAR ELECTRO-MECHANICAL PLANT (ir-Russja)

420. Concern Oceanpribor, JSC (ir-Russja)

421. JSC Zelenogradsky Nanotechnology Center (ir-Russja)

422. JSC Elektronstandart Pribor (ir-Russja)

423. JSC “Urals Optical-Mechanical Plant Imsemmi Għal E.S Yalamov” (ir-Russja)

424. Ramenskoye Instrument-Making Design Bureau, JSC (ir-Russja)

425. Special Technology Centre Limited Liability Company (ir-Russja)

426. Vest Ost Limited Liability (ir-Russja)

427. Trade-Component LLC (ir-Russja)

428. Radiant Electronic Components JSC (ir-Russja)

429. JSC ICC Milandr (ir-Russja)

430. SMT iLogic LLC (ir-Russja)

431. Device Consulting (ir-Russja)

432. Concern Radio-Electronic Technologies (ir-Russja)

433. Technodinamika, JSC (ir-Russja)

434 .OOO “UNITEK” (ir-Russja)

435. Kumpanija b’Ishma Konġunti Magħluqa TPK LINKOS (ir-Russja)

436. Kumpanija b’Ishma Konġunti Magħluqa TPK LINKOS, SUBDIVIŻJONI F’ASTRAKHAN (ir-Russja)

437. Design and Manufacturing of Aircraft Engines (DAMA) (l-Iran)

438. Islamic Revolutionary Guard Corps Aerospace Force (l-Iran)

439. Islamic Revolutionary Guard Corps Research and Self-Sufficiency Jihad Organization (IRGC SSJO) (l-Iran)

440. Oje Parvaz Mado Nafar Company (Mado) (l-Iran)

441. Paravar Pars Company (l-Iran)

442. Qods Aviation Industries (l-Iran)

443. Shahed Aviation Industries (l-Iran)

444. Concern Morinformsystem – Agat (ir-Russja)

445. AO Papilon (ir-Russja)

446. IT-Papillon OOO (ir-Russja)

447. OOO Adis (ir-Russja)

448. Papilon Systems Limited Liability Company (ir-Russja)

449. Advanced Research Foundation (ir-Russja)

450. Federal Service for Military-Technical Cooperation (ir-Russja)

451. Federal State Budgetary Scientific Institution Research and Production Complex Technology Center (ir-Russja)

452. Federal State Institution Federal Scientific Center Scientific Research Institute for System Analysis of the Russian Academy of Sciences (ir-Russja)

453. Kumpanija b'Ishma Konġunti All-Russian Research Institute Signal (ir-Russja)

454. Kumpanija b'Ishma Konġunti, Center of Research and Technology Services Dinamika (ir-Russja)

455. Kumpanija b'Ishma Konġunti Concern Avtomatika (ir-Russja)

456. Kumpanija b'Ishma Konġunti Corporation Moscow Institute of Heat Technology (ir-Russja)

457. Kumpanija b'Ishma Konġunti Design Center Soyuz (ir-Russja)

458. Kumpanija b'Ishma Konġunti Design Technology Center Elektronika (ir-Russja)

459. Kumpanija b'Ishma Konġunti Institute for Scientific Research Microelectronic Equipment Progress (ir-Russja)

460. Kumpanija b'Ishma Konġunti Machine-Building Engineering Office Fakel Imsemmija għall-Akademika P.D. Grushina (ir-Russja)

461. Kumpanija b'Ishma Konġunti Moscow Institute of Electromechanics and Automatics (ir-Russja)

462. Kumpanija b'Ishma Konġunti North Western Regional Center of Almaz Antey Concern Obukhovsky Plant (ir-Russja)

463. Kumpanija b'Ishma Konġunti Obninsk Research and Production Enterprise Technologiya Msemmija Għal A.G. Romashin (ir-Russja)

464. Kumpanija b'Ishma Konġunti Penza Electrotechnical Research Institute (ir-Russja)

465. Kumpanija b'Ishma Konġunti Production Association Sever (ir-Russja)

466. Kumpanija b'Ishma Konġunti Research Center ELINS (ir-Russja)

467. Kumpanija b'Ishma Konġunti Research and Production Association of Measuring Equipment (ir-Russja)

468. Kumpanija b'Ishma Konġunti Research and Production Enterprise Radar MMS (ir-Russja)

469. Kumpanija b'Ishma Konġunti Research and Production Enterprise Sapfir (ir-Russja)

470. Kumpanija b'Ishma Konġunti RT-Tekhpriemka (ir-Russja)

471. Kumpanija b'Ishma Konġunti Russian Research Institute Electronstandart (ir-Russja)

472. Kumpanija b'Ishma Konġunti Ryazan Plant of Metal Ceramic Instruments (ir-Russja)

473. Kumpanija b'Ishma Konġunti Scientific Production Enterprise Digital Solutions (ir-Russja)

474. Kumpanija b'Ishma Konġunti Scientific Production Enterprise Kontakt (ir-Russja)

475. Kumpanija b'Ishma Konġunti Scientific Production Enterprise Topaz (ir-Russja)

476. Kumpanija b'Ishma Konġunti Scientific Research Institute Giricond (ir-Russja)

477. Kumpanija b'Ishma Konġunti Scientific Research Institute of Computer Engineering NII SVT (ir-Russja)

478. Kumpanija b'Ishma Konġunti Scientific Research Institute of Electrical Carbon Products (ir-Russja)

479. Kumpanija b'Ishma Konġunti Scientific Research Institute of Electronic and Mechanical Devices (ir-Russja)

480. Kumpanija b'Ishma Konġunti Scientific Research Institute of Electronic Engineering Materials (ir-Russja)

481. Kumpanija b'Ishma Konġunti Scientific Research Institute of Gas Discharge Devices Plasma (ir-Russja)

482. Kumpanija b'Ishma Konġunti Scientific Research Institute of Industrial Television Rastr (ir-Russja)

483. Kumpanija b'Ishma Konġunti Scientific Research Institute of Precision Mechanical Engineering (ir-Russja)

484. Kumpanija b’Ishma Konġunti Special Design Bureau of Computer Engineering (ir-Russja)

485. Kumpanija b’Ishma Konġunti Special Design Bureau of Control Means (ir-Russja)

486. Kumpanija b’Ishma Konġunti Special Design Bureau Turbina (ir-Russja)

487. Kumpanija b’Ishma Konġunti State Scientific Research Institute Kristall (ir-Russja)

488. Kumpanija b’Ishma Konġunti Svetlana Semiconductors (ir-Russja)

489. Kumpanija b’Ishma Konġunti Tekhnodinamika (ir-Russja)

490. Kumpanija b’Ishma Konġunti Voronezh Semiconductor Devices Factory Assembly (ir-Russja)

491. KAMAZ Publicly Traded Company (ir-Russja)

492. Keldysh Institute of Applied Mathematics of the Russian Academy of Sciences (ir-Russja)

493. Limited Liability Company Research and Production Association Radiovolna (ir-Russja)

494. Limited Liability Company RSBGroup (ir-Russja)

495. Mitishinskiy Scientific Research Institute of Radio Measuring Instruments (ir-Russja)

496. Kumpanija b’Ishma Konġunti Miftuħa Khabarovsk Radio Engineering Plant (ir-Russja)

497. Kumpanija b’Ishma Konġunti Miftuħa Mariyskiy Machine-Building Plant (ir-Russja)

498. Kumpanija b’Ishma Konġunti Miftuħa Scientific and Production Enterprise Pulsar (ir-Russja)

499. Kumpanija Pubblika b’Ishma Konġunti Megafon (ir-Russja)

500. Kumpanija Pubblika b’Ishma Konġunti Tutaev Motor Plant (ir-Russja)

501. Kumpanija Pubblika b'Ishma Konġunti Vympel Interstate Corporation (ir-Russja)

502. RT-Inform Limited Liability Company (ir-Russja)

503. Skolkovo Foundation (ir-Russja)

504. Skolkovo Institute of Science and Technology (ir-Russja)

505. State Flight Testing Center Imsemmi Għal V.P. Chkalov (ir-Russja)

506. Kumpanija b'Ishma Konġunti Research and Production Association Imsemmija Għal S.A. Lavochkina (ir-Russja)

507. VMK Limited Liability Company (ir-Russja)

508. TESTKOMPLEKT LLC (ir-Russja)

509. Radiopriborsnab LLC (ir-Russja)

510. CJSC Radiotekhkomplekt (ir-Russja)

511. Asia Pacific Links Ltd (Hong Kong, iċ-Ċina)

512. Tordan Industry Limited (Hong Kong, iċ-Ċina)

513. Alpha Trading Investments Limited (Hong Kong, iċ-Ċina)

514. JSC NICEVT (ir-Russja)

515. A-CONTRAKT (ir-Russja)

516. JCS Izhevsk Motozavod Axion-holding (ir-Russja)

517. Gorky Plant of Communication Equipment (GZAS) (ir-Russja)

518. Nizhny Novgorod Research Institute of Radio Engineering (NNIIRT) (ir-Russja)

519. Nizhegorodskiy televizionnyy zavod (NITEL JSC) (ir-Russja)

520. LLC Rezonit (ir-Russja)

521. ZAO Promelektronika (ir-Russja)

522. TD Promelektronika LLC (ir-Russja)

523. Tako LLC (l-Armenja)

524. Art Logistics LLC (ir-Russja)

525. GFK Logistics LLC (ir-Russja)

526. Novastream Limited (ir-Russja)

527. SKS Elektron Broker (ir-Russja)

528. Trust Logistics (ir-Russja)

529. Trust Logistics LLC (ir-Russja)

530. Alfa Beta Creative LLC (l-Użbekistan)

531. GFK Logistics Asia LLC (l-Użbekistan)

532. I Jet Global DMCC (is-Sirja)

533. I Jet Global DMCC (l-Emirati Għarab Magħquda)

534. Success Aviation Services FZC (l-Emirati Għarab Magħquda)

535. LLC CST (Zala Aero Group) (ir-Russja)

536. Iran Aircraft Manufacturing Industries Corporation (HESA) (l-Iran)

537. Kumpanija Pubblika b'Ishma Konġunti Bryansk Special Design Bureau (ir-Russja)

538. Federal State Enterprise Kazan State Gunpowder Plant (ir-Russja)

539. Federal State Unitary Enterprise Central Scientific Research Institute of Chemistry and Mechanics (ir-Russja)

540. Federal State Unitary Enterprise Rostov-On-Don Research Institute of Radio Communications (ir-Russja)

541. Informtest Firm Limited Liability Company (ir-Russja)

542. Kumpanija b'ishma konġunti150 Aircraft Repair Plant (ir-Russja)

543. Kumpanija b'ishma konġunti810 Aircraft Repair Plant (ir-Russja)

544. Kumpanija b'ishma konġunti Arzamas Instrument-Making Plant Imsemmija Għal P.I. Plandin (ir-Russja)

545. Negozju ta' Kumpanija b'Ishma Konġunti Central Institute for Scientific Research Elektropribor (ir-Russja)

546. Kumpanija b'Ishma Konġunti Dux (ir-Russja)

547. Kumpanija b'Ishma Konġunti Eastern Shipyard (ir-Russja)

548. Kumpanija b'Ishma Konġunti Information Satellite Systems Imsemmija Għall-akkademiku M.F. Reshetnev (ir-Russja)

549. Kumpanija b'Ishma Konġunti Bryansk Electromechanical Plant (ir-Russja)

550. Kumpanija b'Ishma Konġunti Kazan Optical-Mechanical Plant (Russia)

551. Kumpanija b'Ishma Konġunti Khabarovsk Shipbuilding Yard (ir-Russja)

552. Kumpanija b'Ishma Konġunti Machine Building Company Vityaz (ir-Russja)

553. Kumpanija b'Ishma Konġunti Management Company Radiostandard (ir-Russja)

554. Kumpanija b'Ishma Konġunti Marine Instrument Engineering Corporation (ir-Russja)

555. Kumpanija b'Ishma Konġunti NII Gidrosvyazi Shtil (ir-Russja)

556. Kumpanija b'Ishma Konġunti Nizhny Novgorod Plant tas-70 Anniversarju tal-Vitorja (ir-Russja)

557. Kumpanija b'Ishma Konġunti Northern Production Association Arktika (ir-Russja)

558. Kumpanija b'Ishma Konġunti Perm Machine Building Plant (ir-Russja)

559. Kumpanija b'Ishma Konġunti Production Complex Akhtuba (ir-Russja)

560. Kumpanija b'Ishma Konġunti Project Design Bureau RIO (ir-Russja)

561. Kumpanija b'Ishma Konġunti Scientific Production Association Orion (ir-Russja)

562. Kumpanija b'Ishma Konġunti Scientific Production Association Volna Plant (ir-Russja)

563. Kumpanija b'Ishma Konġunti Scientific Production Center of Automatics and Instrument Building Imsemmija għall-Akkademiku N.A. Pilyugin (ir-Russja)

564. Kumpanija b'Ishma Konġunti Scientific Production Concern Tekhmash (ir-Russja)

565. Kumpanija b'Ishma Konġunti Scientific Research Engineering Institute (ir-Russja)

566. Kumpanija b'Ishma Konġunti Scientific Research Institute of Computing Complexes Imsemmija Għal M.A. Kartsev (ir-Russja)

567. Kumpanija b'Ishma Konġunti Scientific Technical Institute Radiosvyaz (ir-Russja)

568. Kumpanija b'Ishma Konġunti Taganrog Plant Priboy (ir-Russja)

569. Kumpanija b'Ishma Konġunti Tula Cartridge Works (ir-Russja)

570. Kumpanija b'Ishma Konġunti Tula Machine-Building Plant (ir-Russja)

571. Kumpanija b'Ishma Konġunti Ulan-Ude Aviation Plant (ir-Russja)

572. Kumpanija b'Ishma Konġunti Ulyanovsk Cartridge Works (ir-Russja)

573. Kumpanija b'Ishma Konġunti Ural Automotive Plant (ir-Russja)

574. Kumpanija b'Ishma Konġunti Vodtranspribor (ir-Russja)

575. Kumpanija b'Ishma Konġunti Zavolzhskiy Plant of Caterpillar Tractors (ir-Russja)

576. Kumpanija b'Ishma Konġunti Zelenodolsk Plant Imsemmija Għal A.M. Gorky (ir-Russja)

577. Machine Building Group Limited Liability Company (ir-Russja)

578. Military Industrial Company Limited Liability Company (ir-Russja)

579. Kumpanija b'Ishma Konġunti Miftuħa Degtyaryov Plant (ir-Russja)

580. Promtekhnologiya Limited Liability Company (ir-Russja)

581. Kumpanija Pubblika b'Ishma Konġunti Kurganmashzavod (ir-Russja)

582. Kumpanija Pubblika b'Ishma Konġunti Motovilikha Plants (ir-Russja)

583. Kumpanija Pubblika b'Ishma Konġunti Proletarsky Plant (ir-Russja)

584. Kumpanija Pubblika b'Ishma Konġunti Rostvertol (ir-Russja)

585. Scientific Production Association Izhevsk Unmanned Systems Limited Liability Company (ir-Russja)

586. Scientific Production Enterprise Prima Limited Liability Company (ir-Russja)

587. United Machine Building Group Limited Liability Company (ir-Russja)

588. Volgograd Machine Building Company Limited Liability Company (ir-Russja)

589. VXI-Systems Limited Liability Company (ir-Russja)

590. LLC Yadro (ir-Russja)

591. Perm Powder Plant (ir-Russja)

592. RPA Kazan Machine Building Plant (ir-Russja)

593. Proton JSC (ir-Russja)

594. Grant Instrument (ir-Russja)

595. Streloy (ir-Russja)

596. LLC Research and Production Enterprise Itelma (ir-Russja)

597. TTK Kammarket LLC (ir-Russja)

598. JSC Kompel (ir-Russja)

599. LLC MBR-AVIA (ir-Russja)

600. LLC NeoTech (ir-Russja)

601. JSC Sozvezdie Concern (ir-Russja)

602. Serov Machine-Building Plant JSC (ir-Russja)

603. Aeroscan LLC (ir-Russja)

604. STC Orion LLC (ir-Russja)

605. Technical Center Windeq LLC (ir-Russja)

606. OrelMetallPolimer LLC (ir-Russja)

607. OMP LLC (ir-Russja)

608. Spetstehnotreyd LLC (ir-Russja)

609. BIC-inform (ir-Russja)

610. Spel LLC (ir-Russja)

611. Alfakomponent LLC (ir-Russja)

612. ID Solution LLC (ir-Russja)

613. Inelso LLC (ir-Russja)

614. Elitan Trade LLC (ir-Russja)

615. Hartis Dv LLV (ir-Russja)

616. SFT LLC (ir-Russja)

617. Kami Group LLC (ir-Russja)

618. AGT Systems LLC (ir-Russja)

619. Entep LLC (ir-Russja)

620. Mvizion LLC (l-Użbekistan)

621. Design Bureau of Navigation Sytems (NAVIS) (ir-Russja)

622. Deflog Technologies PTE LTD (Singapore)".

ANNESS II

L-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS VII

Lista ta' oġġetti u teknoloġija msemmija fl-Artikoli 2a(1) u 2b(1)

Parti A

Noti Ġenerali, Akronimi u Abbrevjazzjonijiet, u Definizzjonijiet fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821 japplikaw għal dan l-Anness, bl-eċċezzjoni tal-"Parti I — Noti Ġenerali, Akronimi u Abbrevjazzjonijiet, u Definizzjonijiet, Noti Ġenerali tal-Anness I, il-punt 2".

Id-definizzjonijiet tat-Termini użati fil-Lista Militari Komuni (Common Military List , CML) tal-Unjoni Ewropea (2020/C 85/01) japplikaw għal dan l-Anness.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, oġġetti mhux ikkontrollati li fihom komponent wieħed jew aktar elenkati f'dan l-Anness mhumiex soġġetti għall-kontrolli skont l-Artikoli 2a u 2b ta' dan ir-Regolament.

Kategorija I - Elettronika

X.A.I.001 Apparati u komponenti elettroniċi.

a. “Mikroċirkwiti tal-mikroproċessuri”, “mikroċirkwiti tal-mikrokompjuters”, u mikroċirkwiti tal-mikrokontrolluri li għandhom xi wieħed minn dan li ġej:

1. Veloċità tal-prestazzjoni ta’ 5 GigaFLOPS jew aktar u unità loġika aritmetika b’wisa’ ta’ aċċess ta’ 32 bit jew aktar;

2. Rata tal-frekwenza tal-arloġġ ta’ aktar minn 25 MHz; jew

3. Aktar minn bus waħda ta’ *data* jew tal-istruzzjoni jew port wieħed tal-komunikazzjoni serjali li jipprovdu interkonnessjoni esterna diretta bejn “mikroċirkwiti tal-mikroproċessur” paralleli b’rata ta’ trasferiment ta’ 2,5 Mbyte/s;

b. Ċirkwiti integrati tal-ħżin, kif ġej:

1. Memorji jinqraw biss, kanċellabbli u programmabbli bl-elettriku (electrically erasable programmable read-only memories, EEPROMs) b’kapaċità ta’ ħżin;

a. Li jaqbżu s-16-il Mbit kull pakkett għal tipi ta’ memorja flash; jew

b. Li jaqbżu xi wieħed mil-limiti li ġejjin għat-tipi l-oħra kollha ta’ EEPROM:

1. Jaqbżu 1 Mbit kull pakkett; jew

2. Jaqbżu l-256 kbit kull pakkett u ħin massimu ta' aċċess ta' inqas minn 80 ns;

2. Memorji statiċi b'aċċess każwali (static random access memories, SRAMs) b'kapaċità ta' ħżin li:

a. Jaqbżu 1 Mbit kull pakkett; jew

b. Jaqbżu l-256 kbit kull pakkett u ħin massimu ta' aċċess ta' inqas minn 25 ns;

c. Konvertituri minn analoġiku għal diġitali li għandhom xi wieħed minn dan li ġej:

1. Riżoluzzjoni ta' 8 bit jew aktar, iżda inqas minn 12-il bit, b'rata ta' output akbar minn 200 Mega Kampjun Kull Sekonda (Mega Samples Per Second, MSPS);

2. Riżoluzzjoni ta' 12-il bit b'rata ta' output akbar minn 105 Mega Kampjuni kull Sekonda (MSPS);

3. Riżoluzzjoni ta' aktar minn 12-il bit iżda daqs jew inqas minn 14-il bit b'rata ta' output akbar minn 10 Mega Kampjuni kull Sekonda (MSPS); jew

4. Riżoluzzjoni ta' 14-il bit b'rata ta' output akbar minn 2,5 Mega Kampjuni kull Sekonda (MSPS);

d. Apparat loġiku programmabbli fil-post li għandu għadd massimu ta' input/outputs diġitali b'tarf wieħed bejn 200 u 700;

e. Proċessuri FFT (Fast Fourier Transform) li għandhom ħin ta' eżekuzzjoni nominali għal FFT kumplessa ta' 1 024 punt ta' inqas minn 1 ms;

f. Ċirkwiti integrati apposta li l-funzjoni għalihom ma tkunx magħrufa, jew l-istatus ta' kontroll tat-tagħmir fejn ikunu se jintużaw iċ-ċirkwiti integrati ma jkunx magħruf mill-manifattur, li għandhom xi wieħed minn dan li ġej:

1. Aktar minn 144 terminal; jew

2. Dewmien tal-propagazzjoni bażiku tipiku ta' inqas minn 0,4 ns;

g. "Apparat elettroniku bil-vakwu" bil-mewġ progressiv, b'mewġ bl-impuls jew kontinwu, kif ġej:

1. Apparati b'kavità akkoppjati, jew derivattivi tagħhom;

2. Apparati bbażati fuq l-ispirali, gwidi tal-mewġ mitwija, jew ċirkwiti tal-gwidi tal-mewġ serpentini, jew derivattivi tagħhom, li għandhom kwalunkwe wieħed milli ġej:

a. "Wisa' tal-banda istantanja" ta' nofs ottava jew aktar u potenza medja (espressa f'kW) immultiplikata bil-frekwenza (espressa f'GHz) ta' aktar minn 0,2; jew

b. "Wisa' tal-banda istantanja" ta' inqas minn nofs ottava; u potenza medja (espressa f'kW) immultiplikata bil-frekwenza (espressa f'GHz) ta' aktar minn 0,4;

h. Gwidi tal-mewġ flessibbli ddisinjati għall-użu fi frekwenzi li jaqbżu l-40 GHz;

i. Apparat li juża mewġ akustiku tal-wiċċ u mewġ akustiku li jmiss il-wiċċ (mhux profond), li għandu xi wieħed minn dan li ġej:

1. Frekwenza portatriċi ta' aktar minn 1 GHz; jew

2. Frekwenza portatriċi ta' 1 GHz jew inqas; u

a. "Twarrib tal-lobi laterali bi frekwenza" ta' aktar minn 55 dB;

b. Ir-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-ħin massimu ta' dewmien mal-wisa' tal-banda (ħin f'μs u wisa' tal-banda f'MHz) ta' aktar minn 100; jew

c. Dewmien għad-dispersjoni ta' aktar minn 10 μs;

Nota Teknika: Għall-finijiet ta' X.A.I.001.i l-"iskartar tal-lobi laterali tal-frekwenza" huwa l-valur massimu ta' skartar speċifikat fil-folja tad-data.

j. "Ċelluli" kif ġej:

1. "Ċelloli primarji" li għandhom "densità ta' enerġija" ta' 550 Wh/kg jew inqas f'293 K (20 °C);

2. “Ċelloli sekondarji” li għandhom “densità ta’ enerġija” ta’ 350 Wh/kg jew inqas f’293 K (20 °C);

Nota: X.A.I.001.j. ma jikkontrollax il-batteriji, inklużi l-batteriji b’ċellula waħda.

Noti Tekniċi:

1. Għall-fini ta’ X.A.I.001.j id-densità tal-enerġija (Wh/kg) hija kkalkulata mill-vultaġġ nominali mmultiplikat bil-kapaċità nominali f’ampere-sigħat (Ah) diviż bil-massa f’kilogrammi. Jekk il-kapaċità nominali ma tkunx iddikjarata, id-densità tal-enerġija tiġi kkalkulata mill-vultaġġ nominali kwadrat imbagħad immultiplikat b’kemm idum l-iskariku f’sigħat diviża bit-tagħbija tal-iskarika f’Ohms u l-massa f’kilogrammi.

2. Għall-fini ta’ X.A.I.001.j, “ċellula” hija definita bħala apparat elettrokimiku, li għandu elettrodi pożittivi u negattivi, u elettrolit, u huwa sors ta’ enerġija elettrika. Din hija l-element kostitwenti bażiku ta’ batterija.

3. Għall-fini ta’ X.A.I.001.j.1, “ċellula primarja” hija “ċellula” li mhijiex iddisinjata biex tiġi ċċarġjati minn xi sors ieħor.

4. Għall-fini ta’ X.A.I.001.j.2, “ċellula sekondarja” hija “ċellula” li hija ddisinjata biex tiġi ċċarġjati minn sors elettriku estern.

k. Elettrokalamiti “superkonduttivi” jew solenojdi, iddisinjati apposta sabiex jiġu ċċarġjati jew iddiskarġjati kompletament f’anqas minn minuta, u li għandhom dan kollu li ġej:

Nota: X.A.I.001.k ma jikkontrollax elettrokalamiti “superkonduttivi” jew solenojdi ddisinjati għal tagħmir mediku b’Immaġini ta’ Reżonanza Manjetika (Magnetic Resonance Imaging, MRI).

1. Enerġija massima kkonsenjata matul l-iskariku diviża b’kemm idum l-iskariku ta’ aktar minn 500 kJ fil-minuta;

2. Dijametru intern tal-koljaturi li jġorru l-kurrent ta’ aktar minn 250 mm; u

3. speċifikati għal induzzjoni manjetika ta’ aktar minn 8 T jew “densità totali tal-kurrent” fil-koljatura ta’ aktar minn 300 A/mm^2;

l. Ċirkwiti jew sistemi għall-ħażna elettromanjetika tal-enerġija, li fihom komponenti manifatturati minn materjali “superkonduttivi” ddisinjati apposta għal tħaddim f’temperaturi taħt it-“temperatura kritika” ta’ mill-inqas wieħed mill-kostitwenti “superkonduttivi” tagħhom, li għandhom dan kollu li ġej:

1. Frekwenzi operattivi reżonanti ta’ aktar minn 1 MHz;

2. Densità ta’ enerġija maħżuna ta’ 1 MJ/m^3 jew aktar; u

3. Ħin ta’ skariku ta’ inqas minn 1 ms;

m. Tiratroni tal-idroġenu/iżotopi tal-idroġenu b’kostruzzjoni ta’ metall taċ-ċeramika u rata għall-ogħla kurrent ta’ 500 A jew aktar;

n. Filtri ta’ frekwenza taċ-ċeramika;

o. Ċelluli solari, assemblaġġi bil-koperturi tal-ħġieġ biċ-ċelluli interkonnessi (cell-interconnect-coverglass, CIC), pannelli solari, u matriċi solari, li huma “kwalifikati għall-ispazju” u mhux ikkontrollati minn 3A001.e.4[1];

p. Trimmers taċ-ċermit.

X.A.I.002 “Assemblaġġi elettroniċi”, moduli u tagħmir bi skop ġenerali.

a. Tagħmir elettroniku għall-ittestjar, minbarra dak speċifikat fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821;

b. Reġistraturi tad-*data* b’tejp manjetiku bl-istrumentazzjoni diġitali li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin;

1. Rata massima ta’ trasferiment ta’ interfaċċa diġitali li taqbeż is-60 Mbit/s u li tuża tekniki ta’ skennjar elikali;

2. Rata massima ta’ trasferiment ta’ interfaċċa diġitali li taqbeż il-120 Mbit/s u li tuża tekniki ta’ ras fissa; jew

[1] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821

3. “Spazju kwalifikat”;

c. Tagħmir, b’rata massima ta’ trasferiment diġitali tal-interfaċċa ta’ aktar minn 60 Mbit/s, iddisinjat biex jikkonverti rekorder vidjo diġitali bit-tejp manjetiku għall-użu bħala reġistraturi diġitali tad-*data* tal-istrumentazzjoni;

d. Oxxilloskopji analogi mhux modulari li għandhom wisa’ tal-banda ta’ 1 GHz jew aktar;

e. Sistemi modulari analogi ta’ oxxilloskopju li għandhom waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

1. Mainframe b’wisa’ tal-banda ta’ 1 GHz jew aktar; jew

2. Moduli plug-in b’wisa’ tal-banda individwali ta’ 4 GHz jew aktar;

f. Oxxilloskopji tal-kampjunar analogi għall-analiżi ta’ fenomeni rikorrenti b’wisa’ tal-banda effettiva ta’ aktar minn 4 GHz;

g. Oxxilloskopji diġitali u rekorders tranżitorji, li jużaw tekniki ta’ konverżjoni analogi għal diġitali, li kapaċi jaħżnu tranżjenti billi jieħdu kampjuni sekwenzjali ta’ inputs b’tir wieħed f’intervalli suċċessivi ta’ inqas minn 1 ns (akbar minn 1 Giga Kampjuni fis-sekonda (GSPS)), filwaqt li jiddiġitalizzaw għal riżoluzzjoni ta’ 8 bit jew akbar u jaħżnu 256 kampjun jew aktar.

Nota: X.A.I.002 jikkontrolla l-komponenti ddisinjati apposta li ġejjin għal oxxilloskopji analogi:

1. Unitajiet plug-in;

2. Amplifikaturi esterni;

3. Preamplifikaturi;

4. Apparat għat-teħid ta' kampjuni;

5. Tubi katodiċi

X.A.I.003 Tagħmir tal-ipproċessar speċifiku, minbarra dak speċifikat fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, kif ġej:

a. Varjaturi tal-frekwenza u komponenti ddisinjati apposta, minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821;

b. Spettrometri tal-massa, minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821;

c. Il-magni kollha tar-raġġi X bil-flash, jew komponenti ta' sistemi tal-potenza bl-impulsi ddisinjati għalihom, inklużi ġeneraturi Marx, networks għat-tiswir tal-impulsi ta' potenza qawwija, kapaċitatur ta' vultaġġ għoli, u grilli;

d. Amplifikaturi tal-implusi, minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821;

e. Tagħmir elettroniku għall-ġenerazzjoni tad-dewmien fil-ħin jew għall-kejl tal-intervall tal-ħin, kif ġej:

1. Ġeneraturi diġitali tad-dewmien tal-ħin b'riżoluzzjoni ta' 50 ns jew inqas fuq intervalli ta' ħin ta' 1 μs jew aktar; jew

2. Meter tal-intervall tal-ħin multikanali (tlieta jew aktar) jew modulari u tagħmir tal-kronometrija b'riżoluzzjoni ta' 50 ns jew inqas fuq intervalli ta' ħin ta' 1 μs jew aktar;

f. Strumenti analitiċi tal-kromatografija u l-ispettrometrija.

X.B.I.001 Tagħmir għall-manifattura ta' komponenti jew materjali elettroniċi, kif ġej u komponenti u aċċessorji ddisinjati apposta għalih:

a. Tagħmir iddisinjat apposta għall-manifattura ta' tubi tal-elettroni, elementi ottiċi u komponenti ddisinjati apposta għalihom ikkontrollati minn 3A001[1] jew X.A.I.001;

[1] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821

b. Tagħmir iddisinjat apposta għall-manifattura ta’ apparat semikonduttur, ċirkwiti integrati u “assemblaġġi elettroniċi”, kif ġej, u sistemi li jinkorporaw jew li għandhom il-karatteristiċi ta’ tali tagħmir:

Nota: X.B.I.001.b. jikkontrolla wkoll tagħmir użat jew modifikat għall-użu fil-manifattura ta’ apparat ieħor, bħal apparat tal-immaġni, apparat elettroottiku, apparat b’mewġ akustiku.

1. Tagħmir għall-ipproċessar ta’ materjali għall-manifattura ta’ apparati u komponenti kif speċifikat fl-intestatura ta’ X.B.I.001.b, kif ġej:

Nota: X.B.I.001 ma jikkontrollax it-tubi kwarzużi tal-fran, liners tal-fran, il-paletti, l-istands (minbarra stands b’qafas iddisinjati apposta), bubblers, kassetti jew griġjoli ddisinjati apposta għat-tagħmir tal-ipproċessar ikkontrollat minn X.B.I.001.b.1.

a. Tagħmir għall-produzzjoni tas-siliċju polikristallin u materjali kkontrollati bi 3C001[1];

b. Tagħmir iddisinjat apposta għall-purifikazzjoni jew l-ipproċessar ta’ materjali semikondutturi III/V u II/VI rregolati minn 3C001, 3C002, 3C003, 3C004, jew 3C005[1] għajr għall-pullers tal-kristalli, li għalihom ara X.B.I.001.b.1.c hawn taħt;

[1] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821

c. Pullers tal-kristall u fran, kif ġej:

Nota: X.B.I.001.b.1.c ma jikkontrollax il-fran ta' diffużjoni u ta' ossidazzjoni.

1. Tagħmir għall-ittemprar jew ir-rikristalizzazzjoni għajr fran b'temperatura kostanti li juża rati għolja ta' trasferiment ta' enerġija li jista' jipproċessa wafers b'rata li taqbeż iż-0,005 m^2 kull minuta;

2. Pullers tal-kristall "ikkontrollati bi programm maħżun" li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

   a. Rikarikabbli mingħajr ma jinbidel il-kontenitur tal-griġjol;

   b. Kapaċi li joperaw taħt pressjoni li taqbeż it-2,5 x 10^5 Pa; jew

   c. Kapaċi jiġbdu kristalli ta' dijametru ta' aktar minn 100 mm;

d. Tagħmir “ikkontrollat minn programm maħżun” għal tkabbir epitassjali li jkollu xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

1. Kapaċi li jipproduċi saff tas-siliċju bi ħxuna uniformi ta’ anqas minn ± 2,5 % fuq distanza ta’ 200 mm jew aktar;

2. Kapaċi jipproduċi saff ta’ kwalunkwe materjal minbarra siliċju b’uniformità ta’ ħxuna tul il-wafer ta’ ± 3,5 % jew aħjar; jew

3. Rotazzjoni ta’ wafers individwali waqt l-ipproċessar;

e. Tagħmir ta’ tkabbir epitassjali b’raġġ molekulari;

f. Tagħmir ta’ “pulverizzazzjoni katodika” msaħħaħ manjetikament b’serraturi tat-tagħbija integrali ddisinjati apposta li kapaċi jittrasferixxu wafers f’ambjent iżolat b’vakwu;

g. Tagħmir iddisinjat apposta għall-impjantazzjoni jonika, diffużjoni ta’ joni mtejba jew fotomsaħħa, li għandu xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

1. Kapaċità ta’ ffurmar ta’ forom;

2. Enerġija tar-raġġ (vultaġġ ta’ aċċellerazzjoni) ogħla minn 200 keV;

3. Ottimizzat biex jaħdem b'enerġija mir-raġġ (vultaġġ ta' aċċellerazzjoni) ta' inqas minn 10 keV; jew

4. Kapaċi għal impjantazzjoni ta' ossiġnu b'enerġija għolja f'"sottostrat" imsaħħan;

h. Tagħmir "ikkontrollat bi programm maħżun" għat-tneħħija selettiva (inċiżjoni) permezz ta' metodi xotti aniżotropiċi (pereż., plażma), kif ġej:

1. "Tipi ta' lottijiet" li għandhom wieħed minn dawn li ġejjin:

a. Detezzjoni fil-punt finali, għajr tipi ta' spettroskopija ta' emissjoni ottika; jew

b. Pressjoni operazzjonali (inċiżjoni) tar-reattur ta' 26,66 Pa jew inqas;

2. "Tipi tal-wafer singola" li għandhom wieħed minn dawn li ġejjin:

a. Detezzjoni fil-punt finali, għajr tipi ta' spettroskopija ta' emissjoni ottika;

b. Pressjoni operazzjonali (inċiżjoni) tar-reattur ta' 26,66 Pa jew inqas; jew

c. Ġestjoni tal-wafers b'kasett għal kasett u load locks;

Noti:

1. *"Tipi ta' lottijiet" tirreferi għal magni li mhumiex iddisinjati apposta għall-ipproċessar tal-produzzjoni ta' wafers singoli. Magni bħal dawn jistgħu jipproċessaw żewġ wafers jew aktar simultanjament b'parametri ta' proċess komuni, pereż. potenza RF, temperatura, speċijiet ta' gass etch, rati ta' fluss.*

2. *"Tipi tal-wafer singola" tirreferi għal magni ddisinjati apposta għall-ipproċessar tal-produzzjoni ta' wafers singoli. Dawn il-magni jistgħu jużaw tekniki awtomatiċi għall-immaniġġar tal-wafers biex jgħabbu wafer waħda fit-tagħmir għall-ipproċessar. Id-definizzjoni tinkludi tagħmir li jista jgħabbi u jipproċessa diversi wafers iżda fejn il-parametri tal-inċiżjoni, pereż. il-potenza RF jew il-punt tat-tmiem, jistgħu jiġu ddeterminati b'mod indipendenti għal kull wafer individwali.*

i. Tagħmir ta' depożitar kimiku f'faża ta' fwar (chemical vapour deposition, CVD), pereż., CVD (PECVD) imtejjeb bil-plażma jew CVD imtejjeb b'fotografija, għall-manifattura ta' apparat semikonduttur, li għandu waħda minn dawn il-kapaċitajiet li ġejjin, għad-depożizzjoni ta' ossidi, nitridi, metalli jew polisiliċju:

1. Tagħmir ta' depożitar kimiku f'faża ta' fwar li jopera taħt l-10^5 Pa; jew

2. Tagħmir PECVD li jopera jew taħt is-60 Pa jew li għandu mmaniġġar awtomatiku tal-wafers kassetta għal kassetta u load lock;

Nota: X.B.I.001.b.1.i ma jikkontrollax sistemi ta' depożitar kimiku f'faża ta' fwar (low pressure chemical vapor deposition, LPCVD) bi pressjoni baxxa jew tagħmir reattiv ta' "pulverizzazzjoni katodika".

j. Sistemi ta' raġġi ta' elettroni ddisinjati apposta jew modifikati għall-manifattura tal-maskri jew l-ipproċessar ta' apparat semikonduttur li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

1. Deflessjoni elettrostatika tar-raġġ;

2. Profil ta' raġġ iffurmat, mhux Gaussjan;

3. Rata ta' konverżjoni minn diġitali għal analoga ta' aktar minn 3 MHz;

4. Akkuratezza tal-konverżjoni minn diġitali għal analog li taqbeż it-12-il bit; jew

5. Preċiżjoni tal-kontroll tal-feedback tal-pożizzjoni tal-bersall sar-raġġ ta' 1 μm jew aktar fin;

Nota: X.B.I.001.b.1.j ma jikkontrollax is-sistemi ta' depożizzjoni għar-raġġi tal-elettroni jew il-mikroskopji bl-elettroni ta' skop ġenerali.

k. Tagħmir għall-irfinar tal-wiċċ għall-ipproċessar ta' wafers semikondutturi kif ġej:

1. Tagħmir iddisinjat apposta għall-ipproċessar fuq wara ta' wafers irqaq minn 100 μm u s-separazzjoni sussegwenti tagħhom; jew

2. Tagħmir iddisinjat apposta biex tinkiseb il-ħruxija tal-wiċċ attiv ta' wafer ipproċessata b'valur ta' żewġ sigma ta' 2 μm jew inqas, skont il-qari tal-indikatur totali (total indicator reading, TIR);

Nota: X.B.I.001.b.1.k ma jikkontrollax tagħmir ta' rrumblar u illustrar fuq naħa waħda għall-irfinar tal-wiċċ tal-wafers.

l. Tagħmir ta’ interkonnessjoni li jinkludi kmamar b’vakwu singoli jew multipli komuni ddisinjat apposta li jippermetti l-integrazzjoni ta’ kwalunkwe tagħmir ikkontrollat minn X.B.I.001 f’sistema sħiħa;

m. Tagħmir “ikkontrollat minn programm maħżun” li juża “lasers” għat-tiswija jew it-tirqim ta’ “ċirkwiti integrati monolitiċi” b’waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

1. Akkuratezza tal-pożizzjonament ta’ inqas minn ± 1 μm; jew

2. Daqs tat-tikka (wisa tal-qalba) inqas minn 3 μm.

Nota Teknika: Għall-fini ta’ X.B.I.001.b.1, “il-pulverizzazzjoni katodika” hija proċess ta’ kisi fejn joni ċċarġjati pożittivament jiġu aċċellerati b’kamp elettriku lejn il-wiċċ ta’ bersall (materjal tal-kisi). L-enerġija kinetika tal-joni tal-impatt hija biżżejjed biex tikkawża li l-atomi tal-wiċċ fil-mira jiġu rilaxxati u ddepożitati fuq is-sottostrat. (Nota: Il-pulverizzazzjoni katodika bit-trijodu, il-manjetron jew bi frekwenza tar-radju sabiex tiżdied l-adeżjoni tal-kisja u r-rata ta’ depożizzjoni huma modifiki ordinarji tal-proċess).

2. Maskri, sottostrati tal-maskri, tagħmir li jagħmel il-maskri u tagħmir għat-trasferiment tal-immaġini għall-manifattura ta' apparati u komponenti kif speċifikat fl-intestatura ta' X.B.I.001, kif ġej:

Nota: It-terminu maskri jirreferi għal dawk użati fil-litografija b'raġġ ta' elettroni, fil-litografija bir-raġġi X, u fil-litografija ultravjola, kif ukoll fil-fotolitografija ultravjola u viżibbli tas-soltu.

a. Maskri lesti, retikoli u disinji għalihom, minbarra:

1. Maskri jew retikoli lesti għall-produzzjoni ta' ċirkwiti integrati mhux ikkontrollati minn 3A001[1]; jew

2. Maskri jew retikoli, li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin:

a. L-għamla tagħhom tkun ibbażata fuq ġeometriji ta' 2,5 μm jew aktar; u

b. L-għamla ma tinkludix karatteristiċi speċjali li jbiddlu l-użu maħsub permezz ta' tagħmir tal-produzzjoni jew "software";

[1] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821

b. Sottostrati tal-maskri kif ġej:

1. "Sottostrati" (pereż. ħġieġ, kwartz, żafir) miksija bil-wiċċ iebes (pereż. kromju, siliċju, molibdenu) għall-preparazzjoni ta' maskri b'dimensjonijiet li jaqbżu l-125 mm x 125 mm; jew

2. Sottostrati ddisinjati apposta għal maskri tar-raġġi-X;

c. Tagħmir, għajr kompjuters għal użu ġenerali, iddisinjat apposta għat-tfassil megħjun mill-kompjuter (computer aided design - CAD) ta' apparat semikonduttur jew ċirkwiti integrati;

d. Tagħmir jew magni, kif ġej, għall-fabbrikazzjoni ta' maskri jew retikoli:

1. Kameras fotoottiċi li jaħdmu b'repetizzjoni f'sekwenza li kapaċi jipproduċu matriċijiet akbar minn 100 mm x 100 mm, jew kapaċi jipproduċu espożizzjoni waħda akbar minn 6 mm x 6 mm fil-pjan tal-immaġni (jiġifieri, fokali), jew kapaċi jipproduċu wisa' tal-linja ta' inqas minn 2,5 μm fil-fotoreżistenza fuq is-"sottostrat";

2. Tagħmir ta' fabbrikazzjoni ta' maskri jew ta' retikoli li jużaw litografija b'raġġ ta' jone jew "laser" li kapaċi tipproduċi wisa' tal-linja ta' inqas minn 2,5 μm; jew

3. Tagħmir jew holders għall-alterazzjoni ta' maskri jew retikoli jew iż-żieda ta' pellikoli biex jitneħħew id-difetti;

Nota: X.B.I.001.b.2.d.1 u b.2.d.2 ma jikkontrollawx tagħmir ta' fabbrikazzjoni ta' maskri bl-użu ta' metodi fotoottiċi li jew kien kummerċjalment disponibbli qabel l-1 ta' Jannar 1980, jew għandu prestazzjoni mhux aħjar minn tagħmir bħal dan.

e. Tagħmir "ikkontrollat minn programm maħżun" għall-ispezzjoni ta' maskri, retikoli jew pellikoli bi:

1. Riżoluzzjoni ta' 0,25 μm jew aktar fina; u

2. Preċiżjoni ta' 0,75 μm jew aktar fin fuq distanza f'koordinat wieħed jew tnejn ta' 63,5 mm jew aktar;

Nota: X.B.I.001.b.2.e ma jikkontrollax mikroskopji bl-elettroni tal-iskennjar ta' skop ġenerali minbarra meta ddisinjati apposta u strumentati għall-ispezzjoni awtomatika tad-disinn.

f. Tagħmir ta’ allinjament u ta’ esponiment għall-produzzjoni tal-wafers bl-użu ta’ metodi fotoottiċi jew bir-raġġi X, pereż. tagħmir litografiku, inkluż kemm tagħmir għat-trasferiment tal-immaġni għall-proġettazzjoni kif ukoll tagħmir li jaħdem b’repetizzjoni f’sekwenza (sekwenza diretta fuq il-wafer) jew ta’ skennjar (skener), li kapaċi jwettaq kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet li ġejjin:

Nota: X.B.I.001.b.2.f ma jikkontrollax it-tagħmir ta’ allinjament u ta’ esponiment għall-kuntatt u għall-prossimità fotoottiċi jew it-tagħmir għat-trasferiment tal-immaġni tal-kuntatt.

1. Produzzjoni ta’ daqs ta’ disinn ta’ inqas minn 2,5 μm;

2. Allinjament bi preċiżjoni aktar fina minn ± 0,25 μm (3 sigma);

3. Kisja bejn magna u oħra mhux akbar ± 0,3 μm; jew

4. Tul ta’ mewġ tas-sors tad-dawl iqsar minn 400 nm;

g. Tagħmir ta’ raġġ ta’ elettroni, raġġ joniku jew raġġi-X għat-trasferiment ta’ immaġni ta’ proġettazzjoni li kapaċi jipproduċi disinji ta’ inqas minn 2,5 μm;

Nota: Għal sistemi ffukati b’raġġi diflettivi (sistemi ta’ kitba diretta), ara X.B.I.001.b.1.j.

h. Tagħmir li juża “lasers” għal kitba diretta fuq wafers li kapaċi jipproduċu disinji ta’ inqas minn 2,5 μm.

3. Tagħmir għall-assemblaġġ ta’ ċirkwiti integrati, kif ġej:

a. Die bonders “ikkontrollati bi programm maħżun” li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

1. Iddisinjati apposta għal “ċirkwiti integrati ibridi”;

2. Ċaqlieq X-Y tal-istadju tal-ippożizzjonar li jaqbeż is-37,5 x 37,5 mm; u

3. Preċiżjoni tat-tqegħid fil-pjan X-Y ta’ finezza akbar minn ± 10 μm;

b. Tagħmir “ikkontrollat minn programm maħżun” għall-produzzjoni ta’ rabtiet multipli f’operazzjoni waħda (pereż. bonders taċ-ċomb tar-raġġi, chip carrier bonders, tape bonders);

c. Siġillaturi semiawtomatiċi jew awtomatiċi tal-kappa sħuna, li fihom il-kappa tissaħħan lokalment għal temperatura ogħla mill-korp tal-pakkett, iddisinjati apposta għall-pakketti ta’ mikroċirkwit taċ-ċeramika kkontrollati minn 3A001([1]) u li għandhom fluss daqs jew aktar minn pakkett wieħed fil-minuta.

[1] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821

Nota: X.B.I.001.b.3 ma jikkontrollax l-ispot welders tat-tip ta' reżistenza għal skopijiet ġenerali.

4. Filters għal kmamar nodfa li jistgħu jipprovdu ambjent ta' arja b'10 partikoli jew anqas ta' dijametru ta' 0,3 μm jew iżgħar kull 0,02832 m^3 u materjali tal-filter għalihom.

Nota Teknika: Għall-fini ta' X.B.I.001, "ikkontrollat minn programm maħżun" huwa kontroll li juża struzzjonijiet maħżuna f'maħżen elettroniku li proċessur jista' jeżegwixxi sabiex jidderieġi t-twettiq ta' funzjonijiet predeterminati. It-tagħmir jista' jkun "ikkontrollat minn programm maħżun" kemm jekk il-maħżen elettroniku jkun intern kif ukoll jekk ikun estern għat-tagħmir.

X.B.I.002 Tagħmir għall-ispezzjoni jew għall-ittestjar ta' komponenti u materjali elettroniċi, u komponenti u aċċessorji ddisinjati apposta għalih.

a. Tagħmir iddisinjat apposta għall-ispezzjoni jew l-ittestjar ta' tubi ta' elettroni, elementi ottiċi u komponenti ddisinjati apposta għalihom ikkontrollati minn 3A001([1]) jew X.A.I.001;

b. Tagħmir iddisinjat apposta għall-ispezzjoni jew l-ittestjar ta' apparat semikonduttur, ċirkwiti integrati u "assemblaġġi elettroniċi", kif ġej, u sistemi li jinkorporaw jew li għandhom il-karatteristiċi ta' tali tagħmir:

[1] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821

Nota: X.B.I.002.b jikkontrolla wkoll tagħmir użat jew modifikat għall-użu fl-ispezzjoni jew l-ittestjar ta' apparat ieħor, bħal apparat tal-immaġni, apparat elettroottiku, apparat b'mewġ akustiku.

1. Tagħmir ta' spezzjoni "kkontrollat minn programm maħżun" għall-individwazzjoni awtomatika ta' difetti, żbalji jew kontaminanti ta' dijametru ta' 0,6 μm jew inqas f'wafers ipproċessati jew fuqhom, sottostrati, minbarra bordijiet ta' ċirkwiti jew ċipep stampati, bl-użu ta' tekniki ottiċi ta' akkwist tal-immaġni għat-tqabbil tad-disinn;

   Nota: X.B.I.002.b.1 ma jikkontrollax mikroskopji bl-elettroni tal-iskennjar ta' skop ġenerali minbarra meta ddisinjati apposta u strumentati għall-ispezzjoni awtomatika tad-disinn.

2. Tagħmir ta' kejl u analiżi ddisinjat apposta "kkontrollat minn programm maħżun", kif ġej:

   a. Iddisinjati apposta għall-kejl tal-kontenut tal-ossiġenu jew il-karbonju f'materjali semikondutturi;

   b. Tagħmir għall-kejl tal-wisa' tal-linja b'riżoluzzjoni ta' 1 μm jew aktar fina;

c. Strumenti ddisinjati apposta għall-kejl tal-iċċattjar li kapaċi jkejlu devjazzjonijiet miċ-ċatt ta' 10 μm jew inqas b'riżoluzzjoni ta' 1 μm jew aktar fina.

3. Tagħmir għall-ittestjar tal-wafers "ikkontrollat minn programm maħżun" li għandu xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

a. Akkuratezza tal-pożizzjonament aktar fina minn 3,5 μm;

b. Jista' jittestja tagħmir li jkollu aktar minn 68 terminal; jew

c. Jista' jittestja bi frekwenza ta' aktar minn 1 GHz;

4. Tagħmir ta' ttestjar kif ġej:

a. Tagħmir "ikkontrollat minn programm maħżun" iddisinjat apposta għall-ittestjar ta' apparat semikonduttur diskret u dadi mhux inkapsulati, li kapaċi jittestja fi frekwenzi ta' aktar minn 18-il GHz;

Nota Teknika: Apparati semikondutturi diskreti jinkludu fotoċelloli u ċelloli solari.

b. Tagħmir “ikkontrollat bi programm maħżun” iddisinjat apposta għall-ittestjar ta’ ċirkwiti integrati u “assemblaġġi elettroniċi” tagħhom, li kapaċi jwettqu testijiet funzjonali:

1. B’“rata tad-disinn” ta’ aktar minn 20 MHz;jew

2. B’“rata tad-diżinn” ta’ aktar minn 10 MHz iżda mhux aktar minn 20 MHz u kapaċi jittestja pakketti ta’ aktar minn 68 terminal.

Noti: X.B.I.002.b.4.b. ma jikkontrollax tagħmir ta’ kontroll iddisinnjat b’mod speċjali għall-ittestjar:

1. Memorji;

2. Assemblaġġi jew klassi ta’ “assemblaġġi elettroniċi” għal applikazzjonijiet fid-dar u għad-divertiment; u

3. Komponenti elettroniċi, “assemblaġġi elettroniċi” u ċirkwiti integrati mhux ikkontrollati minn 3A001([1]) jew X.A.I.001 sakemm dan it-tagħmir tal-ittestjar ma jinkorporax faċilitajiet tal-kompjuter bi “programmabbiltà aċċessibbli għall-utent”.

[1] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821

Nota Teknika: Għall-finijiet ta' X.B.I.002.b.4.b, "rata tad-dħul" hija definita bħala l-frekwenza massima tal-operazzjoni diġitali ta' apparat li jittestja. Għalhekk huwa ekwivalenti għall-ogħla rata ta' data li apparat li jittestja jista' jipprovdi f'modalità mhux multiplessa. Tissejjaħ ukoll msemmija bħala veloċità tal-ittestjar, frekwenza massima diġitali jew veloċità massima diġitali.

c. Tagħmir iddisinjat apposta għad-determinazzjoni tal-prestazzjoni ta' matriċijiet fuq pjan fokali f'tul ta' mewġ ta' aktar minn 1 200 nm, li juża kejl "ikkontrollat minn programm maħżun" jew evalwazzjoni megħjuna mill-kompjuter u li għandu xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

1. L-użu ta' dijametri ta' tikek ħfief ta' inqas minn 0,12 mm;

2. Iddisinjati sabiex ikejlu l-parametri tal-prestazzjoni fotosensittivi u sabiex jevalwaw ir-rispons tal-frekwenza, il-funzjoni tat-trasferiment tal-modulazzjoni, l-uniformità tar-responsività jew il-ħoss; jew

3. Iddisinjati għall-evalwazzjoni ta' arranġamenti li kapaċi joħolqu immaġnijiet b'aktar minn 32 x 32 elementi ta' linja;

5. Sistemi ta’ ttestjar ta’ raġġ ta’ elettroni ddisinjati għal tħaddim fi 3 keV jew inqas, jew sistemi ta’ raġġ ta’ “laser”, għal probing nonkuntattiv ta’ apparati semikondutturi motorizzati li għandhom xi wieħed minn dan li ġej:

   a. Kapaċità stroboskopika bi travu blanking jew b’tefgħa tad-ditekter;

   b. Spettrometru tal-elettroni għall-kejl tal-vultaġġ b’riżoluzzjoni ta’ inqas minn 0,5 V; jew

   c. Tagħmir tat-testijiet elettriċi għall-analiżi tal-prestazzjoni ta’ ċirkwiti integrati;

   Nota: X.B.I.002.b.5 ma jikkontrollax mikroskopji bl-elettroni tal-iskennjar, minbarra meta ddisinjati apposta u mgħammra għall-kontroll mingħajr kuntatt ta’ apparat semikonduttur enerġizzat.

6. Sistemi ta’ raġġi joniċi ffukati multifunzjonali “kkontrollati minn programm maħżun” iddisinjati apposta għall-manifattura, it-tiswija, l-analiżi fiżika tat-tqassim u l-ittestjar ta’ maskri jew apparat semikonduttur u li għandhom waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

   a. Preċiżjoni tal-kontroll tal-feedback tal-pożizzjoni tal-bersall sar-raġġ ta’ 1 μm jew aktar fin; jew

b. Akkuratezza tal-konverżjoni minn diġitali għal analog li taqbeż it-12-il bit;

7. Sistemi ta' kejl ta' partiċelli li jużaw "lasers" iddisinjati għall-kejl tad-daqs u l-konċentrazzjoni ta' partiċelli fl-arja li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin:

a. Kapaċi li jkejlu partikoli ta' daqs ta' 0,2 µm jew iżgħar b'rata ta' fluss ta' 0,02832 m^3 kull minuta jew aktar; u

b. Kapaċi jikkaratterizzaw arja nadifa ta' Klassi 10 jew aħjar.

Nota Teknika: Għall-fini ta' X.B.I.002, "programm maħżun ikkontrollat" huwa kontroll li juża struzzjonijiet maħżuna f'maħżen elettroniku li proċessur jista' jeżegwixxi sabiex jidderieġi t-twettiq ta' funzjonijiet predeterminati. It-tagħmir jista' jkun "ikkontrollat minn programm maħżun" kemm jekk il-maħżen elettroniku jkun intern kif ukoll jekk ikun estern għat-tagħmir.

X.B.I.003 Tagħmir għall-manifattura ta' bords ta' ċirkwit stampat (PCB) u komponenti u aċċessorji ddisinjati apposta għalih, kif ġej:

a. Tagħmir għall-ipproċessar tal-films;

b. Tagħmir għall-applikazzjoni ta' kisja reżistenti għall-issaldjar;

c. Tagħmir tal-plotter tar-ritratti;

d. Tagħmir għall-kisi tal-ipplejtjar jew tal-elettroplejtjar;

e. Kmamar u preses tal-vakwu;

f. Laminaturi bir-rombli;

g. Tagħmir ta' allinjament; jew

h. Tagħmir tal-inċiżjoni.

X.B.I.004 Tagħmir ta' spezzjoni ottika awtomatizzata għall-ittestjar ta' bords ta' ċirkwit stampat (PCBs), ibbażati fuq sensuri ottiċi jew elettriċi, u li kapaċi jindividwaw kwalunkwe wieħed mid-difetti fil-kwalità li ġejjin:

a. L-ispazjar, l-erja, il-volum jew l-għoli;

b. Bill boarding;

c. Komponenti (preżenza, assenza, qlib, spostament, polarità, jew koeffiċjent ta' assimetrija);

d. Saldatura (pontijiet, ġonot insuffiċjenti tas-saldatura);

e. Leads (pejst insuffiċjenti, lifting);

f. Tombstoning; jew

g. Elettriku (xorts, ftuħ, reżistenza, kapaċitanza, enerġija, prestazzjoni tal-grilja).

X.C.I.001 Materjali fotosensittivi pożittivi ddiżinjati għal-litografija tas-semikondutturi aġġustati apposta (ottimizzati) għall-użu f'tul ta' mewġ ta' bejn 370 u 193 nm.

X.C.I.002 Kimiċi u materjali tat-tip użati fil-produzzjoni tal-bords ta' ċirkwit stampat (PCBs), kif ġej:

a. Sottostrati komposti tal-PCB magħmulin mill-fibra tal-ħġieġ jew mill-qoton (pereż. FR-4, FR-2, FR-6, CEM-1, G-10, eċċ.);

b. Sottostrati ta' PCB b'diversi saffi, li fihom mill-inqas saff wieħed ta' xi wieħed mill-materjali li ġejjin:

1. L-aluminju;

2. Politetrafluworoetilen (PTFE); jew

3. Materjali taċ-ċeramika (pereż. alumina, ossidu tat-titanju, eċċ.);

c. Sustanzi kimiċi ta' inċiżjoni;

1. Klorur ferriku (7705-08-0);

2. Klorur kupriku (7447-39-4);

3. Persulfat tal-ammonju (7727-54-0);

4. Persulfat tas-sodju (7775-27-1); jew

5. Preparazzjonijiet kimiċi mfasslin apposta għall-inċiżjoni u li fihom xi waħda mill-kimiċi inklużi f'X.C.I.002.c.1 sa X.C.I.002.c.4.

Nota: X.C.I.002.c ma tikkontrollax "taħlitiet kimiċi" li fihom waħda jew aktar mis-sustanzi kimiċi speċifikati fl-entrati X.C.I.002.c. fejn l-ebda sustanza kimika speċifikata individwalment ma tikkostitwixxi aktar minn 10 % tal-piż tat-taħlita.

d. Fojl tar-ram b'purità minima ta' 95 % u bi ħxuna ta' inqas minn 100 μm;

e. Sustanzi polimeriċi u films tagħhom ta' ħxuna inqas minn 0,5 mm, kif ġej:

1. Polimidi aromatiċi;

2. Parileni;

3. Benżoċiklobuteni (BCBs); jew

4. Polibenżossażoli.

X.D.I.001 “Software” ddisinjat apposta għall-“iżvilupp”, il-“produzzjoni” jew l-“użu” ta’ apparat elettroniku, jew komponenti kkontrollati minn X.A.I.001, tagħmir elettroniku bi skop ġenerali kkontrollat minn X.A.I.002, jew tagħmir tal-manifattura u tal-ittestjar ikkontrollat minn X.B.I.001 u X.B.I.002; jew “software” ddisinjat apposta għall-“użu” ta’ apparat ikkontrollat minn 3B001.g u 3B001.h ([1]).

X.D.I.002 “Software” ddisinjat apposta għall-“iżvilupp”, il-“produzzjoni” tal-bords ta’ ċirkwiti stampati (PCBs).

X.E.I.001 “Teknoloġija” għall-“iżvilupp”, il-“produzzjoni” jew l-“użu” ta’ apparat elettroniku, jew komponenti kkontrollati minn X.A.I.001, tagħmir elettroniku bi skop ġenerali kkontrollat minn X.A.I.002, jew tagħmir tal-manifattura u tal-ittestjar ikkontrollat minn X.B.I.001 jew X.B.I.002, jew materjali kkontrollati minn X.C.I.001.

X.E.I.002 “Teknoloġija” għall-“iżvilupp”, il-“produzzjoni” jew l-“użu” ta’ bords ta’ ċirkwiti stampati (PCBs).

Kategorija II – Kompjuters

Nota: Il-Kategorija II ma tikkontrollax oġġetti għall-użu personali tal-persuni fiżiċi.

X.A.II.001 Kompjuters, “assemblaġġi elettroniċi” u tagħmir relatat, mhux ikkontrollati minn 4A001 jew 4A003[1], u komponenti ddisinjati apposta għalihom.

[1] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821

Nota: L-istatus ta' kontroll tal-"kompjuters diġitali" u t-tagħmir relatat deskritt f'X.A.II.001 huwa ddeterminat mill-istatus ta' kontroll ta' tagħmir jew sistemi oħra sakemm:

a. Il-"kompjuters diġitali" jew tagħmir relatat huma essenzjali għat-tħaddim tat-tagħmir jew is-sistemi l-oħrajn;

b. Il-"kompjuters diġitali" jew tagħmir relatat mhumiex "element prinċipali" tat-tagħmir jew is-sistemi l-oħrajn; u

N.B.1: L-istatus ta' kontroll tat-tagħmir ta' "proċessar tas-sinjali" jew għat-"titjib tal-immaġni" ddisinjat apposta għal tagħmir ieħor b'funzjonijiet limitati għal dawk meħtieġa għat-tagħmir l-ieħor huwa determinat mill-istatus ta' kontroll tat-tagħmir l-ieħor anki jekk jaqbeż il-kriterju tal-"element prinċipali".

N.B.2: Għall-istatus ta' kontroll ta' "kompjuters diġitali" jew tagħmir relatat għal tagħmir tat-telekomunikazzjonijiet, ara l-Kategorija 5, Parti 1 (Telekomunikazzjonijiet)([1]).

c. It-"teknoloġija" għall-"kompjuters diġitali" u t-tagħmir relatat hija determinata minn 4E[1].

a. Kompjuters elettroniċi u tagħmir relatat, u "assemblaġġi elettroniċi" u komponenti ddisinjati apposta għalihom, klassifikati biex jitħaddmu f'temperatura ambjentali ogħla minn 343 K (70 °C);

[1] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821

b. “Kompjuters diġitali”, inkluż tagħmir ta’ “proċessar tas-sinjali” jew “titjib tal-immaġni”, li għandhom “L-ogħla Rendiment Aġġustat” (Adjusted Peak Performance, “APP”) ta’ 0,0128 TeraFLOPS Ponderati (WT) jew aktar;

c. “Assemblaġġi elettroniċi” li huma ddisinjati apposta jew modifikati sabiex itejbu l-prestazzjoni permezz tal-aggregazzjoni ta’ proċessuri, kif ġej:

1. Iddisinjati sabiex ikunu kapaċi jaggregaw f’konfigurazzjonijiet ta’ 16-il proċessur jew aktar;

2. Mhux użat;

Nota 1: X.A.II.001.c japplika biss għal “assemblaġġi elettroniċi” u interkonnessjonijiet programmabbli b’“APP” li ma jaqbżux il-limiti f’X.A.II.001.b, meta mibgħuta bħala “assemblaġġi elettroniċi” mhux integrati. Ma japplikax għal “assemblaġġi elettroniċi” limitati min-natura tad-disinn tagħhom għall-użu bħala tagħmir relatat ikkontrollat minn X.A.II.001.k.

Nota 2: X.A.II.001.c ma jikkontrolla l-ebda “assemblaġġ elettroniku” ddisinjat apposta għal prodott jew familja ta’ prodotti li l-konfigurazzjoni massima tagħhom ma taqbiżx il-limiti ta’ X.A.II.001.b.

d. Mhux użat;

e. Mhux użat;

f. Tagħmir għall-"ipproċessar tas-sinjali" jew it-"titjib tal-immaġni" li għandhom "L-ogħla Rendiment Aġġustat" ("APP") ta' 0,0128 TeraFLOPS Ponderati WT jew aktar;

g. Mhux użat;

h. Mhux użat;

i. Tagħmir li fih "tagħmir terminali ta' interfaċċa" li jaqbeż il-limiti f'X.A.III.101;

Nota Teknika: Għall-fini ta' X.A.II.001.i, "tagħmir terminali tal-interfaċċa" tfisser tagħmir li fih l-informazzjoni tidħol jew toħroġ mis-sistema tat-telekomunikazzjoni, pereż. telefown, apparat tad-data, kompjuter, eċċ.

j. Tagħmir iddisinjat apposta sabiex jipprovdi interkonnessjoni esterna ta' "kompjuters diġitali" jew tagħmir assoċjat li jippermetti komunikazzjonijiet b'rati ta' *data* li jaqbżu t-80 Mbyte/s.

Nota: X.A.II.001.j. ma jikkontrollax tagħmir għal interkonnessjoni interna (pereżempju, pannelli ta' wara, buses), tagħmir għal interkonnessjoni passiva, "kontrolluri tal-aċċess għan-network" jew "kontrolluri ta' kanali ta' komunikazzjoni".

Nota Teknika: Għall-finijiet ta' X.A.II.001.j il-"kontrolluri tal-kanal ta' komunikazzjoni" huma l-interfaċċa fiżika li tikkontrolla l-fluss tal-informazzjoni diġitali sinkronika jew asinkronika. Huwa assemblaġġ li jista' jkun integrat fil-kompjuter jew fit-tagħmir ta' telekomunikazzjoni sabiex jipprovdi aċċess għall-komunikazzjoni.

k. "Kompjuters ibridi" u "assemblaġġi elettroniċi" u komponenti ddisinjati apposta għalihom li fihom konvertituri analogi-diġitali li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin:

1. 32 kanal jew aktar; u

2. Riżoluzzjoni ta' 14-il bit (plus sign bit) jew aktar b'rata ta' konverżjoni ta' 200 000 Hz jew aktar.

X.D.II.001 "Programm" ta' prova u "software" ta' validazzjoni , "software" li jippermetti l-ġenerazzjoni awtomatika ta' "kodiċijiet tas-sors", u "software" tas-sistema operattiva li huma ddisinjati apposta għal tagħmir ta' "pproċessar f'ħin reali".

a. "Programm" ta' prova u "software" ta' validazzjoni li jużaw tekniki matematiċi u analitiċi u ddisinjat jew modifikat għal "programmi" b'aktar minn 500 000 struzzjoni tal-"kodiċi tas-sors";

b. "Software" li jippermetti l-ġenerazzjoni awtomatika ta' "kodiċijiet tas-sors" minn *data* miksuba online minn sensuri esterni deskritti fir-Regolament (UE) 2021/821; jew

c. “Software” tas-sistema operattiva ddisinjat apposta għal tagħmir ta’ “proċessar f’ħin reali” li jiggarantixxi “ħin ta’ latenza ta’ interruzzjoni globali” ta’ inqas minn 20 μs.

Nota Teknika: Għall-finijiet ta’ X.D.II.001, “Ħin ta’ latenza għall-interruzzjonijiet globali” huwa l-ħin meħud mis-sistema tal-kompjuter biex tirrikonoxxi interruzzjoni minħabba s-sitwazzjoni, tħaddem l-interruzzjoni u twettaq bidla tal-kuntest għal kompitu alternattiv residenti fil-memorja waqt li tistenna fl-interruzzjoni.

X.D.II.002 “Software” għajr dak ikkontrollat f’4D001[1] iddisinjat apposta jew modifikat għall-“iżvilupp”, il-“produzzjoni” jew l-“użu” ta’ tagħmir ikkontrollat minn 4A101[1].

X.E.II.001 “Teknoloġija” għall-“iżvilupp”, il-“produzzjoni” jew l-“użu” ta’ tagħmir ikkontrollat minn X.A.II.001, jew “software” kkontrollat minn X.D.II.001 jew X.D.II.002.

X.E.II.002 “Teknoloġija” għall-“iżvilupp” jew il-“produzzjoni” ta’ tagħmir iddisinjat għall-“ipproċessar ta’ flussi multipli ta’ *data*”.

[1] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821

Nota Teknika: Għall-finijiet ta' X.E.II.002, "l-ipproċessar ta' multiflussi tad-data" huwa mikroprogramm jew it-teknika tal-arkitettura tat-tagħmir li tippermetti l-ipproċessar simultanju ta' żewġ sekwenzi tad-data jew aktar taħt il-kontroll ta' wieħed mis-sekwenzi tal-istruzzjonijiet jew aktar b'dawn il-mezzi:

1. *Arkitetturi b'Data Multipla b'Istruzzjoni Waħda (Single Instruction Multiple Data, SIMD) bħalma huma l-proċessuri vetturi jew bil-matriċi;*

2. *Arkitetturi Multipli b'Data Multipla b'Istruzzjoni Waħda (Multiple Single Instruction Multiple Data, MSIMD);*

3. *Arkitetturi b'Data Multipla b'Istruzzjonijiet Multipli (Multiple Instruction Multiple Data, MIMD), li jinkludu dawk li huma akkopjati, akkopjati mill-qrib jew akkopjati b'mod mhux fiss; jew*

4. *Arranġamenti strutturati tal-elementi tal-ipproċessar li jinkludu l-arranġamenti sistoliċi.*

Kategorija III Parti 1 – Telekomunikazzjonijiet

Nota: Il-Kategorija III. Parti 1 ma tikkontrollax l-oġġetti għall-użu personali tal-persuni fiżiċi.

X.A.III.101 Tagħmir tat-telekomunikazzjoni.

a. Kwalunkwe tip ta' tagħmir tat-telekomunikazzjoni, mhux ikkontrollat minn 5A001.a[1], iddisinjat speċikament biex jaħdem barra mill-firxa ta' temperaturi minn 219 K (-54 °C) sa 397 K (124 °C).

[1] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821

b. Tagħmir u sistemi għat-trażmissjoni tat-telekomunikazzjoni, u komponenti u aċċessorji ddisinjati b'mod speċjali għalihom, li jkollhom kwalunkwe mill-karatteristiċi, funzjonijiet jew kwalitajiet li ġejjin:

Nota: Tagħmir ta' trażmissjoni tat-telekomunikazzjoni:

a. Ikkategorizzati kif ġej, jew b'dawn il-kombinazzjonijiet:

1. Tagħmir tar-radju (pereż. trażmettituri, riċevituri u riċetrażmettituri);

2. Tagħmir terminali tal-linja;

3. Tagħmir ta' amplifikazzjoni intermedja;

4. Tagħmir ripetitur;

5. Tagħmir ta' riġenerazzjoni;

6. Kodifikaturi tat-traduzzjoni (tat-transkowdjar);

7. Tagħmir multiplex (inkluż il-mutiplex statistiku);

8. Modulaturi/demodulaturi (modems);

9. Tagħmir Transmultiplex (ara CCITT Rec. G701);

10. Tagħmir ta' interkonnessjoni diġitali "ikkontrollat minn programm maħżun";

11. "Gateways" u pontijiet;

12. "Unitajiet ta' aċċess għall-media"; u

b. Iddisinjati għall-użu f'komunikazzjoni b'kanal wieħed jew b'diversi kanali permezz ta' xi karatteristika minn dawn li ġejjin:

1. Wajer (linja);

2. Cable koassjali;

3. Cable tal-fibra ottika;

4. Radjazzjoni elettromanjetika; jew

5. Propagazzjoni ta' mewġ akustiku taħt wiċċ l-ilma.

1. L-użu ta' tekniki diġitali, inkluż l-ipproċessar diġitali ta' sinjali analogi, u ddisinjati biex joperaw b'"rata ta' trasferiment diġitali" fl-ogħla livell multiplex li jaqbeż il-45 Mbit/s jew ir-"rata ta' trasferiment diġitali totali" li taqbeż id-90 Mbit/s;

Nota: X.A.III.101.b.1 ma jikkontrollax tagħmir iddisinjat apposta sabiex jiġi integrat u operat fi kwalunkwe sistema satellitari għall-użu ċivili.

2. Modems li jużaw il-"wisa' tal-banda ta' kanal vokali wieħed" b'"rata ta' sinjalar tad-*data*" ta' aktar minn 9 600 bit fis-sekonda;

3. Li jkunu tagħmir ta' interkonnessjoni diġitali "ikkontrollat minn programm maħżun" b'"rata ta' trasferiment diġitali" ta' aktar minn 8,5 Mbit/s għal kull port;

4. Li jkun tagħmir li fih xi karatteristika minn dawn li ġejjin:

   a. "Kontrolluri tal-aċċess għan-network" u l-mezz komuni relatat tagħhom li għandhom "rata ta' trasferiment diġitali" ta' aktar minn 33 Mbit/s; jew

   b. "Kontrolluri tal-kanali ta' komunikazzjoni" b'output diġitali li jkollu "rata ta' sinjalar tad-*data*" ta' aktar minn 64 000 bit/s għal kull kanal;

   Nota: Meta xi tagħmir mhux ikkontrollat ikun fih "kontrollur tal-aċċess għan-network", dan ma jista' jkollu l-ebda tip ta' interfaċċa tat-telekomunikazzjoni, għajr dawk deskritti f'X.A.III.101.b.4, iżda mhux ikkontrollati minnu.

5. Li jużaw "laser" u li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

   a. Tul ta' mewġa tat-trażmissjoni li taqbeż l-1 000 nm; jew

   b. Juża metodi analogi u għandu wisa' tal-banda ogħla minn 45 MHz;

   c. Juża metodi ta' trażmissjoni ottika koerenti jew individwazzjoni ottika koerenti (imsejħin ukoll metodi ottiċi eterodini jew omodini);

d. Li jużaw tekniki ta’ multiplexing bid-diviżjoni ta’ tul il-mewġa; jew

e. Li jeżegwixxu “amplifikazzjoni ottika’;

6. Tagħmir tar-radju li jopera fi frekwenzi ta’ input jew ta’ output li jaqbżu:

a. Il-31 GHz għal applikazzjonijiet ta’ stazzjon terrestri tal-komunikazzjoni bis-satelliti; jew

b. 26,5 GHz għal applikazzjonijiet oħra;

Nota: X.A.III.101.b.6 ma jikkontrollax it-tagħmir għall-użu ċivili meta jikkonforma ma’ banda allokata tal-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (International Telecommunications Union, ITU) bejn is-26,5 GHz u l-31 GHz.

7. Li jkunu tagħmir tar-radju li fih xi karatteristika minn dawn li ġejjin:

a. Tekniki tal-Modulazzjoni tal-Amplitudni fi kwadratura (Quadrature-amplitude-modulation, QAM) aktar mil-livell 4 jekk ir-“rata ta’ trasferiment diġitali totali” taqbeż it-8,5 Mbit/s;

b. Tekniki tal-QAM ogħla mil-livell 16 jekk ir-“rata ta’ trasferiment diġitali totali” tkun daqs jew inqas minn 8,5 Mbit/s;

c. Tekniki ta’ modulazzjoni diġitali oħrajn u li għandhom “effiċjenza spettrali” ta’ aktar minn 3 bit/s/Hz; jew

d. Jopera fil-medda minn 1,5 MHz sa 87,5 MHz u jinkorpora metodi adattivi li jipprovdu trażżin ta' aktar minn 15-il dB ta' sinjal ta' interferenza.

Noti:

1. *X.A.III.101.b.7 ma jikkontrollax tagħmir iddisinjat apposta sabiex jiġi integrat u operat fi kwalunkwe sistema satellitari għall-użu ċivili.*

2. *X.A.III.101.b.7 ma jikkontrollax it-tagħmir b'relay tar-radju għat-tħaddim f'banda allokata tal-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (International Telecommunications Union, ITU):*

   a. *Li għandhom kwalunkwe wieħed minn dan li ġej:*

      1. *Mhux aktar minn 960 MHz; jew*

      2. *B'"rata ta' trasferiment diġitali totali" ta' mhux aktar minn 8,5 Mbit/s; u*

   b. *Li jkollhom "effiċjenza spettrali" ta' mhux aktar minn 4 bit/s/Hz.*

c. Tagħmir għall-iswiċċjar "ikkontrollat minn programm maħżun" u sistemi ta' sinjalar relatati, li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi, funzjonijiet jew elementi li ġejjin, u komponenti u aċċessorji ddisinjati apposta għalihom:

Nota: Multiplexers statistiċi b'input diġitali u output diġitali li jipprovdu swiċċjar huma ttrattati bħala swiċċjar "ikkontrollat minn programm maħżun".

1. Tagħmir jew sistemi tal-"iswiċċjar tad-*data* (tal-messaġġi)" iddisinjati għal "operazzjoni bil-modalità tal-pakketti", assemblaġġi elettroniċi u komponenti tagħhom, għajr dawk speċifikati fil-Lista Militari Komuni (CML) jew fir-Regolament (UE) 2021/821;

2. Mhux użat;

3. L-għażla ta' rotot jew l-iswiċċjar ta' pakketti tad-"datagramma";

Nota: X.A.III.101.c.3 ma tikkontrollax networks ristretti li jużaw biss il-"kontrolluri tal-aċċess għan-network" jew għall-"kontrolluri tal-aċċess għan-network" infushom.

4. Mhux użat;

5. Prijorità f'diversi livelli u prelazzjoni għall-iswiċċjar taċ-ċirkwit;

Nota: X.A.III.101.c.5 ma jikkontrollax il-prelazzjoni ta' telefonata b'livell wieħed.

6. Iddisinjati għat-trasferiment awtomatiku ta' telefonati bir-radju ċellulari lejn swiċċijiet ċellulari oħra jew għal konnessjoni awtomatika ma' bażi ta' *data* ċentralizzata tal-abbonati komuni għal aktar minn swiċċ wieħed;

7. Li jkollhom tagħmir ta' interkonnessjoni diġitali "ikkontrollat minn programm maħżun" b'"rata ta' trasferiment diġitali" ta' aktar minn 8,5 Mbit/s għal kull port:

8. "Sinjalar b'kanali komuni" li jaħdem f'modalità ta' tħaddim mhux assoċjata jew kważi assoċjata;

9. "L-għażla ta' rotot adattivi dinamiċi";

10. Billi jseħħ swiċċjar tal-pakketti, l-iswiċċijiet taċ-ċirkwit u r-rotot b'portijiet jew b'linji li jaqbżu xi karatteristika minn dawn li ġejjin:

    a. Ir-"rata ta' sinjalar tad-data" ta' 64 000 bit/s għal kull kanal għal "kontrollur tal-kanal ta' komunikazzjoni"; jew

    Nota: X.A.III.101.c.10 ma jikkontrollax links komposti multiplex magħmula biss minn kanali ta' komunikazzjoni mhux ikkontrollati individwalment minn X.A.III.101.b.1.

b. “Rata ta’ trasferiment diġitali” ta’ 33 Mbit/s għall-”kontrollur tal-aċċess għan-network” u l-media komuni relatata;

Nota: X.A.III.101.c.10 ma jikkontrollax l-iswiċċjar tal-pakketti jew routers b’portijiet jew linji li ma jaqbżux il-limiti f’X.A.III.101.c.10.

11. “Swiċċjar ottiku”;

12. Li juża t-tekniki tal-“modalità ta’ trasferiment asinkronika” (“ATM”).

d. Fibri ottiċi u kejbils fibrottiċi b’tul ta’ aktar minn 50 m iddisinjati għall-operat b’modalità waħda;

e. Il-kontroll ċentralizzat tan-network li għandu l-karatteristiċi kollha li ġejjin:

1. Jirċievi *data* min-nodi; u

2. Jipproċessa din id-*data* sabiex jipprovdi l-kontroll tat-traffiku li ma jirrikjedix id-deċiżjoni tal-operatur, u b’hekk isseħħ l-“għażla ta’ rotot adattivi dinamiċi”;

Nota 1: X.A.III.101.e ma jinkludix każijiet ta’ deċiżjonijiet ta’ routing meħuda fuq informazzjoni predefinita.

Nota 2: X.A.III.101.e ma jipprekludix il-kontroll tat-traffiku bħala funzjoni tal-kundizzjonijiet tat-traffiku statistiċi prevedibbli.

f. Antenni b'arranġament f'fażijiet, li joperaw 'il fuq minn 10,5 GHz, li fihom elementi attivi u komponenti distribwiti, u ddisinjati biex jippermettu kontroll elettroniku tal-iffurmar u l-ippuntar tar-raġġi, minbarra għas-sistemi ta' nżul bi strumenti li jissodisfaw l-istandards tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (International Civil Aviation Organization, ICAO) (sistemi tal-illendjar bl-użu ta' microwaves (microwave landing systems, MLS));

g. Tagħmir ta' komunikazzjoni mobbli għajr dawk speċifikati fil-Lista Militari Komuni (CML) jew fir-Regolament (UE) 2021/821, "assemblaġġi elettroniċi" u komponenti tagħhom; jew

h. Tagħmir ta' komunikazzjoni b'relay tar-radju ddisinjat għall-użu fi frekwenzi daqs jew aktar minn 19,7-il GHz u l-komponenti għalih, għajr dak speċifikat fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

Nota Teknika: Għall-fini ta' X.A.III.101:

1) "Modalità ta' trasferiment asinkronika" (asynchronous transfer mode - "ATM") hija modalità ta' trasferiment li fiha l-informazzjoni tkun organizzata f'ċelloli; hija asinkrona fis-sens li r-rikorrenza taċ-ċelloli tiddependi fuq ir-rata ta' bits meħtieġa jew istantanja.

2) Il-"wisa' tal-banda ta' kanal vokali wieħed" hija tagħmir għall-komunikazzjoni tad-data mfassal biex jopera f'kanal vokali wieħed ta' 3 100 Hz, kif definit fir-Rakkomandazzjoni tas-CCITT G.151.

3) Il-"kontrollur tal-kanal ta' komunikazzjoni" huwa l-interfaċċa fiżika li tikkontrolla l-fluss tal-informazzjoni diġitali sinkronika jew asinkronika. Huwa assemblaġġ li jista' jkun integrat fil-kompjuter jew fit-tagħmir ta' telekomunikazzjoni sabiex jipprovdi aċċess għall-komunikazzjoni.

4) Id-"datagramma" hija entità awtonoma u indipendenti tad-data li ġġorr biżżejjed informazzjoni biex tgħaddi mis-sors lejn it-tagħmir terminali tad-data fid-destinazzjoni mingħajr dipendenza fuq skambji aktar bikrija bejn dan is-sors u t-tagħmir terminali tad-data fid-destinazzjoni u n-network tat-trasport.

5) L-"għażla rapida" hija faċilità applikabbli għas-sejħiet virtwali li tippermetti li t-tagħmir terminali tad-data jespandi l-possibbiltà li jittrażmetti d-data f'konfigurazzjoni telefonika u jikklerja "pakketti" lil hinn mill-kapaċitajiet bażiċi ta' telefonata virtwali.

6) Il-"gateway" hija l-funzjoni li titwettaq minn kwalunkwe kombinazzjoni ta' tagħmir u "software", biex il-konvenzjonijiet għar-rappreżentazzjoni, l-ipproċessar jew il-komunikazzjoni tal-informazzjoni użati f'sistema jiġu kkonvertiti għall-konvenzjonijiet korrispondenti, iżda differenti, użati f'sistema oħra.

7) In-"Network Diġitali bis-Servizzi Integrati" (Integrated Services Digital Network, ISDN) huwa network diġitali unifikat minn tarf sa tarf, li fih id-data li toriġina minn kull tip ta' komunikazzjoni (pereż. vuċi, test, data, stampi fissi u mobbli) tiġi trażmessa minn port wieħed (terminal) fl-iskambju (il-qlib) fuq linja ta' aċċess waħda lejn abbonat u mill-abbonat.

8) Il-“pakkett” huwa grupp ta’ ċifri binarji li jinkludi sinjali ta’ kontroll tad-data u tat-telefonati li jinqaleb bħala unità komposta. Id-data, is-sinjali ta’ kontroll tat-telefonati, u l-informazzjoni possibbli dwar il-kontroll tal-iżbalji huma organizzati f’format speċifiku.

9) “Sinjalar b’kanali komuni” tfisser it-trażmissjoni ta’ informazzjoni ta’ kontroll (sinjalar) permezz ta’ kanal separat minn dak użat għall-messaġġi. Il-kanal tas-sinjalar normalment ikun jikkontrolla l-kanali tal-messaġġi multipi.

10) Ir-“Rata ta’ data tas-sinjalar” tfisser ir-rata, kif definita fir-Rakkomandazzjoni tal-ITU 53-36, filwaqt li jitqiesu, fil-każ ta’ modulazzjoni mhux binarja, li l-baud u l-bit fis-sekonda mhumiex ugwali. Għandhom jiġu inklużi bits għall-funzjonijiet ta’ kodifikar, verifika u sinkronizzazzjoni.

11) “L-għażla ta’ rotot adattivi dinamiċi” tfisser dirottar awtomatiku ta’ traffiku fuq il-bażi ta’ ssensjar u analiżi ta’ kundizzjonijiet tan-network attwali

12) “Unitajiet ta’ aċċess għall-media” tfisser tagħmir li jkun fih interfaċċ tal-komunikazzjoni waħda jew aktar (“kontrollur tal-aċċess għan-network”, “kontrollur tal-kanal ta’ komunikazzjoni”, bus tal-modem jew kompjuter) għall-konnessjoni ta’ tagħmir terminali ma’ network.

13) L-“effiċjenza spettrali” hija r-“rata ta’ trasferiment diġitali” [bits/s] / wisa tal-banda tal-ispettru 6 dB f’Hz.

14) "Ikkontrollat minn programm maħżun" huwa kontroll li juża struzzjonijiet f'ħażna elettronika li proċessur ikun jista' jeżegwixxi sabiex jidderieġi l-prestazzjoni ta' funzjonijiet predeterminati.

Nota: It-tagħmir jista' jkun "ikkontrollat minn programm maħżun" kemm jekk il-maħżen elettroniku jkun intern kif ukoll jekk ikun estern għat-tagħmir.

X.B.III.101 Tagħmir għall-ittestjar tat-telekomunikazzjoni, għajr dak speċifikat fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

X.C.III.101 Preforom ta' ħġieġ jew ta' kwalunkwe materjal ieħor ottimizzat għall-manifattura ta' fibri ottiċi kkontrollati minn X.A.III.101.

X.D.III.101 "Software" ddisinjat apposta jew immodifikat għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" ta' tagħmir ikkontrollat minn X.A.III.101 u X.B.III.101, u software għall-għażla ta' rotot adattivi dinamiċi, deskritt kif ġej:

a. "Software", għajr f'forma eżegwibbli b'magni, iddisinjat apposta għall-"għażla ta' rotot adattivi dinamiċi";

b. Ma jintużax.

X.E.III.101 "Teknoloġija" għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" ta' tagħmir ikkontrollat minn X.A.III.101 jew X.B.III.101, jew "software" kkontrollat minn X.D.III.101, u "teknoloġiji" oħrajn kif ġej:

a. "Teknoloġiji" speċifiċi kif ġej:

1. "Teknoloġija" għall-ipproċessar u l-applikazzjoni ta' kisjiet għal fibra ottika ddisinjati apposta sabiex jagħmluha adattata għall-użu taħt wiċċ l-ilma;

2. "Teknoloġija" għall-"iżvilupp" ta' tagħmir li juża tekniki tal-"Ġerarkija Diġitali Sinkronika" (Synchronous Digital Hierarchy, "SDH") jew tan-"Network Ottiku Sinkroniku" (Synchronous Optical Network, "SONET").

Nota Teknika: Għall-fini ta' X.E.III.101:

1) Il-"ġerarkija diġitali sinkronika" (Synchronous digital hierarchy, SDH) hija ġerarkija diġitali li tipprovdi mezz għall-ġestjoni, għall-multiplexing, u l-aċċess għal diversi forom ta' traffiku diġitali bl-użu ta' format ta' trażmissjoni sinkronika fuq tipi differenti ta' media. Il-format huwa bbażat fuq il-Modulu Sinkroniku tat-Trasport (Synchronous Transport Module, STM) li huwa definit mir-Rakkomandazzjoni tas-CCITT G.703, G.707, G.708, G.709 u oħrajn li għad iridu jiġu ppubblikati. Ir-rata tal-ewwel livell tal-"SDH" hija ta' 155,52 Mbit/s.

2) In-"network ottiku sinkroniku" (Synchronous optical network, SONET) huwa network li jipprovdi mezz għall-ġestjoni, għall-multiplexing, u l-aċċess għal diversi forom ta' traffiku diġitali bl-użu ta' format ta' trażmissjoni sinkronika fuq il-fibra ottika. Il-format huwa l-verżjoni tal-Amerika ta' Fuq tal-"SDH" u juża wkoll il-Modulu Sinkroniku tat-Trasport (STM). Madankollu, juża s-Sinjal Sinkroniku tat-Trasport (STS) bħala l-modulu bażiku tat-trasport b'rata tal-ewwel livell ta' 51,81 Mbit/s. L-istandards tas-SONET qed jiġu integrati f'dawk tal-"SDH".

Kategorija III Parti 2 - Sigurtà tal-Informazzjoni

Nota: Il-Kategorija III. Parti 2 ma tikkontrollax l-oġġetti għall-użu personali tal-persuni fiżiċi.

X.A.III.201 It-tagħmir kif ġej:

a. Mhux użat;

b. Mhux użat;

c. Oġġetti kklassifikati taħt il-kriptaġġ tas-suq tal-massa f'konformità man-Nota Kriptografika – in-Nota 3 tal-Kategorija 5, il-Parti 2[1].

[1] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821

X.D.III.201 “Software” tas-“Sigurtà tal-Informazzjoni” kif ġej:

Nota: Din l-entrata ma tikkontrollax “software” ddisinjat jew immodifikat biex jipproteġi kontra ħsara malizzjuża fil-kompjuter, pereż. viruses, fejn l-użu tal-“kriptografija” huwa limitat għall-awtentikazzjoni, il-firma diġitali u/jew id-dekriptaġġ tad-data jew tal-fajls.

a. Mhux użat;

b. Mhux użat;

c. “Software” kklassifikat bħala kriptaġġ tas-suq tal-massa skont in-Nota Kriptografika – in-Nota 3 tal-Kategorija 5, il-Parti 2[1].

X.E.III.201 “Teknoloġija” għas-“Sigurtà tal-Informazzjoni” skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija, kif ġej:

a. Mhux użat;

b. “Teknoloġija”, għajr dik speċifikata fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821 għall-“użu” ta’ oġġetti tas-suq tal-massa kkontrollati minn X.A.III.201.c jew “software” tas-suq tal-massa kkontrollat minn X.D.III.201.c.

[1] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821

Kategorija IV — Sensuri u Lasers

X.A.IV.001 Tagħmir akustiku marittimu jew terrestri, li kapaċi jindividwa jew jillokalizza oġġetti jew karatteristiċi ta' taħt l-ilma jew jagħti l-pożizzjoni ta' bastimenti tal-wiċċ jew ta' vetturi ta' taħt l-ilma; u komponenti ddisinjati apposta, għajr dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

X.A.IV.002 Sensuri ottiċi kif ġej:

a. Tubi tal-intensifikazzjoni tal-immaġni u komponenti ddisinjati apposta għalihom, kif ġej:

1. Tubi li jintensifikaw l-immaġni li għandhom dan kollu li ġej:

a. Rispons massimu fil-medda tal-frekwenza ta' aktar minn 400 nm, iżda ta' mhux aktar minn 1 050 nm;

b. Plakka b'mikrokanali għall-amplifikazzjoni tal-immaġni tal-elettroni bl-ispazjar tat-toqob (minn ċentru sa ċentru) ta' inqas minn 25 μm; u

c. Li għandhom kwalunkwe wieħed minn dan li ġej:

1. Fotokatodu S-20, S-25 jew fotokatodu multialkali; jew

2. GaAs jew fotokatodu GaInAs;

2. Pjanċi b'mikrokanali ddisinjati apposta li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin:

a. 15 000 tubu vojt jew aktar għal kull pjanċa; u

b. L-ispazjar tat-toqob (minn ċentru sa ċentru) ta' inqas minn 25 μm.

b. Tagħmir għall-immaġni ta' viżjoni diretta li jaħdem fl-ispettru viżibbli jew infraaħmar, li jinkorpora tubi li jintensifikaw l-immaġni li jkollhom il-karatteristiċi elenkati f'X.A.IV.002.a.1.

X.A.IV.003 Kameras kif ġej:

a. Kameras li jissodisfaw il-kriterji tan-Nota 3 sa 6A003.b.4.[1];

b. Mhux użat;

[1] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821

X.A.IV.004 Ottiku kif ġej:

Nota: X.A.IV.004 ma jikkontrollax filtri ottiċi bi spazji fissi tal-arja jew filtri tat-tip Lyot.

a. Filtri ottiċi:

1. Għal tul ta' mewġ itwal minn 250 nm, magħmul minn kisjiet ottiċi b'diversi saffi u li għandhom xi wieħed mill-karattteristiċi li ġejjin:

a. Wisa' tal-banda ugwali għal 1 nm jew inqas ta' wisa' totali b'semintensità (Full Width Half Intensity, FWHI) u l-ogħla trażmissjoni ta' 90 % jew aktar; jew

b. Wisa' tal-banda ugwali għal 0,1 nm jew inqas ta' FWHI, u l-ogħla trażmissjoni ta' 50 % jew aktar;

2. Għal tul ta' mewġ itwal minn 250 nm, u li jkollu dan kollu li ġej:

a. Regolabbli fuq medda spettrali ta' 500 nm jew aktar;

b. Filtru ottiku tal-banda passanti istantanja ta' 1,25 nm jew inqas;

c. Tul tal-mewġa riaġġustabbli fi żmien 0,1 ms u għall-preċiżjoni ta' 1 nm jew aħjar fil-medda spettrali regolabbli; u

d. Trażmissjoni massima waħda ta' 91 % jew aktar;

3. Swiċċijiet tal-opaċità ottika (filtri) b'kamp viżiv ta' 30° jew usa' u ħin ta' rispons ta' 1 ns jew inqas;

b. Cable tal-"fibra tal-fluworur", jew tal-fibri ottiċi għalih, li għandu attenwazzjoni ta' inqas minn 4 dB/km fil-medda tal-frekwenza ta' aktar minn 1 000 nm iżda mhux aktar minn 3 000 nm;

Nota Teknika: Għall-fini ta' X.A.IV.004b "filtri tal-fluworur" huma fibri manifatturai minn komposti tal-fluworur mhux maħduma.

X.A.IV.005 "Lasers" kif ġej:

a. "Lasers" tad-diossidu tal-karbonju (CO_2) li għandhom xi wieħed minn dan li ġej:

1. Potenza tal-output ta' CW li taqbeż l-10 kW;

2. Output ta' impulsi b'"durata tal-impuls" ta' aktar minn 10 μs; u

a. Qawwa medja tal-ħruġ ogħla minn 10 kW; jew

b. "Potenza massima" tal-impulsi ta' aktar minn 100 kW; jew

3. Output ta' impulsi b'"durata tal-impuls" daqs jew inqas minn 10 μs; u

a. Enerġija tal-impuls ta' aktar minn 5 J għal kull impuls u l-"potenza massima" ta' aktar minn 2,5 kW; jew

b. Potenza medja tal-output ogħla minn 2,5 kW;

b. Lasers semikondutturi kif ġej:

1. "Lasers" semikondutturi individwali, b'modalità trasversali waħda li għandhom:

a. Qawwa medja tal-ħruġ ogħla minn 100 mW; jew

b. Tul ta' mewġa li jaqbeż l-1 050 nm;

2. "Lasers" semikondutturi individwali, b'multimodalitajiet trasversali, jew arranġamenti ta' "lasers" semikondutturi individwali li għandhom tul ta' mewġa ta' aktar minn 1 050 nm;

c. "Lasers" tar-rubini li għandhom output enerġetiku ta' aktar minn 20 J għal kull impuls;

d. "Lasers bl-impulsi" mhux "regolabbli" li għandhom it-tul tal-mewġa tal-output li jaqbeż id-975 nm iżda mhux aktar minn 1 150 nm, u li jkollom xi karatteristika milli ġejjin:

1. "Durata tal-impuls" ta' 1 ns jew aktar iżda ta' mhux aktar minn 1 μs, u li jkollom xi karatteristika milli ġejjin:

a. Output b'modalità trasversali waħda u li jkollu xi karatteristika milli ġejjin:

1. "Effiċjenza fil-plakka tad-dawl" ta' aktar minn 12 % u "potenza tal-output medja" ta' aktar minn minn 10 W u li kapaċi taħdem bi frekwenza ta' repetizzjoni tal-impulsi ta' aktar minn 1 kHz; jew

2. “Potenza tal-output medja” li taqbeż l-20 W; jew

b. Output b’multimodalitajiet trasversali u li jkollu xi karatteristika milli ġejjin:

1. “Effiċjenza fil-plakka tad-dawl” ta’ aktar minn 18 % u “potenza tal-output medja” ta’ aktar minn 30 W;

2. “Potenza massima” ta’ aktar minn 200 MW; jew

3. “Potenza tal-output medja” li taqbeż l-50 W; jew

2. “Durata tal-impuls” ta’ aktar minn 1 μs, u li jkollu xi karatteristika milli ġejjin:

a. Output b’modalità trasversali waħda u li jkollu xi karatteristika milli ġejjin:

1. “Effiċjenza fil-plakka tad-dawl” ta’ aktar minn 12 % u “potenza tal-output medja” ta’ aktar minn minn 10 W u li kapaċi taħdem bi frekwenza ta’ repetizzjoni tal-impulsi ta’ aktar minn 1 kHz; jew

2. “Potenza tal-output medja” li taqbeż l-20 W; jew

b. Output b’multimodalitajiet trasversali u li jkollu xi karatteristika milli ġejjin:

1. “Effiċjenza fil-plakka tad-dawl” ta’ aktar minn 18 % u “potenza tal-output medja” ta’ aktar minn 30 W; jew

2. “Potenza tal-output medja” li taqbeż il-500 W;

e. “Lasers” b’mewġa kontinwa (continuous wave, CW) mhux “regolabbli”, li għandhom it-tul tal-mewġa tal-output ta’ aktar minn 975 nm li iżda ma taqbiżx l-1 150 nm, u li jkollhom xi karatteristika milli ġejjin:

1. Output b’modalità trasversali waħda u li jkollu xi karatteristika milli ġejjin:

a. “Effiċjenza fil-plakka tad-dawl” ta’ aktar minn 12 % u “potenza tal-output medja” ta’ aktar minn minn 10 W u li kapaċi taħdem bi frekwenza ta’ repetizzjoni tal-impulsi ta’ aktar minn 1 kHz; jew

b. “Potenza tal-output medja’ li taqbeż il-50 W; jew

2. Output b’multimodalitajiet trasversali u li jkollu xi karatteristika milli ġejjin:

a. “Effiċjenza fil-plakka tad-dawl” ta’ aktar minn 18 % u “potenza tal-output medja” ta’ aktar minn 30 W; jew

b. “Potenza tal-output medja” li taqbeż il-500 W;

Nota: X.A.IV.005.e.2.b ma jikkontrollax il-"lasers" industrijali b'multimodalitajiet trasversali b'potenza tal-output ta' 2 kW jew inqas, u b'massa totali ta' akbar minn 1 200 kg. Għall-finijiet ta' din in-nota, il-massa totali tinkludi l-"komponenti" kollha meħtieġa biex jitħaddem il-"laser", pereż., il-"laser", il-provvista tal-enerġija, l-iskambjatur tas-sħana, iżda teskludi l-ottika esterna għall-kondizzjonament tar-raġġ u/jew sabiex dan jitwassal.

f. "Lasers" mhux "regolabbli" li għandhom it-tul tal-mewġa ta' aktar minn 1 400 nm, li iżda ma taqbiżx l-1 555 nm, u li jkollom xi karatteristika milli ġejjin:

1. Output enerġetiku ta' aktar minn 100 mJ għal kull impuls u "potenza massima" tal-impulsi ta' aktar minn 1 W; jew

2. Potenza medja tal-output jew CW li jaqbżu l-1 W;

g. "Lasers" tal-elettroni liberi.

Nota Teknika: Għall-fini ta' X.A.IV.005"Effiċjenza fil-plakka tad-dawl" hija definita bħala l-proporzjon tal-potenza tal-output tal-"laser" (jew "potenza medja tal-output") mal-potenza elettrika totali fl-input meħtieġa biex jiġi operat "laser", inkluż il-provvista tal-potenza/il-kundizzjonar u l-kundizzjonar termiku/skambjatur tas-sħana.

X.A.IV.006 “Manjetometri”, sensuri elettromanjetiċi “Superkondutturi”, u l-komponenti “ddisinjati apposta” għalihom, kif ġej:

a. “Manjetometri”, għajr dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, li jkollhom “sensittività” anqas (aħjar) minn 1,0 nT (rms) għal kull għerq kwadrat ta’ Hz.

Nota Teknika: Għall-finijiet ta’ X.A.IV.006.a, “sensittività” (livell ta’ ħoss) hija l-għerq tal-medja tal-kwadrati tal-livell minimu ta’ ħoss limitat bl-apparat li huwa l-aktar sinjal baxx li jista’ jitkejjel.

b. Sensuri elettromanjetiċi “superkonduttivi”, “komponenti” mmanifatturati minn materjali “superkonduttivi”:

1. Iddisinjati biex joperaw f’temperaturi taħt it-“temperatura kritika” ta’ mill-inqas wieħed mill-kostitwenti “superkonduttivi” tagħhom (inkluż apparat bl-effett Josephson jew apparat “superkonduttiv” b’interferenza kwantistika (“superconductive” quantum interference devices, SQUIDS));

2. Iddisinjati biex jaqbdu l-varjazzjonijiet tal-kamp elettromanjetiku fi frekwenzi ta’ 1 kHz jew inqas; u

3. Għandhom kwalunkwe waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

a. Jinkorporaw SQUIDS b'film irqiq b'daqs minimu tal-element ta' inqas minn 2 μm u biċ-ċirkwiti assoċjati ta' akkoppjament tal-input u tal-output;

b. Iddisinjati sabiex jaħdmu b'oxxillazzjoni tal-kamp manjetiku li taqbeż il-1 x 10^6 kwanti ta' fluss manjetiku kull sekonda;

c. Iddisinjati sabiex jaħdmu fil-kamp manjetiku tal-ambjent tad-dinja mingħajr protezzjoni manjetika; jew

d. Li għandhom koeffiċent tat-temperatura ta' inqas (iżgħar) minn 0,1 kwantum/K ta' fluss manjetiku.

X.A.IV.007 Gravimetri għall-użu fuq l-art, għajr dak speċifikat fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, kif ġej:

a. Li għandhom preċiżjoni statika ta' inqas (aħjar) minn 100 μGal; jew

b. Li jkunu tat-tip tal-element kwarzuż (Worden).

X.A.IV.008 Sistemi tar-radar, tagħmir u komponenti maġġuri, għajr dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, u komponenti tagħhom iddisinjati apposta, kif ġej:

a. Tagħmir tar-radar tal-ajru, għajr dawk speċifikati fil-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, u komponenti tiegħu ddisinjat apposta;

b. Radar bil-"laser" ikkwalifikat għall-użu spazjali jew tagħmir għad-Detezzjoni u l-Kejl tad-Distanza bid-Dawl (Light Detection and Ranging, LIDAR), iddisinjat apposta għall-istħarriġ jew għall-osservazzjoni meteoroloġika;

c. Sistemi għal viżjoni mtejba b'immaġni tar-radar b'mewġa millimetrika "ddisinjati apposta" għal inġenji tal-ajru li jaħdmu bir-rotors u li għandhom dan kollu li ġej:

1. Joperaw bi frekwenza ta' 94 GHz;

2. Potenza tal-output medja ta' inqas minn 20 mW;

3. Wisa' tar-raġġ tar-radar ta' grad 1; u

4. Medda operattiva daqs jew aktar minn 1 500 m.

X.A.IV.009 Tagħmir tal-ipproċessar speċifiku, kif ġej:

a. Tagħmir għad-detezzjoni sismika mhux ikkontrollat minn X.A.IV.009.c;

b. Kameras tat-TV reżistenti għar-radjazzjoni, għajr dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821; jew

c. Sistemi ta’ detezzjoni tal-intrużjoni sismika li jidentifikaw, jikklassifikaw u jiddeterminaw l-effett fuq is-sors ta’ sinjal individwat.

X.B.IV.001 Tagħmir, inklużi għodod, forom, ġiggs jew gauges, u “parts”, “komponenti” u “aċċessorji” oħrajn “iddisinjati apposta” għalihom, u “iddisinjati apposta” jew immodifikati għal xi wieħed/waħda minn dawn li ġejjin:

a. Għall-manifattura jew l-ispezzjoni ta’:

1. Kalamiti wiggler ta’ “laser” tal-elettroni liberi;

2. Fotoinjetturi ta’ “laser” tal-elettroni liberi;

b. Għall-aġġustament, għat-tolleranzi meħtieġa, tal-kamp manjetiku longitudinali ta’ “lasers” tal-elettroni liberi.

X.C.IV.001 Fibri ta’ sensuri ottiċi li huma modifikati strutturalment biex ikollhom “tul ta’ resonanza” ta’ inqas minn 500 mm (birifrangenza għolja) jew materjali ta’ sensuri ottiċi mhux deskritti f’6C002.b[1] u li għandhom kontenut ta’ żingu daqs jew aktar minn 6 % bil-“frazzjoni molari.”

Nota Teknika: Għall-fini ta’ X.C.IV.001:

1) “Frazzjoni molari” hija definita bħala l-proporzjon tal-moli ta’ ZnTe u t-total tal-moli ta’ CdTe u ZnTe preżenti fil-kristall.

[1] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821

2) It-"tul ta' resonanza" huwa d-distanza li minnha jridu jgħaddu żewġ sinjali polarizzati ortogonalment, inizjalment f'fażi, sabiex tinkiseb differenza fil-fażi ta' 2 Pi radian(s).

X.C.IV.002 Materjal ottiku, kif ġej:

a. Materjali ta' assorbiment ottiku baxx, kif ġej:

1. Komposti ta' fluworur mhux maħduma li fihom ingredjenti b'purità ta' 99,999 % jew aħjar; jew

Nota: X.C.IV.002.a.1 jikkontrolla l-fluworuri taż-żirkonju jew tal-aluminju u l-varjanti.

2. Ħġieġ tal-fluworur mhux maħdum magħmul minn komposti kkontrollati minn 6C004.e.1[1];

b. "Preforom tal-fibra ottika" magħmulin minn komposti tal-fluworur mhux maħduma li fihom ingredjenti b'purità ta' 99,999 % jew aħjar, "iddisinjati apposta" għall-manifattura tal-"fibri tal-fluworur" ikkontrollati minn X.A.IV.004.b.

Nota Teknika: Għall-fini ta' X.C.IV.002:

1) Il-"fibri tal-fluworur" huma fibri manifatturati minn komposti tal-fluworur mhux maħduma.

[1] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821

2) Il-"preforom tal-fibra ottika" huma vireg, ingotti, jew vireg tal-ħġieġ, tal-plastik jew ta' materjali oħra li ġew ipproċessati b'mod speċjali għall-użu fil-fabbrikazzjoni ta' fibri ottiċi. Il-karatteristiċi tal-preforma jiddeterminaw il-parametri bażiċi tal-fibri ottiċi estratti li jirriżultaw.

X.D.IV.001 "Software", għajr dak speċifikat fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, iddisinjat apposta għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni", jew l-"użu" ta' prodotti kkontrollati minn 6A002, 6A003[1], X.A.IV.001, X.A.IV.006, X.A.IV.007, jew X.A.IV.008.

X.D.IV.002 "Software" ddisinjat apposta għall-"iżvilupp" jew il-"produzzjoni" ta' tagħmir ikkontrollat minn X.A.IV.002, X.A.IV.004, jew X.A.IV.005.

X.D.IV.003 "Software" ieħor, kif ġej:

a. "Programmi" ta' applikazzjoni li jagħmlu parti minn "software" tal-Kontroll tat-Traffiku tal-Ajru (Air Traffic Control, ATC) fuq kompjuters ta' skop ġenerali li jinsabu fiċ-ċentri tal-Kontroll tat-Traffiku tal-Ajru, u li kapaċi awtomatikament jgħaddu d-*data* marbuta mal-mira tar-radar primarju (jekk ma tkunx korrelatata mad-data tar-radar ta' sorveljanza sekondarju (secondary surveillance radar, SSR)) miċ-ċentru tal-Kontroll tat-Traffiku tal-Ajru ospitanti għal ċentru ieħor tal-Kontroll tat-Traffiku tal-Ajru;

b. "Software" ddisinjat apposta għas-sistemi ta' detezzjoni ta' intrużjoni sismika f'X.A.IV.009.c; jew

[1] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821

c. “Kodiċi tas-Sors” iddisinjat apposta għal sistemi ta’ detezzjoni ta’ intrużjoni sismika f’X.A.IV.009.c.

X.E.IV.001 “Teknoloġija” għall-“iżvilupp”, il-“produzzjoni”, jew l-“użu” ta’ tagħmir kkontrollat minn X.A.IV.001, X.A.IV.006, X.A.IV.007, X.A.IV.008 jew X.A.IV.009.c.

X.E.IV.002 “Teknoloġija” għall-“iżvilupp” jew il-“produzzjoni” ta’ tagħmir, materjali jew “software” kkontrollati minn X.A.IV.002, X.A.IV.004, jew X.A.IV.005, X.B.IV.001, X.C.IV.001, X.C.IV.002, jew X.D.IV.003.

X.E.IV.003 “Teknoloġija” oħra, kif ġej:

a. Teknoloġiji tal-fabbrikazzjoni ottika għal produzzjoni f’serje ta’ “komponenti” ottiċi b’rata ta’ aktar minn 10 m2 ta’ erja tas-superfiċje fis-sena fuq kwalunkwe fus wieħed u li għandhom dan kollu li ġej:

1. Erja li teċċedi 1 m^2; u

2. Il-forma tas-superfiċje ta’ aktar minn λ/10 (rms) fil-tul tal-mewġa stabbilita;

b. It-“Teknoloġija” għall-filtri ottiċi b’wisa’ tal-banda ta’ 10 nm jew inqas, b’kamp viżiv (field of view, FOV) ta’ aktar minn 40° u riżoluzzjoni ogħla minn 0,75 pari ta’ linji għal kull milliradjan;

c. “Teknoloġija” għall-“iżvilupp” jew il-“produzzjoni” ta’ kameras ikkontrollati minn X.A.IV.003;

d. “Teknoloġija” “meħtieġa” għall-“iżvilupp” jew il-“produzzjoni” ta’ “manjetometri” fluxgate mhux triassjali jew ta’ “manjetometri” mhux triassjali, li għandhom xi karatteristika milli ġejjin:

1. “Sensittività” ta’ inqas (aħjar) minn 0,05 nT (rms) għal kull għerq kwadrat ta’ Hz fi frekwenzi ta’ inqas minn 1 Hz; jew

2. “Sensittività” ta’ inqas (aħjar) minn 1 x 10^{-3} nT (rms) għal kull għerq kwadrat ta’ Hz fi frekwenzi ta’ 1 Hz jew aktar.

e. “Teknoloġija” “meħtieġa” għall-“iżvilupp” jew il-“produzzjoni” ta’ apparat għall-konverżjoni axxendenti tad-dawl infraaħmar li għandu dan kollu li ġej:

1. Rispons fil-medda tal-frekwenza ta’ aktar minn 700 nm, iżda ta’ mhux aktar minn 1 500 nm; u

2. Kombinazzjoni ta’ fotodetettur tal-infraaħmar, dijodu li jemetti d-dawl (light emitting diode, OLED), u nanokristall biex id-dawl infraaħmar jiġi kkonvertit f’dawl viżibbli.

Nota Teknika: Għall-finijiet ta’ X.E.IV.003, “sensittività” (jew il-livell tal-potenza akustika) hija l-għerq tal-medja kwadratika tal-istorbju fl-isfond limitat b’apparat, li huwa l-aktar sinjal baxx li jista’ jitkejjel.

Kategorija V – Navigazzjoni u Avjonika

X.A.V.001 Tagħmir ta’ komunikazzjoni fl-ajru, is-sistemi kollha ta’ navigazzjoni inerzjali tal-“inġenji tal-ajru’, u tagħmir avjoniku ieħor, inklużi komponenti, għajr dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

Nota 1: X.A.V.001. ma tikkontrollax il-kuffji jew il-mikrofoni.

Nota 2: X.A.V.001. ma jikkontrollax oġġetti għall-użu personali tal-persuni fiżiċi.

X.B.V.001 Tagħmir ieħor iddisinjat apposta għall-ittestjar, l-ispezzjoni, jew il-“produzzjoni” ta’ tagħmir tan-navigazzjoni u tal-avjonika.

X.D.V.001 “Software”, għajr dak speċifikat fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, għall-“iżvilupp”, il-“produzzjoni”, jew l-“użu” ta’ tagħmir avjoniku għan-navigazzjoni, il-komunikazzjoni fl-ajru u tagħmir ieħor.

X.E.V.001 “Teknoloġija”, għajr dik speċifikata fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, għall-“iżvilupp”, il-“produzzjoni”, jew l-“użu” ta’ tagħmir avjoniku għan-navigazzjoni, il-komunikazzjoni fl-ajru u tagħmir ieħor.

Kategorija VI - Materjal marittimu

X.A.VI.001 Bastimenti, sistemi jew tagħmir marittimu, u komponenti ddisinjati apposta għalihom, u komponenti u aċċessorji kif ġej:

a. Sistemi ta' viżjoni ta' taħt l-ilma, kif ġej:

1. Sistemi tat-televiżjoni (inklużi kameras, dwal, tagħmir ta' monitoraġġ u ta' trażmissjoni tas-sinjali) li għandhom riżoluzzjoni b'limitu meta mkejla fl-arja ta' aktar minn 500 linja u "ddisinjati apposta" jew immodifikati għall-operazzjonijiet mill-bogħod b'vettura sommerġibbli; jew

2. Kameras tat-televixin ta' taħt wiċċ l-ilma, li jkollhom riżoluzzjoni b'limitu meta mkejla fl-arja, ta' aktar minn 700 linja;

Nota Teknika: Li tiġi limitata r-riżoluzzjoni fit-televixin hija miżura ta' riżoluzzjoni orizzontali, normalment espressa f'termini ta' numru massimu ta' linji kull stampa, separata fuq test chard, billi jintuża l-Istandard IEEE 208/1960, jew kwalunkwe standard ieħor ekwivalenti.

b. Kameras tar-ritratti ddisinjati apposta jew immodifikati għall-użu taħt wiċċ l-ilma, li jieħdu film b'format ta' 35 mm jew aktar, u li l-awtoffukar jew l-iffukar mill-bogħod tagħhom huma ddisinjati apposta għall-użu taħt wiċċ l-ilma;

c. Sistemi tad-dawl stroboskopiku, iddisinjati apposta jew immodifikati għall-użu taħt wiċċ l-ilma, li kapaċi jitfgħu enerġija tad-dawl ta' aktar minn 300 J ma' kull flash;

d. Tagħmir ieħor ta' kamera għal taħt l-ilma, għajr dak speċifikat fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821;

e. Bojlers marini ddisinnjati biex ikollhom xi waħda minn dawn il-karatteristiċi li ġejjin:

1. Rata tar-rilaxx tas-sħana (b'rata massima) ugwali għal 1 966,4 kW/m^3 f'volum tal-forn jew aktar; jew

2. Il-proporzjon ta' fwar iġġenerat f'kilogrammi fis-siegħa (fi klassifikazzjoni massima) mal-piż xott tal-bojler f'kilogrammi daqs jew aktar minn 37,6.;

f. Bastimenti (tal-wiċċ jew ta' taħt il-baħar), inklużi dgħajjes li jintnefħu, u komponenti ddisinjati apposta għalihom, għajr dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821;

Nota: X.A.VI.001.f ma tikkontrollax vetturi fuq soġġorn temporanju, użati għat-trasport privat jew it-trasport ta' passiġġieri jew prodotti minn jew minn ġewwa t-territorju doganali tal-Unjoni.

g. Magni tal-baħar (kemm abbord kif outboard) u magni ta' taħt il-baħar u komponenti ddisinjati apposta għalihom, għajr dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821;

h. Tagħmir tan-nifs għal taħt il-baħar, komplut fih innifsu (tagħmir tal-iscuba) u aċċessorji għalih, għajr dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821;

i. Ġġieget tas-salvataġġ, cartridges li jintnefħu, boxxli għall-għadis u kompjuters għall-għadis;

Nota: X.A.VI.001.i. ma jikkontrollax oġġetti għall-użu personali tal-persuni fiżiċi.

j. Dawl ta' taħt wiċċ l-ilma u tagħmir ta' propulsjoni; jew

Nota: X.A.VI.001.j. ma jikkontrollax oġġetti għall-użu personali tal-persuni fiżiċi.

k. Kompressuri tal-arja u sistema ta' filtrazzjoni ddisinjati apposta għall-mili ta' ċilindri tal-arja.

X.D.VI.001 "Software" iddisinjat apposta jew immodifikat għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" ta' tagħmir ikkontrollat permezz ta' X.A.VI.001.

X.A.VI.002 “Software” iddisinjat apposta għat-tħaddim ta’ vetturi sommerġibbli bla ekwipaġġ użati fl-industrija taż-żejt u tal-gass.

X.E.VI.001 It-“Teknoloġija” għall-“iżvilupp”, il-“produzzjoni” jew l-“użu” ta’ tagħmir ikkontrollati permezz ta’ X.A.VI.001.

Kategorija VII — Ajruspazju u Propulsjoni

X.A.VII.001 Magni diżil, u tratturi u komponenti ddisinjati apposta għalihom, għajr dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821:

a. Magni diesel, għajr dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, għal trakkijiet, tratturi, u applikazzjonijiet awtomotivi, li għandhom output ta’ potenza globali ta’ 298 kW jew aktar.

b. Tratturi bir-roti mhux maħsubin għall-awtostrada b’kapaċità tal-ġarr ta’ 9 t jew aktar; u komponenti u aċċessorji ewlenin għalihom, minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

c. Tratturi tat-triq għal semitrailers, b’fus fuq wara wieħed jew b’żewġ fusien previsti għal 9 tunnellati għal kull fus jew aktar u komponenti ewlenin iddisinjati apposta.

Nota: X.A.VII.001.b u X.A.VII.001.c ma jikkontrollawx il-vetturi li jkunu qegħdin jinżammu temporanjament, li jintużaw għat-trasport privat jew għat-trasport ta’ passiġġieri jew merkanzija mit-territorju doganali tal-Unjoni jew ġewwa fih.

X.A.VII.002 Magni b'turbini tal-gass u komponenti għajr dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

a. Ma jintużax.

b. Ma jintużax.

c. Magni tal-ajru b'turbini tal-gass u komponenti ddisinjati apposta għalihom.

d. Ma jintużax.

e. Komponenti ta' tagħmir taħt pressjoni għan-nifs tal-inġenji tal-ajru ddisinjati apposta għalihom, għajr dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

X.A.VII.003 Magni tal-inġenji tal-ajru, għajr dawk speċifikati f'X.A.VII.002, fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, kif ġej:

a. Magni tal-kombustjoni interna bil-pistuni reċiprokanti jew rotatorji; jew

b. Magni elettriċi.

Nota Teknika: Għall-fini ta' X.A.VII.003 l-inġenji tal-ajru jinkludu:ajruplani, UAVs, ħelikopters, ġiroplani, inġenji tal-ajru ibridi jew mudelli kkontrollati bir-radju.

X.B.VII.001 Tagħmir għall-ittestjar tal-vibrazzjoni u komponenti ddisinjati apposta, għajr dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

Nota: X.B.VII.001. jikkontrolla biss it-tagħmir għall-"iżvilupp" jew il-"produzzjoni". Ma jikkontrollax is-sistemi ta' monitoraġġ għall-kundizzjoni.

X.B.VII.002 "Tagħmir" iddisinjat apposta, għodod jew ġiggs għall-manifattura jew il-kejl tal-pali tat-turbini tal-gass, il-paletti jew il-karenaturi tat-tarf ikkastjati, kif ġej:

a. Tagħmir awtomatizzat li juża metodi mhux mekkaniċi għall-kejl tal-għoli tal-profil tal-ajrufojl;

b. Għodod, ġiggs jew tagħmir tal-kejl għal proċessi ta' titqib bil-"laser", b'ġett tal-ilma jew b'ECM/EDM ikkontrollati permezz ta' 9E003.c[1];

c. Tagħmir għal-lixxivjazzjoni tal-parts ċentrali taċ-ċeramika;

d. Tagħmir jew għodod għall-manifattura tal-parts ċentrali taċ-ċeramika;

e. Tagħmir għall-preparazzjoni tad-disinn tax-xama' għall-qoxra taċ-ċeramika;

f. Tagħmir tan-nar għall-ħruq tal-qoxra taċ-ċeramika.

X.D.VII.001 "Software", għajr dak speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, għall-"iżvilupp" jew il-"produzzjoni" ta' tagħmir ikkontrollat minn X.A.VII.001 jew X.B.VII.001.

[1] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821

X.D.VII.002 “Software”, għall-“iżvilupp” jew il-“produzzjoni” ta’ tagħmir ikkontrollat permezz ta’ X.A.VII.002, jew X.B.VII.002.

X.E.VII.001 “Teknoloġija”, għajr dik speċifikata fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, għall-“iżvilupp” jew il-“produzzjoni” jew l-“użu” ta’ tagħmir ikkontrollat minn X.A.VII.001 jew X.B.VII.001.

X.E.VII.002 “Teknoloġija”, għall-“iżvilupp”, il-“produzzjoni” jew l-“użu” ta’ tagħmir ikkontrollati permezz ta’ X.A.VII.002 jew X.B.VII.002.

X.E.VII.003 “Teknoloġija” oħra, mhux deskritta f’9E003[1], kif ġej:

a. Sistemi għall-kontroll tad-distanza tal-ponot tal-pali li jużaw “Teknoloġija” attiva ta’ kumpens fil-kejsing li tkun limitata għal bażi tad-*data* tad-disinn u l-iżvilupp; jew

b. Berings bil-gass għall-assemblaġġi tar-rotors tal-magni bit-turbini.

Kategorija VIII — Oġġetti mixxellanji

X.A.VIII.001 Tagħmir għall-produzzjoni taż-żejt jew għall-esplorazzjoni taż-żejt kif ġej:

a. Tagħmir tal-kejl integrat tar-ras tat-tħaffir, inklużi sistemi ta’ navigazzjoni interna għall-kejl waqt it-tħaffir (measurement while drilling, MWD);

b. Sistemi ta’ monitoraġġ tal-gass u ditekters għalihom, iddisinjati għall-operazzjoni kontinwa u d-detezzjoni tas-sulfit tal-idroġenu;

[1] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821

c. Tagħmir għall-kejl sismoloġiku, inklużi s-sismetika tar-riflessjoni u l-vibraturi sismiċi;

d. Ekosondi tas-sedimenti.

X.A.VIII.002 Tagħmir, "assemblaġġi elettroniċi" u komponenti, iddisinjati apposta għal kompjuters kwantistiċi, elettronika kwantistika, sensuri kwantistiċi, unitajiet ta' pproċessar kwantistiku, ċirkwiti qubit, apparati qubit jew sistemi ta' radar kwantistiku, inklużi ċelloli pockels.

Nota 1: Il-kompjuters kwantistiċi jwettqu komputazzjonijiet li jużaw il-proprjetajiet kollettivi tal-istati kwantistiċi, bħas-superpożizzjoni, l-interferenza u t-tħabbil.

Nota 2: L-unitajiet, iċ-ċirkwiti u l-apparati jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, ċirkwiti superkonduttivi, ittemprar kwantum, Ion Trap, interazzjoni fotonika, silikon/spin, atomi kesħin.

X.A.VIII.003 Mikroskopji u tagħmir u detectors relatati, kif ġejjin:

a. Mikroskopju elettroniku tal-iskennjar (scanning electron microscope, SEM);

b. Mikroskopji tal-auger li jiskennjaw;

c. Mikroskopji tal-elettroni tat-trażmissjoni (transmission electron microscopes, TEM);

d. Mikroskopji tal-forza atomika (atomic force microscopes, AFM);

e. Mikroskopji tal-forza tal-iskennjar (scanning force microscope, SFM);

f. Tagħmir u detectors, imfassla b'mod speċjali biex jintużaw mal-mikroskopji speċifikati f'X.A.VIII.003.a sa X.A.VIII.0003.e, li jużaw kwalunkwe teknika tal-analiżi tal-materjali minn dawn li ġejjin:

1. Spettroskopija ta' ritratt b'raġġi X (X-ray photo spectroscop, XPS);

2. Spettroskopija b'raġġi X li xxerred l-enerġija (energy-dispersive X-ray spectroscopy, EDX, EDS); jew

3. Spettroskopija bl-Elettroni għall-Analiżi Kimika (electron spectroscopy for chemical analysis, ESCA).

X.A.VIII.004 Tagħmir tal-kollettur għall-minerali tal-metall f'qiegħ il-baħar fond.

X.A.VIII.005 Tagħmir tal-manifattura u makkinarji għodda kif ġej:

a. Tagħmir tal-manifattura addittiva għall-"produzzjoni" ta' parts tal-metall;

Nota: X.A.VIII.005.a japplika biss għas-sistemi li ġejjin:

1. Sistemi b'sodda baxxa li jużaw tidwib selettiv bil-laser (selective laser melting, SLM), kuxxinjar bil-laser, sinterizzazzjoni diretta bil-laser tal-metall (direct metal laser sintering, DMLS) jew tidwib ta' raġġ ta' elettroni (electron beam melting, EBM); jew

2. Sistemi li jużaw kisi bil-laser, depożizzjoni diretta ta' enerġija jew depożizzjoni ta' metall bil-laser.

b. Tagħmir tal-manifattura addittiv għal “materjali enerġetiċi”, inkluż tagħmir li juża estrużjoni ultrasonika;

c. Tagħmir tal-manifattura addittiv tal-fotopolimerizzazzjoni tal-VAT (VVP) li juża l-litografija sterjo (stereo lithography, SLA) jew l-ipproċessar diġitali tad-dawl (digital light processing, DLP).

X.A.VIII.006 Tagħmir għall-“produzzjoni” ta’ elettronika stampata għal dijodi organiċi li jemettu d-dawl (organic light emitting diodes, OLED), tranżisters organiċi b’effett fil-post (organic field-effect transistors, OFET) jew ċelloli fotovoltajċi organiċi (organic photovoltaic cells, OPVC).

X.A.VIII.007 Tagħmir għall-“produzzjoni” ta’ sistemi mikroelettromekkaniċi (microelectromechanical systems, MEMS) li jużaw il-proprjetajiet mekkaniċi tas-siliċju, sensuri ta’ inlcuding f’format ta’ ċippa bħal membrani ta’ pressjoni, raġġi ta’ liwi jew apparat ta’ aġġustament mikro.

X.A.VIII.008 Tagħmir, iddisinjat apposta għall-produzzjoni ta’ e-karburanti (elettrokarburanti u karburanti sintetiċi) jew ċelloli solari ultra effiċjenti (effiċjenza > 30 %).

X.A.VIII.009 Tagħmir għal Vakwu Ultra-Għoli (Ultra-High-Vacuum, UHV) kif ġej:

a. Pompi UHV (sublimazzjoni, turbomolekulari, diffużjoni, krijoġeniċi, graff tal-joni);

b. Gauges tal-pressjoni UHV.

Nota: UHV tfisser 100 nanoPascals (nPA) jew inqas.

X.A.VIII.010 “Sistemi ta’ refriġerazzjoni krijoġeniċi” ddisinjati biex iżommu temperaturi taħt il-1,1 K għal 48 siegħa jew aktar u tagħmir ta’ refriġerazzjoni krijoġeniku relatat kif ġej:

a. Tubi tal-impuls;

b. Cryostats;

c. Dewars;

d. Sistema ta’ Maniġġar tal-Gass (Gas Handling System, GHS);

e. Kompressuri; jew

f. Unitajiet ta’ Kontroll.

Nota: “Sistemi ta’ refriġerazzjoni krijoġeniċi” jinkludu iżda mhumiex limitati għal Refriġerazzjoni tad-Dilwizzjoni, Refrigeraturi ta’ Demagnizzazzjoni adiabatika u Sistemi ta’ Tkessiħ bil-Laser.

X.A.VIII.011 Tagħmir ta’ “dekapsulazzjoni” għal apparat semikonduttur.

Nota: “Dekapsulazzjoni” hija t-tneħħija ta’ kappa, għatu, jew materjal ta’ inkapsulazzjoni minn ċirkwit integrat ippakkjat b’mezzi mekkaniċi, termali jew kimiċi.

X.A.VIII.012 Fotodetetturi b’Effiċjenza Kwantistika Għolja (Quantum Efficiency, QE) b’QE ikbar minn 80 % fil-medda tat-tul ta’ mewġ ta’ aktar minn 400 nm iżda mhux aktar minn 1 600 nm.

X.AVIII.013 Makkinarji għodda kkontrollati numerikament, li għandhom assi lineari wieħed jew aktar b'tul ta' tmexxija akbar minn 8 000 mm.

2. Ripetibbiltà ta’ pożizzjonament ta’ slide bidirezzjonali inqas (aħjar) minn 0,00025 mm għal kull 300 mm ta’ korsa;

3. Spindle “run-out” u “camming” inqas (aħjar) minn qari tal-indikatur totali (TIR) ta’ 0,0004 mm;

4. Devjazzjoni angolari tal-moviment tal-islide (imbardata, xengil u irrolljar) ta’ inqas (aħjar) minn 2 sekondi ta’ arkata, TIR fuq il-korsa sħiħa; u

5. Perpendikolarità tas-slide inqas (aħjar) minn 0,001 mm għal kull 300 mm ta’ korsa;

Nota Teknika:

Ir-ripetibbiltà tal-pożizzjonament tal-islide bidirezzjonali (R) ta' assi hija l-valur massimu tar-ripetibbiltà tal-pożizzjonament fi kwalunkwe pożizzjoni tul jew madwar l-assi ddeterminat bl-użu tal-proċedura u fil-kundizzjonijiet speċifikati fil-parti 2.11 tal-ISO 230/2: 1988.

b. Magni tat-tip fly cutting, li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin:

1. Spindle "run-out" u "camming" ta' inqas (aħjar) minn 0,0004 mm TIR; u

2. Devjazzjoni angolari tal-moviment tal-islide (imbardata, xengil u irrolljar) ta' inqas (aħjar) minn 2 sekondi ta' arkata, TIR fuq il-korsa sħiħa.

X.B.X.006 Gearmaking u/jew makkinarju tat-tlestija mhux ikkontrollat minn 2B003 li kapaċi jipproduċi gerijiet għal livell ta' kwalità aħjar minn AGMA 11.

X.B.X.007 Sistemi jew tagħmir għall-ispezzjoni dimensjonali jew għall-kejl mhux ikkontrollati minn 2B006 jew 2B206, kif ġej (ara l-Lista ta' Oġġetti Kontrollati):

a. Magni manwali ta' spezzjoni dimensjonali, li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin:

1. Żewġ assi jew aktar; u

2. Inċertezza tal-kejl ugwali għal jew inqas (aħjar) minn (3 + L/300) μm fi kwalunkwe assi (L imkejjel tul f'mm).

X.B.X.008 "Robots" mhux ikkontrollati minn 2B007 jew 2B207 li huma kapaċi jużaw informazzjoni ta' feedback fl-ipproċessar f'ħin reali minn senser wieħed jew aktar biex jiġġeneraw jew jimmodifikaw programmi jew biex jiġġeneraw jew jimmodifikaw *data* numerika tal-programm.

X.B.X.009 Assemblaġġi, bordijiet ta' ċirkwiti jew inserzjonijiet iddisinjati apposta għal għodod bil-magna kkontrollati minn X.B.X.004, jew għal tagħmir ikkontrollat minn X.B.X.006, X.B.X.007 jew X.B.X.008:

a. Assemblaġġi tal-magħżel, li jikkonsistu f'magħżel u berings bħala assemblaġġ minimu, b'moviment tal-assi radjali ("run-out") jew assjali ("camming") f'dawra waħda tal-magħżel inqas (aħjar) minn qari tal-indikatur totali (TIR) ta' 0,0006 mm;

b. Inserzjonijiet ta' għodda tal-qtugħ tad-djamant b'punt wieħed, li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin:

1. Tarf tal-qtugħ bla difetti u bla ċippjaturi meta mkabbar 400 darba fi kwalunkwe direzzjoni;

2. Raġġ ta' qtugħ minn 0,1 sa 5 mm inklużivi; u

3. Raġġ tat-tqattigħ barra mir-tond inqas (aħjar) minn 0,002 mm TIR.

c. Bordijiet ta' ċirkwiti stampati ddisinjati apposta b'komponenti mmuntati li kapaċi jtejbu, skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-manifattur, unitajiet ta' "kontroll numeriku", makkinarji għodda jew apparat ta' feed-back għal jew ogħla mil-livelli speċifikati f'X.B.X.004, X.B.X.006, X.B.X.007, X.B.X.008, jew X.B.X.009.

Nota Teknika:

Din l-entrata ma tikkontrollax is-sistemi ta' kejl b'interferometri, mingħajr feedback permezz ta' ċirkwit magħluq jew miftuħ, li jkun fihom laser li jkejjel żbalji ta' moviment ta' slides fl-għodda tal-magni, magni għall-ispezzjoni dimensjonali jew tagħmir simili.

X.B.X.010 Tagħmir speċifiku tal-ipproċessar, għajr dak speċifikat fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, kif ġej (ara l-Lista ta' Oġġetti Kontrollati):

a. Morsi iżostatiċi, għajr dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821;

b. Tagħmir tal-immanifatturar tal-imniefaħ, inkluż tagħmir idrawliku tal-ifformar u forom imnaqqxin li jifformaw imniefaħ;

c. Magni tal-iwweldjar bil-laser;

d. Welders MIG;

e. Welders tar-raġġ elettroniku;

f. Tagħmir tal-monel, inklużi valvi, pajpijiet, tankijiet u reċipjenti;

g. Valvijiet, pajpijiet, tankijiet u reċipjenti tal-azzar inossidabbli 304 u 316;

Nota: Nota: Il-fittings jitqiesu bħala parti mill-pajpijiet għall-iskopijiet ta' X.B.X.010.g.

h. Tagħmir tal-minjieri u tat-tħaffir, kif ġej:

1. Tagħmir kbir għat-titqib li kapaċi jħaffer toqob akbar minn 61 cm fid-dijametru;

2. Tagħmir kbir li jċaqlaq l-art użat fl-industrija tal-minjieri;

i. Tagħmir tal-elettroplejtjar iddisinjat għal kisi tal-parts bin-nikil jew l-aluminju;

j. Pompi ddisinjati għal servizz industrijali u għal użu ma' mutur elettriku ta' 5 HP jew akbar;

k. Valvi vakwu, pajpijiet, flanġijiet, gaskits u tagħmir relatat iddisinjat apposta għall-użu f'servizz b'vakwu għoli, għajr dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821;

l. Magni spin forming u flow forming, għajr dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821;

m. Magni tal-ibbilanċjar ċentrifugali multiplane, minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821; jew

n. Pjanċa, valvijiet, pajpijiet, tankijiet u reċipjenti awstenitiċi tal-azzar inossidabbli.

X.B.X.011 Kappep tad-duħħan immuntati fl-art (li tista' tidħol fihom) b'wisa' nominali minima ta' 2,5 metri.

X.B.X.012 Kabini ta' bijosikurezza u kompartimenti bl-ingwanti tal-Klassi II.

X.B.X.013 Magni ċentrifugi b'funzjonament mhux kontinwu b'kapaċità minimali ta' 4 litri jew aktar, li jistgħu jintużaw ma' materjali bijoloġiċi.

X.B.X.014 Fermentaturi b'volum interni ta' 10-20 litru, li jistgħu jintużaw ma' materjali bijoloġiċi.

X.B.X.015 Kontenituri għar-reazzjonijiet, reatturi, aġitaturi, tagħmir għat-trasferiment tas-sħana, kondensaturi, pompi (inklużi l-pompi b'seal wieħed), valvoli, tankijiet tal-ħżin, kontenituri, riċevituri, u kolonni tad-distillazzjoni jew tal-assorbiment li jissodisfaw il-parametri tal-prestazzjoni deskritti f'2B350[1], minkejja l-materjali tal-kostruzzjoni tagħhom.

Nota: Għall-finijiet tal-kontroll X.B.X.015, valvi tal-plumbing u tankijiet tal-ħżin b'volum (ġeometriku) intern totali ta' inqas minn 1 m^3 (1000 litru) imfassal għal sistemi domestiċi tal-ilma jew tal-gass huma esklużi.

X.B.X.016 Kmamar tal-arja nadifa konvenzjonali jew bi fluss tal-arja turbolenti u unitajiet b'fann awtonomu u b'filtru HEPA li jistgħu jintużaw għall-faċilitajiet ta' konteniment tat-tip P3 jew P4 (BSL 3, BSL 4, L3, L4).

[1] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821

X.B.X.017 Pompi li joħolqu vakwu b'rata tal-fluss massima indikata mill-manifattur akbar minn 1 m3/h (taħt kundizzjonijiet ta' temperatura u ta' pressjoni standard), kejsings (il-body tal-pompa), casing-liners preformati, impellers, rotors u nozzles tal-pompi ta' pressjoni b'ġett mfasslin għal tali pompi, fejn l-uċuħ kollha li jiġu f'kuntatt dirett mas-sustanza kimika jew mas-sustanzi kimiċi li jkunu qegħdin jiġu pproċessati jkunu magħmula minn materjali kkontrollati.

X.B.X.018 Tagħmir tal-laboratorju, inklużi parts u aċċessorji għal tagħmir bħal dan, għall-analiżi jew għad-detezzjoni, distruttivi jew mhux distruttivi, ta' sustanzi kimiċi.

X.B.X.019 Ċelloli sħaħ tal-elettroliżi tal-kloralkali – il-merkurju, id-dijaframma, u l-membrana.

X.B.X.020 Elettrodi tat-titanju (inklużi dawk b'kisjiet prodotti minn ossidi tal-metall oħrajn), iddisinjati apposta għall-użu f'ċelloli tal-kloralkali.

X.B.X.021 Elettrodi tan-nikil (inklużi dawk b'kisjiet prodotti minn ossidi tal-metall oħrajn), iddisinjati apposta għall-użu f'ċelloli tal-kloralkali.

X.B.X.022 Elettrodi tan-nikil tat-titanju bipolari (inklużi dawk b'kisjiet prodotti minn ossidi tal-metall oħrajn), iddisinjati apposta għall-użu f'ċelloli tal-kloralkali.

X.B.X.023 Dijaframmi tal-asbestos iddisinjati apposta għall-użu f'ċelloli tal-kloralkali.

X.B.X.024 Dijaframmi bbażati fuq il-fluworopolimeru mfasslin apposta għall-użu f'ċelloli tal-kloroalkali.

X.B.X.025 Membrani għall-iskambju joniku bbażat fuq il-fluworopolimeru ddisinjati apposta għall-użu f'ċelloli tal-kloroalkali.

X.B.X.026 Kompressuri mfasslin apposta biex jikkompressaw il-kloru mxarrab jew niexef, irrispettivament mill-materjal tal-kostruzzjoni.

X.B.X.027 Reatturi tal-microwave – Makkinarju, tagħmir ta' impjant jew ta' laboratorju, kemm jekk imsaħħan bl-elettriku kif ukoll jekk le, għat-trattament ta' materjali bi proċess li jinvolvi bidla fit-temperatura bħalma huwa t-tisħin.

X.D.X.001 "Software" iddisinjat apposta jew immodifikat għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" ta' tagħmir ikkontrollat permezz ta' X.A.X.001.

X.D.X.002 "Software" "meħtieġ" għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" ta' tagħmir ta' detezzjoni ta' oġġetti moħbija kkontrollat minn X.A.X.002.

X.D.X.003 "Software", iddisinjat apposta għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" ta' tagħmir ikkontrollat minn X.B.X.004, X.B.X.006, jew X.B.X.007, X.B.X.008, u X.B.X.009.

X.D.X.004 "Software" speċifiku, kif ġej (ara l-Lista ta' Oġġetti Kontrollati):

a. "Software" li jipprovdi kontroll adattiv u li għandu ż-żewġ karatteristiċi li ġejjin:

1. Għal unitajiet ta' manifattura flessibbli (flexible manufacturing units, FMUs); u

2. Kapaċi jiġġeneraw jew jimmodifikaw, fl-ipproċessar f'ħin reali, programmi jew *data* billi jużaw is-sinjali miksuba simultanjament permezz ta' mill-inqas żewġ tekniki ta' detezzjoni, bħal:

   a. Viżjoni tal-magna (firxa ottika);

   b. Immaġni infrared;

   c. Immaġni akustika (firxa akustika);

   d. Kejl tattili;

   e. Pożizzjonament inerzjali;

   f. Kejl tal-forza; u

   g. Kejl tat-torque.

Nota: X.D.X.004.a ma jikkontrollax "software" li jipprovdi biss skedar mill-ġdid ta' tagħmir funzjonalment identiku f'"unitajiet ta' manifattura flessibbli" bl-użu ta' programmi ta' parti maħżuna minn qabel u strateġija maħżuna minn qabel għad-distribuzzjoni tal-programmi ta' parti.

b. Ma jintużax.

X.D.X.005 “Software” ddisinjat apposta jew immodifikat għall-“iżvilupp”, il-“produzzjoni” jew l-“użu” ta’ oġġetti kkontrollati permezz ta’ X.A.X.004 jew X.A.X.005.

Nota: Ara 2E001 (“żvilupp”) għal “teknoloġija” għal “software” kkontrollati taħt din l-entrata.

X.D.X.006 “Software” ddisinjat apposta għall-“iżvilupp” jew il-“produzzjoni” ta’ ġeneraturi elettriċi portabbli kkontrollati permezz ta’ X.A.X.006.

X.E.X.001 “Teknoloġija” “meħtieġa” għall-“iżvilupp”, il-“produzzjoni” jew l-“użu” ta’ tagħmir ikkontrollat minn X.A.X.002 jew meħtieġ għall-“iżvilupp” ta’ “software” kkontrollat minn X.D.X.002.

Nota: Ara X.A.X.002 u X.D.X.002 għal kontrolli relatati tal-komoditajiet u tas-“software”.

X.E.X.002 “Teknoloġija” għall-“użu” ta’ tagħmir ikkontrollat minn X.B.X.004, X.B.X.006, X.B.X.007, jew X.B.X.008.

X.E.X.003 “Teknoloġija” skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija għall-“użu” ta’ tagħmir ikkontrollat minn X.A.X.004 jew X.A.X.005.

X.E.X.004 “Teknoloġija” għall-“użu” ta’ ġeneraturi elettriċi portabbli kkontrollati minn X.A.X.006.

Parti B

1. Apparat semikonduttur

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
8541 10	Dijodi, għajr dijodi fotosensittivi jew li jemettu d-dawl (light-emitting diodes, LED)
8541 21	Tranżisters, għajr tranżisters fotosensittivi b'rata ta' dissipazzjoni ta' inqas minn 1 W
8541 29	Tranżisters oħrajn, għajr tranżisters fotosensittivi
8541 30	Thyristors, diacs u triacs (minbarra strumenti tas-semikondutturi fotosensittivi)
8541 49	Apparati semikondutturi fotosensittivi (bl-esklużjoni ta' ġeneraturi u ċelloli fotovoltajċi)
8541 51	Apparati semikondutturi oħrajn: Trasdutturi bbażati fuq semikondutturi
8541 59	Apparati semikondutturi oħrajn
8541 60	Kristalli pjeżoelettriċi mmuntati
8541 90	Apparati semikondutturi: Parts

2. Ċirkwiti elettroniċi integrati, tagħmir tal-manifattura u tal-ittestjar

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
3818 00	Elementi kimiċi drogati għall-użu fl-elettronika, f'forma ta' diski, wafers jew forom simili; komposti kimiċi drogati għall-użu fl-elettronika
8486 10	Magni u apparat għall-manifattura ta' boules jew wafers
8486 20	Magni u apparat għall-manifattura ta' apparati semikondutturi jew ta' ċirkwiti integrati elettroniċi
8486 40	Magni u apparat speċifikat fin-Nota 11(C) ta' dan il-kapitolu
8534 00	Ċirkwiti stampati

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
8537 10	Bords, pannelli, pannelli għall-kontroll (consoles), skrivaniji, armarji u bażijiet oħrajn, armati b'żewġ apparati jew aktar tal-intestaturi 8535 jew 8536, għal kontroll elettriku jew għad-distribuzzjoni tal-elettriku, inklużi dawk li fihom strumenti jew apparat ta' Kapitolu 90, u apparat ta' kontroll numeriku, għajr apparat ta' swiċċjar tal-intestatura 8517, għall-vultaġġ li ma jaqbiżx l-1 000 V
8542 31	Proċessuri u kontrolluri, kemm jekk ikkombinati ma' memorji, konvertituri, ċirkwiti loġiċi, amplifikaturi, ċirkwiti bl-arloġġ jew tal-kronometraġġ, jew ċirkwiti oħrajn, u kemm jekk mhumiex
8542 32	Memorji
8542 33	Amplifikaturi
8542 39	Ċirkwiti integrati elettroniċi oħrajn
8542 90	Ċirkwiti integrati elettroniċi: Parts
8543 20	Ġeneraturi tas-sinjali
9027 50	Strumenti u apparati oħrajn li jużaw ir-radjazzjoni ottika (UV, viżibbli, IR)
9030 20	Oxxilloskopji u oxxillografi
9030 32	Multimetri b'apparat ta' reġistrazzjoni
9030 39	Strumenti u apparati li jkejlu jew jivverifikaw il-vultaġġ, il-kurrent, ir-reżistenza jew il-potenza elettrika, b'apparat ta' reġistrazzjoni
9030 82	Strumenti u apparat għall-kejl jew l-iċċekkjar ta' wejfers jew strumenti tas-semikondutturi

3. Kameras fotografiċi, sensuri u komponenti ottiċi

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
8525 89	Kameras tat-televiżjoni, kameras diġitali u vidjokameras li jirrekordjaw oħrajn
8529 90	Parts oħrajn tajbin għal użu biss jew prinċipalment mal-apparat tal-intestaturi 8524 sa 8528

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
9006 30	Kameras maħsubin apposta għall-użu taħt l-ilma, għat-topometrija mill-ajru jew għall-eżaminazzjoni medika jew kirurġika tal-organi interni; kameras ta' tqabbil għall-finijiet forensiċi jew kriminologiċi
9013 10	Miri teleskopiċi biex jintramaw mal-armi; periskopji; teleskopji maħsubin biex jiffurmaw parti minn magni, apparat jew strumenti ta' dan il-kapitolu jew tat-Taqsima XVI
9013 80	Tagħmir, apparat u strumenti ottiċi oħrajn
9025 19	Termometri u pirometri oħrajn, mhux imħalltin ma' strumenti oħrajn
9032 10	Termostati

4. Komponenti elettriċi/manjetiċi oħra

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
8501 32	Muturi DC u ġeneraturi DC b'output ta' aktar minn 750 W iżda mhux aktar minn 75 kW (għajr ġeneraturi fotovoltajċi)
8504 31	Transformers, b'kapaċità ta' mmaniġġar tal-elettriku ta' mhux aktar minn 1 kVA (għajr transformers ta' likwidu dielettriku)
8504 40	Konvertituri statiċi
8505 11	Kalamiti permanenti u oġġetti maħsuba biex isiru kalamiti permanenti wara manjetizzazzjoni; tal-metall
8529 10	Antenni u rifletturi ta' antenni ta' kull tip; parts tajbin għall-użu magħhom
8532 21	Kapaċitaturi tat-tantalju fissi oħrajn
8532 24	Kapaċitaturi dielettriċi taċ-ċeramika b'ħafna saffi
8533 21	Reżisturi elettriċi fissi għall-kapaċità ta' mmaniġġar tal-enerġija ta' mhux aktar minn 20 W (għajr reżisturi għat-tisħin, u reżisturi tal-karbonju fissi)

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
8533 40	Reżisturi elettriċi varjabbli, inkluż reostati u potenzjometri (għajr reżisturi variabbli bobinati u reżisturi għat-tisħin)
8536 41	Rilejs, għal vultaġġ mhux ogħla minn 60 V
8536 49	Relays għal vultaġġ ogħla minn 60 V iżda mhux ogħla minn 1 000 V
8536 50	Swiċċijiet oħrajn
8536 69	Plugs u sockets
8536 90	Apparat ieħor għall-iswiċċjar jew għall-protezzjoni ta' ċirkwiti elettriċi, jew sabiex jagħmlu konnessjonijiet ma' jew ġewwa ċirkwiti elettriċi (pereżempju swiċċijiet, relays, fuses, apparat li jrażżan it-tlugħ f'daqqa tal-kurrent, plugs, sockets, holders tal- lampi u konnetturi oħrajn, kaxxi fejn jingħaqdu l-kejbils), għal vultaġġ li ma jaqbiżx l-1 000 V; konnetturi użati għall-fibri ottiċi, faxex jew kejbils ta' fibri ottiċi
8548 00	Parts elettriċi tal-makkinarju jew apparat, mhux speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor fil-Kapitolu 85

5. Makkinarju għodod, tagħmir għall-manifattura addittiva, u oġġetti relatati

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
8205 59 80	Għodod tal-idejn, inkluż djamanti tal-vitrara, għajr għodod tad-dar, u għodod għall-bennejja, mudellaturi, ħaddiema tas-siment, kaħħala u bajjada
8456 11	Makkinarju għodda għal xogħol fuq kwalunkwe materjal bit-tneħħija ta' materjal, imħaddem bil-laser
8457 10	Ċentri tal-immaxinjar biex jinħadem il-metall
8458 11	Tornijiet orizzontali, inkluż ċentri tal-inturnjar, għat-tneħħija ta' metall, ikkontrollati numerikament
8466 10	Holders tal-għodda għal kwalunkwe tip ta' għodda biex taħdem fl-idejn u makkinarju għodda; dieheads jinfetħu waħedhom
8485 20	Magni għall-manifattura addittiva permezz ta' depożitu tal-plastik jew tal-lasktu
8485 30	Magni għall-manifattura addittiva permezz ta' depożitu tal-ġibs, tas-siment, taċ-ċeramika jew tal-ħġieġ
8485 90	Parts ta' magni għall-manifattura addittiva

6. Materjali u prekursuri enerġetiċi

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
2829 90	Perklorati; bromati u perbromati; jodati u perjodati
4706 10	Polpi ta’ fibri ġejjin minn (skart u laqx tal-) karta jew kartun irkuprat ta’ materjal ċellulożiku fibruż ieħor: Polpa tat-tajjar

7. Apparati, moduli u assemblaġġi elettroniċi

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
8471 50	Unitajiet ta’ pproċessar għajr dawk tas-subintestatura 8471 41 jew 8471 49, li fihom jew le, fl-istess housing, wieħed jew tnejn minn dawn it-tipi ta’ unità li ġejjin: unitajiet tal-ħżin, unitajiet tal-input, unitajiet tal-output
8471 70 98	Unitajiet oħra għall-ħżin
8471 80	Unitajiet għal magni awtomatiċi li jipproċessaw *data* (minbarra unitajiet tal-ipproċessar, unitajiet tal-input jew l-output u unitajiet ta’ ħżin)
8517 62	Magni għar-riċezzjoni, konverżjoni u trażmissjoni jew riġenerazzjoni ta’ vuċi, immaġini jew *data* oħra, inkluż tagħmir għall-iswitching u routing
8517 69	Apparat ieħor għat-trażmissjoni jew ir-riċezzjoni ta’ vuċi, immaġnijiet jew forom ta’ *data* oħra, inkluż tagħmir għal komunikazzjoni f’network ikkollegat bil-wajer jew bla wajer
8517 79	Parts tas-settijiet tat-telefown, telefowns għal networks ċellulari jew għal networks oħra bla wajers u apparat ieħor għat-trażmissjoni jew riċezzjoni tal-vuċi, immaġnijiet jew ta’ *data* oħra, għajr antenni u rifletturi ta’ antenni ta’ kull tip u l-parts tagħhom
8526 91	Apparat tar-radjunavigazzjoni
9014 20	Strumenti u tagħmir għal navigazzjoni aeronawtika jew spazjali (għajr boxxli)
9014 80	Strumenti u apparati oħrajn għan-navigazzjoni”

8. Kimiċi, metalli, ligi, komposti u materjali avvanzati oħra

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
8112 41	Renju mhux maħdum jew skart, laqx jew trabijiet tar-renju
8112 49	Renju, għajr dak mhux maħdum, skart, laqx jew trabijiet

9. Parts tal-makkinarju, assemblaġġi u komponenti

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
8482 10	Ball bearings
8482 20	Bearings bir-rombli ġejjin għad-djieq, inkluż assemblaġġi ta' koni u rombli ġejjin għad-djieq
8482 30	Bearings sferikali bir-rombli
8482 50	Bearings bir-rombli ċilindriċi oħrajn, inkluż assemblaġġi ta' gaġeġ u rombli labar

".

ANNESS III

L-Anness XXI tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS XXI

Lista ta' oġġetti u teknoloġija msemmija fl-Artikolu 3i

Kodiċi NM	Isem l-oġġett
0306	Krustaċji, kemm jekk fil-qoxra u kemm jekk le, ħajjin, friski, imkessħin, iffriżati, imnixxfin, immellħin jew fis-salmura; krustaċji affumikati, kemm jekk fil-qoxra u kemm jekk le, kemm jekk imsajrin qabel jew matul il-proċess tal-affumikar u kemm jekk le; krustaċji, fil-qoxra, imsajrin bil-fwar jew bit-togħlija fl-ilma, kemm jekk imkessħin, iffriżati, imnixxfin, immellħin, jew fis-salmura u kemm jekk le
16043100	Kavjar
16043200	Sostituti tal-kavjar
2208	Alkoħol etiliku mhux żnaturat b'qawwa alkoħolika skont il-volum ta' inqas minn 80 % vol; spirti, likuri u xarbiet oħra spiritużi
2303	Residwi tal-manifattura tal-lamtu u residwi simili, polpa tas-selq, bagasse u skart ieħor tal-manifattura taz-zokkor, fond u skart mill-fermentazzjoni jew mid-distillar, kemm jekk fil-forma ta' pellets u kemm jekk le
2402	Sigarri, cheroots, cigarillos u sigaretti, tat-tabakk jew tas-sostituti tat-tabakk
2523	Siment ta' Portland, siment bl-alumina, siment li għandu mill-gagazza, siment supersulfat u siment idrawliku simili, kemm jekk ikkulurit jew fil-forma ta' klinkers u kemm jekk le
2701	Faħam; briquettes, ovojdi u karburanti solidi simili manifatturati mill-faħam
2702	Linjite, kemm jekk agglomerat u kemm jekk le, għajr il-ġett
2703	Peat, inkluż l-iskart tal peat, kemm jekk agglomerat u kemm jekk le
2704	Kokk u semikokk tal-faħam, tal-linjite u tal-peat, kemm jekk agglomerat u kemm jekk le; il-karbonju tal-istorta

Kodiċi NM	Isem l-oġġett
2705	Gass tal-faħam, gass tal-ilma, gass produttur u gassijiet simili, għajr gassijiet tal-petroleum u idrokarburi gassużi oħrajn
2706	Qatran distillat mill-faħam, mil-linjite jew mill-peat, u qatran minerali ieħor, kemm jekk deidrat jew parzjalment distillati u kemm jekk le, inkluż qatran rikostitwit
2707	Żjut u prodotti oħrajn mid-distillazzjoni tal-qatran tal-faħam f'temperatura għolja; prodotti simili li fihom il-piż tal-kostitwenti aromatiċi jaqbeż dak tal-kostitwenti mhux aromatiċi
2708	Żift u kokk taż-żift, miksub mill-qatran tal-faħam jew minn qatran minerali ieħor
2711 12	Propan, likwifikat
2711 13	Butan, likwifikat
2711 14	Etilen, propilen, butilen u butadien, likwifikat
2711 19	Idrokarburi gassużi, likwifikati, mhux speċifikati banda oħra
2712	Jelly tal-petroleum; xema' bajda, xema' tal-petroleum mikrokristallina, slack wax, ożoċerit, xema' tal-linjite, xema' tal-peat, xemgħat oħrajn minerali, u prodotti simili miksubin b'sinteżi jew bi proċessi oħrajn, kemm jekk ikkuluriti u kemm jekk le
2713	Kokk tal-petroleum, bitum tal-petroleum u residwi oħrajn taż-żjut tal-petroleum jew taż-żjut miksubin mill-minerali bituminużi
2714	Bitum u asfalt, naturali; shale bituminuż jew taż-żejt u ramel tal-qatran asfaltiti u blat asfaltiku
2715	Mastiċi bituminużi, cut-backs u taħlitiet oħrajn bituminużi bbażati fuq l-asfalt naturali, fuq qatran naturali, fuq li-bitum tal-petroleum, fuq il-qatran minerali jew fuq iż-żift tal-qatran minerali
2803	Karbonju (iswed tal-karbonju u forom oħra ta' karbonju mhux speċifikati jew inklużi banda oħra)
2811	Aċidi inorganiċi u komposti tal-ossiġenu inorganiċi tan-nonmetalli (minbarra klorur tal-idroġenu (aċidu idrokloriku), aċidu klorosulfuriku, aċidu sulfuriku, oleum, aċidu nitriku, aċidi sulfonitriċi, pentaossidu tad-difosfru, aċidu fosforiku, aċidi polifosforiċi, ossidi tal-boron u aċidi boriċi)
2818	Kurindun artifiċjali, kemm jekk definit kimikament u kemm jekk le; ossidu tal-aluminju; idrossidu tal-aluminju
ex 2825	Idrazina u idrossilammina u mlieħ inorganiċi tagħhom; bażijiet inorganiċi oħrajn; ossidi, idrossidi u perossidi tal-metall oħrajn, għajr il-kodiċijiet NM 28252000 u 28253000

Kodiċi NM	Isem l-oġġett
2834	Nitriti; nitrati
ex 2835	Fosfinati (ipofosfiti), fosfonati (fosfiti) u fosfati; polifosfati, kemm jekk definiti kimikament u kemm jekk le, għajr il-kodiċi NM 28352600
2836	Karbonati; perossikarbonati “perkarbonati”; karbonat tal-ammonju kummerċjali li jkun fih il-karbamat tal-ammonju
ex 2901	Idrokarburi aċikliċi, għajr il-kodiċi 29011000
2902	Idrokarburi ċikliċi
2903	Derivattivi aloġenati tal-idrokarburi
2905	Alkoħols aċikliċi u derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrożati tagħhom
2907	Fenoli; fenolalkoħols
2909	Eteri, eter-alkoħols, eter-fenoli, eter-alkoħol-fenoli, perossidi tal-alkoħol, perossidi tal-etere, perossidi aċetali u emiaċetali, perossidi tal-keton (kemm jekk definiti kimikament u kemm jekk le), u derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrożati tagħhom
2914	Ketoni u kinoni, kemm jekk b’funzjoni ossiġenu u kemm jekk le, u derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrożati tagħhom
2915	Aċidi monokarbossiliċi aċikliċi saturati u anidridi, aloġenuri, perossidi u perossiaċidi tagħhom; derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrożati tagħhom
2917	Aċidi polikarbossiliċi, anidridi, aloġenuri, perossidi u perossiaċidi tagħhom; derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrożati tagħhom
2922	Komposti tal-ammino b’funzjoni ta’ ossiġenu
2923	Imlieħ u idrossidi ta’ ammonju kwaternarju; leċitini u fosfoamminolipidi oħrajn, kemm jekk definiti kimikament u kemm jekk le
2931	Komposti organo-inorganiċi definiti kimikament separati (minbarra komposti organo-sulfuriċi u dawk tal-merkurju)
2933	Komposti eteroċikliċi b’eteroatomu/i tan-nitroġenu biss

Kodiċi NM	Isem l-oġġett
310420	Klorur tal-potassju
310520	Fertilizzanti minerali jew kimiċi li fihom it-tliet elementi fertilizzanti nitroġenu, fosforu u potassju
310560	Fertilizzanti minerali jew kimiċi li fihom iż-żewġ elementi fertilizzanti fosforu u potassju
ex 31059020	Fertilizzanti oħrajn li fihom il-klorur tal-potassju
ex 31059080	Fertilizzanti oħrajn li fihom il-klorur tal-potassju
3301	Żjut essenzjali, kemm jekk bla terpeni u kemm jekk le, inkluż essenzi konkreti u essenzi assoluti; reżinojdi; oleorażi estratti; konċentrati taż-żjut essenzjali fix-xaħmijiet, żjut fissi, xemgħa jew bħalhom, magħmulin permezz tal-enfleurage jew tal-inqigħ; prodotti sekondarji terpeniċi tad-deterpenazzjoni taż-żjut essenzjali; distillati milwiema u soluzzjonijiet milwiema taż-żjut essenzjali
3304	Preparati tas-sbuħija jew tal-make-up u preparati għall-kura tal-ġilda, inklużi preparati għall-protezzjoni mix-xemx jew għas-smura tal-ġilda bix-xemx (għajr medikamenti); preparati għall-manicure u għall-pedicure
3305	Preparati għal użu fuq ix-xagħar
3306	Preparati għall-iġjene tal-ħalq u tas-snien, inkluż pastes u trabijiet għat-twaħħil tad-dentaturi; raden għat-tindif bejn is-snien (dental floss), f'pakketti individwali għall-bejgħ bl-imnut
3307	Preparati għal qabel, waqt jew wara t-tqaxxir tal-leħja, id-deodoranti personali, il-preparati għall-banju, id-depilatorji u preparati tal-fwejjaħ, kożmetiċi jew tat-twaletta oħrajn, mhux speċifikati jew inklużi banda oħra; deodorizzanti ppreparati għall-kmamar, kemm jekk ikunu mfewħin jew bi proprjetajiet diżinfettanti u kemm jekk le
3401	Sapun; prodotti tensjoattivi organiċi u preparati għall-użu bħala sapun, fil-forma ta' sapuna jew biċċiet iffurmati, kemm jekk ikun fihom is-sapun u kemm jekk le; prodotti tensjoattivi organiċi u preparati għall-ħasil tal-ġilda, fil-forma ta' likwidu jew krema u ppreżentati għall-bejgħ bl-imnut, kemm jekk ikun fihom is-sapun u kemm jekk le; karti, wattiet, feltri u d-drappijiet mhux minsuġin, imprenjati, miksijin jew mgħottijin bis-sapun jew bid-deterġent
3402	Aġenti tensjoattivi organiċi (għajr is-sapun); preparati tensjoattivi, preparati għall-ħasil, inkluż preparati awżiljarji għall-ħasil u preparati għat-tindif, kemm jekk ikun fihom is-sapun u kemm jekk le (għajr dawk tal-intestatura 3401)

Kodiċi NM	Isem l-oġġett
3404	Xemgħat artifiċjali u xemgħat ippreparati
3801	Grafit artifiċjali; grafit kollojdali jew semikollojdali; preparati bbażati fuq grafit jew karbonju ieħor f'forma ta' pastes, blokok, pjanċi jew prodotti semimanifatturati oħrajn
3811	Preparati antidetonanti, inibituri tal-ossidazzjoni, inibituri tal-gomma, tejjieba tal-viskożità, preparati kontra l-korrużjoni u addittivi ppreparati oħrajn, għaż-żjut minerali, inkluż gażolina, jew għal likwidi oħrajn użati għall-istess finijiet bħaż-żjut minerali
3812	Aċċeleraturi tal-lastiku ppreparati; plastifikanti komposti għal-lastiku jew għall-plastik, li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra; preparati antiossidanti u stabbilizzaturi komposti oħrajn għal-lastiku u għall-plastik
3817	Alkilbenżeni mħalltin u alkilnaftaleni mħalltin prodotti mill-alkilazzjoni tal-benżen u naftalina (minbarra isomeri mħallta ta' idrokarboni ċikliċi)
3819	Fluwidi tal-brejkijiet idrawliċi u likwidi ppreparati oħrajn għat-trażmissjoni idrawlika li ma jkun fihom jew ikun fihom < 70 % skont il-piż ta' żjut tal-petroleum jew żjut miksubin minn minerali bituminużi
3823	Aċidi xaħmin monokarbossiliċi industrijali; żjut aċiduż mir-raffinar; alkoħols xaħmin industrijali
3824	Leganti ppreparati għall-forom jew għall-qlub tal-fonderija; prodotti u preparati kimiċi tal-industriji kimiċi jew industriji konnessi inkluż dawk li jikkonsistu f'taħlitiet ta' prodotti naturali, mhux speċifikati banda oħra
3901	Polimeri tal-etilen, fil-forom primarji
3902	Polimeri tal-propilen jew ta' olefini oħrajn, fil-forom primarji
3903	Polimeri tal-istiren, fil-forom primarji
3904	Polimeri tal-klorur tal-vinil jew ta' olefini aloġenati oħrajn, fil-forom primarji
3907	Poliaċetali, polieteri oħrajn u r-raży tal-epossidu, fil-forom primarji; il-polikarbonati, raży tal-alkid, esteri tal-poliallil u poliesteri oħrajn, fil-forom primarji
3908	Poliammidi fil-forom primarji
3916	Monofilament li kwalunkwe dimensjoni trażversali tiegħu tkun > 1 mm, vireg, stikek u l-forom profilati, kemm jekk bis-superfiċje maħduma u kemm jekk le iżda li ma jkunux maħdumin mod ieħor, tal-plastik

Kodiċi NM	Isem l-oġġett
3917	Tubi, pajpijiet u pajpijiet flessibbli, u fittings għalihom, eż. ġonot, elbows, flanġijiet, tal-plastik
3919	Pjanċi, folji, ir-riti, fojls, tapes, strixxi u forom ċatti oħrajn awtoadeżivi, tal-plastik, kemm jekk f'rombli u kemm jekk le (għajr kisi tal-art, tal-ħajt u tas-saqaf tal-intestatura 3918)
3920	Pjanċi, folji, riti, fojls u strixxi, tal-plastik, mhux ċellulari u mhux rinfurzati, laminati, appoġġati jew ikkombinati b'mod simili ma' materjali oħrajn, mingħajr rinforz, mhux maħduma jew sempliċement bil-wiċċ maħdum jew sempliċement maqtugħa f'kaxex jew rettangoli (għajr prodotti awtoadeżivi, u kisi tal-art, tal-ħajt u tas-saqaf tal-intestatura 3918)
3921	Pjanċi, folji, riti, fojls u strixxi oħrajn, tal-plastik rinfurzati, laminati, appoġġati jew ikkombinati b'mod simili ma' materjali oħra, jew tal-plastik ċellulari, mhux maħduma jew sempliċement bil-wiċċ maħdum jew sempliċement maqtugħa f'kaxex jew rettangoli (għajr prodotti awtoadeżivi, u kisi tal-art, tal-ħajt u tas-saqaf tal-intestatura 3918)
3923	Oġġetti għall-ġarr jew għall-imballaġġ tal-oġġetti, tal-plastik; tappijiet, għotjien, kapsuli u sistemi tal-għeluq oħrajn, tal-plastik
3925	Oġġetti tal-bennejja tal-plastik, li mhumiex speċifikati banda oħra
3926	Oġġetti tal-plastik u oġġetti ta' materjali oħrajn tal-intestaturi 3901 sa 3914 li mhumiex speċifikati banda oħra
4002	Lastiku sintetiku u factice derivat miż-żjut, fil-forom primarji jew fi pjanċi, folji jew strixxi; taħlitiet ta' lastiku naturali, balatá, guttaperka, guayule, chicle jew gomom naturali simili b'lastiku sintetiku jew factice, fil-forom primarji jew fi pjanċi, folji jew strixxi
4011	Tajers pnewmatiċi ġodda, tal-lastiku
4107	Ġilda li ngħatat aktar trattament wara l-ikkonzar u l-crusting (li tinkludi l-ġilda pparċminata), tal-annimali bovini (inkluż il-buflu) jew tal-ekwini, imġiżża, kemm dawk imxerrħa kif ukoll dawk li mhumiex (għajr il-ġilda tal-kamoxxa, il-ġilda tal-alakka, il-ġilda tal-alakka laminata u l-ġilda metallizzata)

Kodiċi NM	Isem l-oġġett
4202	Bagolli, valiġġi, valiġetti għall-oġġetti tat-twaletta, valiġetti għad-dokumenti, basktijiet tal-iskola, cases għan-nuċċalijiet, cases għat-trombi, cases għall-kameras, cases għall-istrumenti mużikali, cases għall-ixkubetti, stoċċijiet tal-pistola u kontenituri simili; bagalji għas-safar, boroż iżolati għall-ikel jew għax-xarbiet, boroż tat-twaletta, barżakki, handbags, boroż tax-xiri, kartieri, portmonijiet, cases għall-mapep, kaxxetti għas-sigaretti, boroż tat-tabakk, boroż tal-għodda, boroż tal-isports, cases tal-fliexken, kaxex għall-ġojjellerija, kaxex tat-terra, cases tal-pożati u kontenituri bħalhom, tal-ġilda jew tal-ġilda rikostitwita, tal-folji tal-plastik, ta' materjali tessili, ta' fibra vulkanizzata jew tal-kartun, jew kollha jew prinċipalment miksijin b'dawn il-materjali jew bil-karta
4301	Ġlud tal-pelliċċerija grezzi, inkluż bl-irjus, bid-dnub, bis-saqajn u partijiet jew qatgħat oħrajn, tajbin biex jintużaw mill-pelliċċier (għajr il-ġlud grezzi u l-ġlud tal-intestaturi 4101, 4102 jew 4103)
44	Injam u oġġetti tal-injam; faħam tal-injam
4703	Polpa tal-injam kimika, soda jew sulfat (għajr ta' gradi solubbli)
4705	Polpa tal-injam miksuba b'taħlita ta' proċessi mekkaniċi u kimiċi għall-produzzjoni tal-polpa
4801	Karta tal-gazzetti kif speċifikat fin-Nota 4 tal-Kapitolu 48, f'rombli ta' wisa' > 28 cm jew f'folji kwadri jew rettangulari li meta ma jkunux mitnijin ikollhom ġenb > 28 cm u l-ġenb l-ieħor > 15-il cm.
4802	Karta u kartun mhux miksijin, tat-tip użat għall-kitba, stampar jew finijiet grafiċi oħrajn, u kartun tal-ippanċjar u karta għat-tejp tal-ippanċjar mhux perforati, f'rombli jew folji kwadri jew rettangulari, ta' kwalunkwe qies, u karta u kartun magħmulin bl-idejn (għajr karta tal-gazzetta tas-subintestatura 4801 u karta tal-intestatura 4803)
4803	Materjal lest biex minnu jsir tixju tat-toilet jew tal-wiċċ, materjal lest għax-xugamani jew srievet u karta simili tat-tip użata għal finijiet tad-dar jew sanitarji, wattiet taċ-ċelluloża u nsiġ ta' fibri taċ-ċelluloża, imġegħdin (creped) jew le, imkemmxin, intaljati, perforati, bis-superfiċje kkulurita, bis-superfiċje mżejna jew stampata, f'rombli ta' wisa' > 36 cm jew f'folji kwadri jew rettangulari li meta ma jkunux mitnijin ikollhom ġenb > 36 cm u l-ġenb l-ieħor > 15-il cm.
4804	Karta u kartun kraft mhux miksi, f'rombli ta' wisa' > 36 cm jew f'folji kwadri jew rettangulari li meta ma jkunux mitnijin ikollhom ġenb > 36 cm u l-ġenb l-ieħor > 15-il cm (għajr oġġetti tal-intestatura 4802 jew 4803)
4805	Karta jew kartun oħrajn mhux miksi, f'rombli ta' > 36 cm jew f'folji kwadri jew rettangulari li meta ma jkunux mitnijin ikollhom ġenb > 36 cm u l-ġenb l-ieħor > 15-il cm, mhux maħdumin għajr kif speċifikat fin-Nota 3 ta' dan il-Kapitolu, mhux speċifikat banda oħra

Kodiċi NM	Isem l-oġġett
4810	Karta u kartun, miksijin min-naħa waħda jew miż-żewġ naħat bil-kawlina (tafal tal-kawlina) jew sustanzi oħrajn inorganiċi, b'legant jew le, u mingħajr ebda kisja oħra, bis-superfiċje kkulurita, bis-superfiċje imżejna jew stampata f'rombli jew f'folji kwadri jew rettangulari jew le, ta' kwalunkwe qies (għajr il-karti u l-kartun miksijin l-oħrajn kollha)
4811	Karta, kartun, wattiet taċ-ċelluloża u nsiġ ta' fibri taċ-ċelluloża, miksijin, imprenjati, mgħottijin, bis-superfiċje kkulurita, bis-superfiċje mżejna jew stampata, f'rombli jew f'folji kwadri jew rettangulari, ta' kwalunkwe qies (għajr oġġetti tal-intestaturi 4803, 4809 jew 4810)
4818	Karta tat-tojlit u karta simili, wattiet taċ-ċelluloża jew insiġ ta' fibri taċ-ċelluloża, tat-tip użati għall-finijiet tad-dar jew sanitarji, f'rombli ta' wisa' <= 36 cm, jew maqtugħin għal qies jew forma; imkatar, tixjus għat-tindif, xugamani, tvalji, srievet, lożor u oġġetti simili tad-dar, sanitarji jew tal-isptar, oġġetti ta' lbies u aċċessorji tal-ħwejjeġ, ta' polpa tal-karta, ta' karta, ta' wattiet taċ-ċelluloża jew ta' nsiġ ta' fibri taċ-ċelluloża
4819	Kartun, kaxxi, cases, boroż u kontenituri oħrajn tal-ippakkjar, ta' karta, kartun, wattiet taċ-ċelluloża jew insiġ ta' fibri taċ-ċelluloża, mhux speċifikat banda oħra; box files, trejs tal-ittri, u oġġetti simili, ta' kartun, tat-tip użati f'uffiċċji, ħwienet jew bħalhom
4823	Karta, kartun, wattiet taċ-ċelluloża u nsiġ ta' fibri taċ-ċelluloża, fi strixxi jew f'rombli ta' wisa' <= 36 cm jew inqas, f'folji rettangulari jew kwadri li meta ma jkunux mitnijin ma jkollhom l-ebda ġenb > 36 cm, jew maqtugħin għall-forma għajr rettangolari jew kwadra, u oġġetti oħrajn ta' polpa tal-karta, karta, kartun, wattiet taċ-ċelluloża jew insiġ ta' fibri taċ-ċelluloża, mhux speċifikati banda oħra
5402	Raden ta' filament sintetiku inkluż il-monofilament sintetiku ta' < 67 deċiteks, (għajr il-ħajt tal-ħjata u raden imqiegħed għall-bejgħ bl-imnut)
5601	Wattiet magħmulin minn materjali tessili u oġġetti magħmula minnhom; fibri tessili b'tul ta' <= 5 mm "trofof", trab u żlielem tessili (minbarra wattiet u oġġetti minnu imprenjati jew miksijin b'sustanzi farmaċewtiċi jew imqiegħda għall-bejgħ bl-imnut għal finijiet mediċi, kirurġiċi, dentali jew veterinarji, u prodotti imprenjati, miksijin jew mgħottija bi fwejjaħ, kożmetiċi, sapun, eċċ.)
5603	Drappijiet mhux minsuġin, kemm dawk imprenjati, miksijin, mgħottijin jew laminati u kif ukoll dawk li mhumiex, mhux speċifikati banda oħra

Kodiċi NM	Isem l-oġġett
6204	Ilbiesi intieri, tibdiliet ikkoordinati, ġkieket, blejżers, ilbiesi, dbielet, dbielet mifrudin, qliezet twal, overalls tat-tip "bib and brace", qliezet ta' taħt l-irkoppa u xorzijiet (għajr ġkieket għar-riħ innittjati jew maħdumin bil-ganċ u oġġetti simili, dbielet ta' taħt, ilbiesi ta' taħt u qliezet ta' taħt, tracksuits, ilbiesi tal-iskijar u malji tal-għawm) tan-nisa jew tal-bniet
6305	Xkejjer u boroż, tat-tip li jintużaw għall-ippakkjar ta' oġġetti, ta' kull tip ta' materjal tessili
6403	Xedd is-saqajn bil-pett ta' barra tal-lastiku, tal-plastik, tal-ġilda jew tal-ġilda rikostitwita u bil-wiċċ tal-ġilda (għajr xedd is-saqajn ortopediku, boots għall-iskating magħqudin ma' skejz tas-silġ jew rollerskates, u xedd is-saqajn tal-logħob)
6806	Fibri tal-gagazza, fibra tal-ġebel u fibri minerali simili; vermikulat sfoljat, tafal espandut, gagazza espanduta u materjali minerali simili espanduti; taħlitiet u oġġetti ta' materjali minerali iżolanti għas-sħana, iżolanti għall-ħoss jew li jassorbu l-ħoss (għajr oġġetti tal-konkos ħafif, tal-asbestos, tas-siment tal-asbestos, tas-siment tal-fibra ċelluloża jew il-bqija, taħlitiet u oġġetti oħra tal-asbestos jew ibbażati fuqu, u prodotti taċ-ċeramika)
6807	Oġġetti tal-asfalt jew ta' materjal simili, pereż. bitum tal-petroleum jew żift tal-qatran tal-faħam
6808	Pannelli, twavel, madum, blokki u oġġetti simili tal-fibra veġetali, tat-tiben jew taċ-ċana, laqx, partikuli, serratura jew skart ieħor tal-injam, agglomerat mas-siment, mal-ġibs jew ma' leganti minerali oħrajn (għajr oġġetti tas-siment tal-asbestos, tas-siment tal-fibra ċelluloża jew simili)
6810	Oġġetti tas-siment, tal-konkos jew tal-ġebel artifiċjali, rinfurzati jew le
6814	Majka maħduma jew oġġetti tal-majka, inkluża majka agglomerata jew rikostitwita, kemm jekk fuq irfid tal-karta, kartun jew materjali oħrajn kif ukoll jekk le (għajr iżolaturi elettriċi, fittings iżolanti, reżisturi u kapaċitaturi, gogils protettivi tal-majka u n-nuċċalijiet tagħhom, u majka fil-forma ta' tiżjin tas-siġar tal-Milied)
6815	Oġġetti tal-ġebel jew ta' sustanzi minerali oħrajn, inklużi fibri tal-karbonju, oġġetti ta' fibri tal-karbonju u oġġetti tal-peat, li mhumiex speċifikati banda oħra
6902	Briks, blokok, madum refrattarju u oġġetti simili taċ-ċeramika refrattarja għall-kostruzzjoni (għajr dawk ta' frakass fossili siliċuż jew ta' materjal tal-art siliċuż simili)
6907	Ċangaturi u madum taċ-ċeramika għall-pavimenti, għall-qigħan taċ-ċmieni u għall-ħitan; kubi tal-mużajk taċ-ċeramika u oġġetti bħal dawn, fuq rifda jew le (għajr ta' frakass fossili siliċuż jew ta' materjal tal-art siliċuż simili, oġġetti refrattarji, madumiet adattati apposta bħala mats tal-mejda, oġġetti ornamentali u madumiet immanifatturati speċifikament għall-istufi)

Kodiċi NM	Isem l-oġġett
7005	Float glass, u ħġieġ bil-wiċċ immattjat jew illustrat, f'folji, b'saff assorbenti, riflettenti jew mhux riflettenti jew mingħajru, iżda mhux maħdum mod ieħor
7007	Ħġieġ tas-sikurezza, magħmul minn ħġieġ ittemprat jew illaminat
7010	Damiġġani, fliexken, flasks, vażetti, borom, fjali, impulluzzi u kontenituri oħrajn, tal-ħġieġ, tat-tip użati għall-ġarr jew għall-ippakkjar tal-prodotti; vażetti tal-ħġieġ għall-ippreservar; tappijiet, għotien u sistemi oħra tal-għeluq, tal-ħġieġ
7019	Fibri tal-ħġieġ (inkluż suf tal-ħġieġ) u oġġetti magħmula minnhom (pereżempju, raden, rovings, fibri minsuġin)
7104	Ħaġar prezzjuż jew semiprezzjuż, sintetiku jew rikostrutt, maħdum jew iggradat jew le iżda mhux midmum, immuntat jew ingastat; ħaġar prezzjuż jew semiprezzjuż artifiċjali jew rikostrutt mhux iggradat, midmum temporanjament għal konvenjenza fil-ġarr
7106	Fidda (inkluż fidda maħsula bid-deheb jew platinu), mhux maħduma jew f'għamliet semimanifatturati, jew f'għamla ta' trab
7112	Skart u skrapp ta' metall prezzjuż jew ta' metall imlibbes b'metall prezzjuż; skart u skrapp ieħor li fih metall prezzjuż jew komposti ta' metall prezzjuż, li prinċipalment jintużaw għall-irkupru tal-metall prezzjuż (għajr skart u skrapp ieħor imdewweb fi blokki mhux maħduma, ingotti jew forom simili)
7115	Oġġetti ta' metall prezzjuż jew ta' metall imlibbes b'metall prezzjuż, mhux speċifikat banda oħra
7201	Ħadid fondut grezz u spiegeleisen f'ingotti, blokok jew forom oħrajn primarji
7202	Ligi tal-ħadid
7203	Prodotti tal-ħadid magħmulin bir-riduzzjoni diretta tal-mineral tal-ħadid u prodotti oħrajn sponżin ferrużi, f'ċapep, pellets jew forom simili; ħadid b'purità minima skont il-piż ta' 99,94 %, f'ċapep, pellets jew forom simili
7205	Granuli u trabijiet, tal-ħadid fondut grezz, tal-ispiegeleisen, tal-ħadid jew tal-azzar
7408	Wajer tar-ram
7604	Żbarri, vireg u profili tal-aluminju
7605	Wajer tal-aluminju
7606	Pjanċi, folji u strixxi tal-aluminju, eħxen minn 0,2 mm

Kodiċi NM	Isem l-oġġett
7607	Fojl tal-aluminju (stampat jew miksi b'karta, kartonċin, plastik jew materjali simili ta' rfid jew le) ta' ħxuna (eskluż kwalunkwe rfid) mhux aktar minn 0,2 mm
7608	Tubi u pajpijiet tal-aluminju
7801	Ċomb mhux maħdum
8207	Għodod interkambjabbli għall-għodda tal-idejn, motorizzati jew le, jew għal makkinarju għodda (eż. tal-ippressar, tal-istampar, li jagħmlu t-toqob, tal-ittapsjar, tal-qtugħ ta' kamini fuq barra, għat-titqib, għat-tħaffir, għall-broaching, għall-milling, l-inturnjar jew l-invitar), inklużi dies għal ġbid jew l-estrużjoni ta' metalli, u għodod għat-titqib tal-blat jew għat-tħaffir tal-art
8212	Għodod għat-tqaxxir tal-leħja u xfafar tal-leħja ta' bażi metallika, inklużi blanks tax-xfafar tal-leħja fi strixxi
8302	Montaturi, fittings u oġġetti simili ta' metall komuni tajbin għal għamara, bibien, turġien, twieqi, blinds, karrozzerija, oġġetti tas-sarraġ, bagolli, sniedaq, kaxxetti jew bħalhom; dniedel tal-kpiepel, witet tal-kpiepel, brackets u fixtures simili tal-metall komuni; castors b'montaturi tal-metall komuni; apparat tal-metall komuni għall-għeluq awtomatiku tal-bibien
8309	Tappijiet, inklużi tappini, tappijiet bil-kamin u tappijiet tat-tferrigħ, għotjien, kapsuli għall-fliexken, tappijiet bil-kamin għall-btieti/ġarer, kuperċi tat-tappijiet, siġilli u aċċessorji oħrajn għall-ippakkjar magħmula minn metalli komuni
8407	Magni tal-kombustjoni interna bil-pistuni reċiprokanti jew rotatorji mqabbdin bi spark
8408	Magni tal-kombustjoni interna bil-pistuni mqabbda bil-kompressjoni (diżil jew semi-diżil)
8409	Parts tajbin biss jew prinċipalment biex jintużaw mal-magni tal-kombustjoni interna bl-pistuni tal-intestatura 8407 jew 8408
Ex 8411	Turbojets, turbopropellers u turbini oħrajn tal-gass bl-eċċezzjoni ta' parts ta' turbojets jew turbopropellers tal-kodiċi NM 8411 91 00
8412	Magni u muturi (għajr turbini tal-istim, magna tal-kombustjoni interna bil-pistuni, turbini idrawliċi, roti tal-ilma, turbini tal-gass u muturi elettriċi); parts tagħhom
8413	Pompi għal likwidi, mgħammrin b'apparat għall-kejl jew le (għajr pompi taċ-ċeramika u pompi li jiġbdu t-tnixxijiet għall-użu mediku u pompi mediċi li jinġarru jew ikunu impjantati fil-ġisem); elevaturi tal-likwidi (għajr pompi); parts tagħhom

Kodiċi NM	Isem l-oġġett
8414	Pompi tal-arja jew tal-vakwu (għajr elevaturi tal-komposti tal-gass u skalaturi u conveyors pnewmatiċi); kompressuri u fannijiet ta' arja jew gass ieħor; hoods għall-ventilazzjoni jew għar-riċiklaġġ tal-arja li fihom fann, kemm jekk mgħammrin b'filters u kemm jekk le; parts tagħhom
8418	Friġġijiet, friżi u tagħmir ieħor għat-tkessiħ jew iffriżar, tal-elettriku jew oħrajn; pompi tas-sħana, parts tagħhom (għajr magni tal-arja kundizzjonata tal-intestatura 8415)
8419	Makkinarju, apparat jew tagħmir tal-laboratorju, imsaħħan bl-elettriku jew le (għajr fran, u tagħmir ieħor tal-intestatura 8514), għat-trattament ta' materjali bi proċess li jinvolvi bidla ta' temperatura bħal tisħin, tisjir, xiwi, iddistillar, rettifikar, sterilizzar, pastorizzar, tisjir bl-istim, tnixxif, evaporar, vaporizzar, ikkondensar jew tkessiħ (għajr makkinarju jew impjant ta' tip użat għal finijiet domestiċi); heaters tal-ilma istantanji jew tal-ilma maħżun, mhux tal-elettriku; parts tagħhom
8421	Magni ċentrifugali, inkluż magni tat-tnixxif ċentrifugali li jnixxef (għajr dawk għas-separazzjoni ta' iżotopi); makkinarju u apparat li jiffiltraw jew isaffu, likwidi jew gassijiet; parts tagħhom (għajr kliewi artifiċjali)
8422	Magni għall-ħasil tal-platti; makkinarju għat-tindif jew għat-tnixxif ta' fliexken jew kontenituri oħrajn; makkinarju għall-mili, għeluq, issiġillar jew twaħħil ta' tikketti ma' fliexken, laned, kaxex, boroż jew kontenituri oħrajn; makkinarju għat-tqegħid tal-għotien ta' fliexken, vażetti, tubi u kontenituri simili; makkinarju ieħor għal ippakkjar jew tgeżwir, inkluż makkinarju għall-heat shrink wrapping; makkinarju għall-aerazzjoni tax-xorb; parts tagħhom
8424	Apparat mekkaniku, tal-idejn jew le, għax-xħit, it-tixrid jew it-traxxix ta' likwidi jew trabijiet, mhux speċifikat banda oħra; apparat għat-tifi tan-nar, ikkargat jew le (għajr bombi u granati tat-tifi tan-nar); apparat għat-traxxix u tagħmir simili (għajr magni u apparat tal-elettriku għall-isprejjar bit-tisħin ta' metalli u ċermiti tal-intestatura 8515); magni tal-istim jew tas-sandblasting u magni simili bil-ġettijiet; parts tagħhom, mhux speċifikat banda oħra
8426	Deriks ta' vapuri; krejnijiet, inklużi krejnijiet bil-kejbil (għajr krejnijiet immuntati bir-roti u krejnijiet tal-vetturi għal-linji tal-ferroviji); oqfsa tal-irfigħ mobbli, straddle carriers u trakkijiet tax-xogħol mgħammrin bi krejn
8431	Parts tajbin biss jew prinċipalment għal użu mal-makkinarju tal-intestaturi 8425 sa 8430
8450	Magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ għad-dar jew tat-tip li jintużaw fil-laundries, inkluż magni li jaħslu kif ukoll inixxfu; partijie tagħhom

Kodiċi NM	Isem l-oġġett
8455	Laminaturi tal-metall u r-rombli tagħhom; parts tal-laminaturi tal-metall
8466	Parts u aċċessorji tajbin biss jew prinċipalment għal użu mal-magni tal-intestaturi 8456 sa 8465, inkluż holders tax-xogħol jew tal-għodda, dieheads jinfetħu waħedhom, dividing heads u apparat anċillari ieħor speċjali għall-magni, mhux specifikat banda oħra; holders tal-għodda għal kwalunkwe tip ta' għodda biex taħdem fl-idejn
8467	Għodod biex jaħdmu fl-idejn, pnewmatiċi, idrawliċi jew b'mutur elettriku jew mhux elettriku fihom stess; parts tagħhom
8471	Magni għall-ipproċessar awtomatiku tad-data u unitajiet tagħhom; apparat li jaqra b'sistema manjetika jew ottika, magni biex jittraskrivu *data* fuq media tad-*data* f'għamla kkowdjata u magni biex jipproċessaw din id-*data*, li mhumiex speċifikati banda oħra
